**Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int.Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard C. Spiteri)**

**-vs-**

**Saviour Micallef, iben Felix u Clementa neè Galea, imwieled Rabat, Għawdex fid-9 ta' Jannar 1962, residenti 68, Triq il-Kunsill Ċiviku, Rabat, Għawdex, detentur tal-karta tal-identità numru 1962G**

*Kumpilazzjoni Numru 19/2022*[1]

**Illum, 22 ta' Diċembru, 2023**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat Saviour Micallef u ċioe` talli:

> Nhar it-tmintax (18) ta' April 2018 għall-ħabta ta' 9.25a.m. u/jew fil-ġranet ta' qabel, waqt li kien qiegħed isir xogħol ta' struzzjoni u/jew taħt is-superviżjoni tiegħu ġewwa fond bin-numru 3, fi Triq Sir Adrian Dingli, Rabat, Għawdex u jew/fil-viċinanzi:

1. B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, involontarjament ikkaġuna ħsara jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli u dana ai

[1] Fol.522

dannu tal-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali u/jew il-Gvern ta' Malta u dan bi ksur tal-Artikolu 328 tal-Kap. 9;

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi xjentement jew b'negliġenza, nuqqas ta' ħila jew ta' osservanza ta' regolamenti ikkaġuna dannu lil jew qered proprjetà kulturali sew jekk tali proprjetà hija jew mhix reġistrata skond l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali u dan bi ksur tal-Artikolu 70(1)(a) tal-Kap. 445;

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi wettaq xogħlijiet ta' żvilupp jew ħalla li jitwettqu xogħlijiet ta' żvilupp taħt ir-responsabbiltà tiegħu, li permezz tagħhom twaqqa' parti mill-fortifikazzjonijiet ta' madwar iċ-Ċittadella liema struttura hija skedata skond l-Avviż numru 427 maħruġ fil-Gazzetta tal-Gvern ta' nhar is-27 ta' Ġunju 1995 u dan kollu bi ksur tal-artikolu 103(1)(b) tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp (tal-Kap. 552).

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, ai termini tal-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li f'din il-kawża kienet ngħatat sentenza minn din il-Qorti diversament preseduta nhar is-16 ta' Settembru, 2021;

Rat li b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali mogħtija nhar is-27 ta' Jannar, 2022, il-Qorti ordnat li l-atti ta' dan il-proċediment jiġu rimandati lill-ewwel Qorti sabiex il-każ jiġi deċiż mill-ġdid;

Illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta fl-"Assenjazzjonijiet ta' Kawża" mogħti mis-S.T.O. Prim Imħallef Joseph Azzopardi fil-31 ta' Ottubru 2018.[2]

Illi l-ewwel seduta minn din il-Qorti kif preseduta saret nhar il-25 ta' Frar, 2022;[3]

Rat li f'dik l-ewwel seduta l-Qorti ġiet eżentata mis-smigħ mill-ġdid tal-provi ġa mismugħa;[4]

---

[2] Fol.519(a)
[3] Fol.522
[4] Fol.523

Rat id-delega tal-Avukat Ġenerali lill-Kummissarju tal-Pulizija tad-9 ta' Frar 2022 maħruġa bis-saħħa tas-subregolament (3) tar-regolament 2 tar-Regolamenti dwar Prosekuzzjoni ta' Reati (Dispożizzjoni Tranżitorji) (Leġislazzjoni Sussidjarja 90.01);[5]

Rat il-verbal tal-partijiet li l-provi u xhieda li nstemgħu fil-proċedimenti fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Anthony Ġorġ Bugeja* u *Il-Pulizija vs Mark Agius et* jgħoddu daqs li kieku nstemgħu f'din il-kawża.[6] Verbal simili kien sar nhar it-tlettax (13) ta' Marzu, 2020.[7]

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tat-22 ta' Ġunju, 2022, permezz ta' liema bagħtet lill-imputat biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub fis-segwenti artikoli:[8]

- Fl-artikolu 328(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 70(1)(a)(3) tal-Kapitolu 445 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 103(1)(b), 57 u 58 tal-Kapitolu 552 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 17, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
- Fl-artikolu 377 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat ma kellux oġġezzjoni biex il-każ jiġi hekk trattat.[9]

Semgħet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat in-noti preżentati mill-partijiet.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

Fl-ewwel lok, in lineja mar-regola desunta *a contrario sensu* minn dak li jipprovdi l-paragrafu (b) tal-Artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, liema regola ġiet konstantament applikata mill-qrati tagħna, ko-imputat isir xhud kompetenti fir-

---

[5] **Dok.AG** a fol.528
[6] Fol.546
[7] Fol.5 iżda dan il-verbal tat-13 ta' Marzu 2020 jinsab inserit skorrettament u ċioè qabel il-verbal u xhieda tat-18 ta' Frar, 2020. Ix-xhieda tat-13 ta' Marzu tinsab a fol.192 et seq
[8] Fol.640
[9] Fol.645

rigward ta' ko-imputat ieħor biss wara li l-każ fil-konfront tiegħu jkun ġie definittivament deċiż.[10] Għalhekk dak li xehdu ko-imputati fl-inkjesta u f'dawn l-istess proċeduri mhux qed jiġi kkunsidrat ai fini tas-sentenza fil-konfront tal-imputat.

Fit-tieni lok jiġi rilevat li kopji ta' ritratti bil-kulur esebiti f'dawn l-atti jinsabu fl-atti *Il-Pulizija vs Mark Agius et* liema proċeduri nstemgħu kontestwalment ma' dan il-proċediment.

Illi ġiet esebita vera kopja tal-**proċess Verbal** redatt mill-Onor. Maġistrat Dr. Joanne Vella Cuschieri.[11]

l-**Ispettur Bernard Spiteri** spjega kif saret inkjesta maġisterjali wara li kien hemm kollass ta' ħajt tas-swar taċ-Ċittadella. Kienet il-Planning Authority li permezz ta' ittri datati t-8 ta' Lulju, 2019 talbet li jittieħdu proċeduri kriminali fil-konfront, *inter alia,* tal-imputat.[12] It-talba tal-Planning Authority kienet sabiex dan il-proċediment isir għall-ksur kontemplat bl-artikolu 103(1)(b) tal-Kapitolu 552 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-espert **Perit Alex Torpiano** ippreżenta r-rapport tiegħu. Fil-fehma tal-abbli espert kienet it-tneħħija taż-żewġt ikmamar, fuq kull naħa tal-bitħa tal-fond nru.3 Triq Sir Adrian Dingli, Victoria, li wasslet għall-kollass tal-ħajt in kwistjoni. Fir-rapport minn tiegħu jiddikjara:

*Illi x-xiehda turi li x-xogħol fuq il-ħajt in kwistjoni, biex infetħu l-bieb u żewġ twieqi, saru skont il-permess approvat mill-Awtorità ta' l-Ippjanar. Ix-xogħol fuq il-bieb kien jikkonsisti mit-tneħħija ta' kantuni li tqiegħdu preċedentement, biex ingħalaq il-bieb eżistenti, kif juri ir-ritratt Nru.12. Ix-xogħol li sar s'issa fuq it-twieqi kien jikkonsisti fi*

---

[10] Vide **Sua Maesta` il Re v. Carmelo Cutajar ed altri**, Qorti Kriminali, 18 ta' Jannar, 1927; **Il-Pulizija v. Toni Pisani**, Appell Kriminali, 11 ta' Novembru, 1944; **Il-Maesta` Tiegħu v. Ir-Rev. Karmenu Vella**, Qorti Kriminali, 3 ta' Diċembru, 1947; **The Police v. Alfred W. Luck et**, Appell Kriminali, 25 ta' April, 1949; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Faustino Barbara**, Appell Kriminali, 19 ta' Jannar, 1996; **Il-Pulizija v. Naser Eshtewi Be Hag et**, Appell Kriminali, 2 ta' Frar, 1996; **Il-Pulizija v. Carmelo Camilleri v. Theresa Agius**, Appell Kriminali, 11 ta' Lulju, 1997; u passim **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Zammit et**, Appell Kriminali, 31 ta' Lulju, 1998

[11] **PV349/2019** a fol.7 et seq

[12] Fol.161. Vide **Dok BCS3-Dok.BCS7** a fol.163-167

*qtugħ b'"chainsaw" f'qoxra waħda tal-ħajt ..... dan ix-xogħol ma setax jikkawża il-kollass tal-ħajt in kwistjoni.*

Dan ifisser li fil-ħajt in **kwistjoni diġà kien hemm bieb li l-fetħa tiegħu kienet ġiet magħluqa maż-żmien**.[13] Ikompli:

*Mill-banda l-oħra m'hemmx dubbju li t-tneħħija taż-żewġt ikmamar, fuq kull naħa tal-bitħa ta' wara tal-fond Nru.3 Triq Sir Adrian Dingli, waslet għall-kollass tal-ħajt in kwistjoni. Il-ħajt kollu kellu qies ta' madwar 11m wisgħa bejn iż-żewġ appoġġi. Fuq in-naħa tax-xellug, kien hemm kostruzzjoni fuq żewġ sulari, li kienet tirfed tul ta' 2.7m tal-ħajt mill-appoġġ tax-xellug. Fuq il-lemin kien hemm kostruzzjoni oħra fuq żewġ sulari, li kienet tirfed tul ta' 3.8m tal-ħajt mil-appoġġ tal-lemin. Il-parti ċentrali, mingħajr irfid, kellha għalhekk kejl ta' 4.5m.*

*Skond il-pjanti sottomessi lill-Awtorità tal-Ippjanar, il-ħajt kellu għoli ta' madwar 13.5m, mkejla mill-art tal-bitħa, bil-parti 'il fuq mill-paviment tal-passaġġ madwar il-Foss b'kejl ta' madwar 4m. Din il-parti tal-ħajt, il-fuq mill-paviment, probabbilment nbniet kollha fl-istess żmien – it-talut ta' fuq il-ħajt juri li, almenu f'ċertu perjodu, il-ħxuna kollha kienet tappartjeni lill-ħajt taċ-Ċittadella. L-istorja tal-kostruzzjoni tal-ħajt kollu mhux magħrufa: fil-wiċċ tal-paviment tal-passaġġ, fuq ix-xellug tal-parti ta' ħajt li waqgħet, jidhru il-fdalijiet ta' ħajt antik, probabbilment il-ħajt oriġinali madwar il-Foss taċ-Ċittadella, **li mhumiex fl-istess linja tal-ħajt li waqa',** imma jiltaqgħu mal-istess ħajt, kif muri b'vleġġa ħamra fir-ritratti Nru.1-4. It-tifrik tal-Ħajt juri li l-istess ħajt kellu żewġ qoxriet, li ma jidhrux li kienu marbutin ma xulxin, almenu mhux fl-għoli ta' taħt il-passaġġ. Dan għaliex jekk wieħed jara ritratti Nru 7 sa 9, m'hemmx sinjal ta' xi ktajjen tal-ġebel, li jorbtu mill-qoxra ta' ġewwa, li għadha hemm, mal-qoxra ta' barra li issa waqgħet.*

*Mix-xiehda tal-Perit Micallef, u anke ta' Anthony Bugeja jirriżulta li **l-ħitan tal-kmamar li tneħħew ma kienux ingassati fil-ħajt ta' wara.** Wieħed jista' jikkonkludi li **l-ħajt li waqa' u il-kmamar ma nbnewx fl-istess żmien**. Il-Perit Micallef xehed ukoll li **wara li kien waqa' l-ħajt induna li l-istess ħajt ma kienx lanqas marbut ma' l-appoġġi.** Dan huwa konfermat mir-ritratt Nru.2, li juri li 'il fuq mill-paviment tal-passaġġ madwar il-Foss, il-**ħajt ta' l-appoġġ m'għandu l-ebda sinjal li kien marbut mal-ħajt li waqa'**. Aktar minn hekk ir-ritratt Nru.8 juri li **taħt il-livell tal-paviment, lanqas kien hemm ħajt ta' l-appoġġ.***

*Fuq in-naħa l-oħra, s-sitwazzjoni hija ftit differenti. Ir-ritratt Nru.3 juri li 'il fuq mill-paviment, kien hemm xi erba' filati ta' knaten, fil-parti t'isfel tal-ħajt, li kien marbutin ma' l-appoġġ, waqt li il-filati 'il-fuq kienu biss jmissu ma' l-appoġġ, u mhux marbuta miegħu.*

[13] Fol.44

*Mill-banda l-oħra, r-ritratt Nru.9 juri li l-ħajt, ta' wara il-kmamar li tneħħew, kien marbut ma l-appoġġ fuq ix-xellug.*

*Illi, allavolja il-ħitan tal-kmamar li tneħħew ma kienux ngastati fil-ħajt li waqa', kienu xorta jservu ta' rfid lill-istess ħajt.* ***Fil-fatt, anke kieku l-ħajt kien marbut mal-appoġġi, minħabba li dawn l-appoġġi kienu 11 metru minn xulxin, xorta waħda dan l-irbit ma kienx ser iżomm il-ħajt.***

*L-għoli ta' 13.5m żdied b'madwar 1m (tlett filati) meta twittiet il-bitħa. L-għoli tal-materjal wara l-ħajt, madwar 10.5m, (aktar minn tlett sulari), tal-kwalità bħal dik li kien hemm bejn iż-żewġ qoxriet tal-ħajt, jitfa pressjoni kbira fuq l-istess ħajt u, qoxra waħda ta' ġebel żgur ma tistax tiflaħ għal dan.*

*B'risposta għall-ewwel kweżit tal-Qorti, l-esponenti jikkonkludi għalhekk li* ***l-ħajt waqa' għaliex tneħħew il-kmamar ta' wara,*** *u biex tiżdied il-problema,* ***tbaxxiet l-art tal-bitħa****, biex wassal li kien hemm ħajt ta' ħxuna limitat, għoli ta' 14.5 metri u wisgħa ta' 11-il metru, mingħajr irfid.* ***Ħajt bħal dan huwa instabbli anke jekk ma jkunx hemm materjal warajh. Aktar u aktar kien instabbli bil-pressa tal-materjal, jew ħamrija, li kien hemm warajh.***

*B'risposta għat-tieni kweżit, l-esponenti huwa ta' l-opinjoni li* ***ma kienx diffiċli ħafna li wieħed jipprevedi li ħajt ta' dak il-qisien jista' jiġi f'sitwazzjoni mwiergħa, meta jitneħħa dak li kien qiegħed jirfdu****, speċjalment meta kien ċar li dan il-ħajt kellu ż-żmien, u meta lanqas kien ċar kif inbena. Il-Perit Micallef xehed li kien hemm mument fejn beda jibża li l-ħajt ma kienx marbut mal-appoġġi; xehed ukoll li fejn kien jidher il-ħajt kellu ħxuna ta' madwar tlett piedi (madwar 0.92 metri), imma li, x'ħin waqa` l-ħajt induna li taħt il-livell tal-paviment, il-ħajt kien jikkonsisti f' qoxra waħda u li warajh kien hemm il-ħamrija. Waqt li l-Perit Micallef kien attent li jagħmel trial holes fl-art tal-bitħa, biex jistabbilixxi fejn kienu l-pedamenti tal-bini adjaċenti,* ***ma ħassx il-ħtieġa li jispezzjona mill-qrib il-kostruzzjoni tal-ħajt mal-appoġġi, anke l-fuq mill-passaġġ, jew li jagħmel xi toqob fil-ħajt biex jara kemm kien oħxon, kif kien mibni, u x'kien hemm warajh qabel ma ikkonsidra li setgħa jneħħi l-kmamar li kien jirfduh. Kien konxju li kien hemm bżonn li jinbena ħajt ieħor miegħu, imma ħaseb li dan setgħa jsir malajr, li l-ħajt ma jkollux ċans jitħarrek.*** *Fl-istess ħin, il-Perit kien konxju wkoll li kien hemm xi riskji, tant li kien imur jiċċekkja, jew jibgħat jiċċekkjaw, anke kuljum, jekk il-ħajt kienx tħarrek. Fil-fatt dawn is-sitwazzjonijiet huma perikolużi għaliex meta l-ħajt jitlef l-stabbilita intrinsika tiegħu meta jibda jitħarrek jkompli sejjer f' daqqa, b' mod katastrofiku, kif fil-fatt gara. Is-sitwazzjoni tista' wkoll tkun perikoluża għal min qed*

*jaħdem taħt il-ħajt u kien provvidenzjali li* l-*Perit Micallef bagħat il-ħaddiema l-hemm dakinhar".*[14]

**Joe Magro Conti,** Sovrintendent tal-Patrimonju Kulturali, spjega kif l-Awtorità għall-Ippjanar permezz tal-artikolu 46 tal-***Att tal-1992 dwar l-Ippjanar ta' Żvilupp***, għandha s-setgħa tiddikjara proprjetà immobbli li, *inter alia,* għandha valur artistiku, arkitettoniku u arkeoloġiku għall-protezzjoni.[15] Iċ-Ċittadella kienet ġiet inkluża fil-Lista ta' Proprjetà Skedata skont l-imsemmi artikolu permezz ta' **Government Notice 427 tal-1995**.[16]

Ix-xhud li mill-ewwel jingħad mhux espert tal-Qorti iżda xhud *ex parte*, jgħaddi biex jagħti tifsira ta' dak li tikkomprendi l-frażi "fortifikazzjonijiet":[17] *"Il-covered way*[18] *tal-fortifikazzjoni u fejn kien hemm il-parapet wall tal-fortifikazzjoni qeghdin fiz-zona li hija protetta. Pero'* ***dawn jigu dar ma' dar mal-proprjetà fejn sar l-incident, allura l-incident kopra kemm id-dar fejn sar l-incident u anke parti minn fejn kien hemm, fejn hemm il-protezzjoni tal-fortifikazzjonijiet.****"*[19] Kompla jiddeskrivi kif fil-fehma tiegħu intilfet parti awtentika mill-fortifikazzjoni:

*"Pero' meta nigu mbaghad ghall-awtenticita' tal-fortifikazzjonijiet, f'dan il-każ hemm xi tlieta (3), erba' (4) elementi differenti. Il-covered way, li huwa l-passaġġ fejn kien ikun hemm id-difensuri. Sewwa? Li huwa orizzontali. Passagg. Quddiem, ihares minn fejn ha jiġi l-ghadu kellek il-parapett wall, l-opramorta qisha imma kienet tkun gholja, li parti minnha abbazi tagħha kienet ghadha hemm. Kellek il-counter scarp imbaghad tal-glacis, li ghidt, iktar milli counter scarp, revettment, biex izomm dak li kien il-glacis, u... Il-glacis. G-L-A-C-I-S. Kelma bil-franciz. Hafna mit-terminologija tal-fortifikazzjonijiet.... Taljana jew mill-Francizi tiġi. Dawn li kienu r-rampi bhalma hemm il-glacis tal-Pieta', per ezempju, bis-sigar illum il-gurnata. Sewwa? Dawk kienu jkunu ....mingħajr bini, mingħajr sigar, biex l-ghadu ma jistahbiex fihom. U meta jitla' hemm fuq, imbaghad, isib*

---

14 Fol.44-48

15 Fol.614 et seq

16 **Dok.GGZ** a fol.532 et seq. Kopja oħra esebita bħala **Dok.JMC2** a fol.630-632

17 Fol.615

18 Fix-xhieda tul dan il-proċess il-frażijiet "covertway" u "covered way" huma t-tnejn użati *interchangeably*. Insibu spjegat li *"In military architecture, a* ***covertway*** *or* ***covered way*** *(French: chemin couvert Italian: strada coperta) is a path on top of the counterscarp of a fortification. It is protected by an embankment which is made up by the crest of the glacis."*
"Glacis" tiġi spjegata hekk: *"Glacis, also called talus, were incorporated into medieval fortifications to strengthen the walls against undermining, to hamper escalades and so that missiles dropped from the battlements would ricochet off the glacis into attacking forces."*

19 Fol.617

*il-foss. Allura ghandek double held. Sa dan it-tant, il-covered way, difensuri qed jisparaw fuqek. Sewwa? Bhala forward line ta' protection. Imbaghad l-element l-ieħor kien hemm boundary wall illi kien qiegħed fil-post tal-parapett wall tal-covered way. Gara li dan il-boundary wall ukoll għandu, kellu nsomma, gebel antik mill-inqas mija, mija u hamsin sena (100-150), u fattur interessanti kien illi l-filata ta' fuq kellha bit-talut, jigifieri din mhux jispicca l-ħajt catt jew tond, kienet qed ixxaqleb naha waħda. In-naha tal-covered way, dik kienet konvenzjoni antika ta' kif jagħmlu divizjonijiet tal-proprjetà, kif jimmarkaw ta' minhu l-proprjetà u ta' minhu l-ħajt, jekk it-talut ikun fin-nofs, fejn taqleb ix-xita, jigifieri nofs b'nofs, il-ħajt huwa zewg (2) partijiet. Nofs b'nofs. Jekk ikun naha jew ohra, skond fejn taqleb ix-xita. F'dan il-każ ix-xita kienet taqleb, it-talut kien jaqleb fuq il-covered way. Allura dak kien mal-covered way, li hija tal-Lands. Dak intilef ukoll. Jigifieri issa, dawn l-elementi li għandhom mijiet tas-snin jekk mhux iktar, flimkien, apparti xi arkeologija li kien hemm taħt, dawk huma awtentici. Sewwa? Ghax huma antikissimi. Illum il-gurnata, bl-interventi li naghmlu fuqhom, bil-concrete, bil-gebel ġdid, anke jekk qed nirreplikawhom, ma nistghux insejhulhom awtentici, xorta jibqaw fil-kuntest storiku, bħala parti mir-restawr, imma jkun intilef certu element ta' awtenticità. L-awtenticità, wieħed jista' jqabbilha, meta, jien naf, nisimghuha fil-hwejjeg l-iktar. Jekk nista' ngib paragun. Bejn fake u originali. Fil-patrimonju huwa awtentiku flok originali, jew replika, sewwa? Jigifieri, imma l-valur tiegħu kulturali, mhux qed nitkellem biss fuq flus ta, jigifieri, fuq kemm hu antik? Antik elf sena (1000) u mitt sena (100) għandu valur mod, u xi haga li ghamiltha taparsi antik, kwazi kwazi, tibda' titlef mill-valur."*[20]

**Gordon Grech,**[21] in rappreżentanza tal-Planning Authority, ippreżenta kopja tal-**Government Notice 427 tas-27 ta' Ġunju, 1995**.[22] Skont ix-xhud din turi s-*site* bħala *Grade 1 Listed Building*. Ġie preżentat *aerial photo* li juri l-*boundary wall plotted* fuqu u *aerial photo* tal-2016 li jindika l-ħajt li waqa'.[23] Ġie esebit *aerial photo* ieħor meħud fl-2018 li juri l-ħajt imġarraf.[24] Ix-xhud esebixxa ritratti tal-ħajt kif kien oriġinarjament liema ritratti kien daħħalhom mal-applikazzjoni l-Perit inkarigat mill-proġett, l-imputat Saviour Micallef.[25]

Riprodott Grech esebixxa kopja tal-applikazzjoni Il-**PA27** (*full application*) fuq is-site partikolari, **PA4553/2017:**[26] *"Dik qed tirreferi għal xogħlijiet li kellu jsir on site fosthom il-bdil tal-użu biex tiġi hotel kif ukoll xi alterations u additions li kellhom isiru on*

[20] Fol.622-623
[21] Fol.530-531
[22] **Dok. GGZ** a fol.532-534
[23] **Dok.GGZ1** a fol.535
[24] **Dok.GGZ2** a fol.536
[25] **Dok.GGZ3** u **Dok.GGZ4** a fol.537-538
[26] **Dok.GGZ5** a fol.577 et seq

*site. Din l-application ma kinitx turi li se jitwaqqa' xi tip ta' ħajt fuq in-naħa ta' wara li qegħdin suġġett għal din l-inkjesta, qegħdin hawn bħalissa. .... din hija site li taqa' f'żona protetta, kif kont ukoll xhedt l-aħħar darba u esebejt kopja tagħha, allura iva għandek bżonn kull tip ta' permess minn naħa tal-Awtorità tal-Ippjanar biex inti tkun tista' twaqqa'."* Wara l-akkadut inħareġ *enforcement notice*.[27] Appell minn dan l-*enforcement* ma kienx sar. Kien sar *Method Statement* biex l-applikant jerġa' jġib ix-xogħlijiet lura għal kif kienu.[28]

Grech għadda biex esebixxa r-ritratti varji li kienu ġew annessi mal-applikazzjoni tal-Perit Micallef[29] kif ukoll dawk li hu kabbar.[30] Ġew ukoll esebiti ritratti ta' meta waqa' l-ħajt li ttieħdu fid-19 t'April, 2018 liema ritratti ttieħdu mill-Heritage Protection Unit (HPU).[31] Ma' dawn ġew esibiti ritratti oħra li ttieħdu fit-22 ta' Mejju, 2018 (li juru l-bidu tal-proċess tax-xogħol[32]) u oħrajn meħuda minnu fl-10 ta' Ottubru, 2018, li juru l-fażi ta' kostruzzjoni tax-xogħlijiet rimedjali, skont il-**Method Statement**.[33] L-aħħar set ta' ritratti ttieħdu wkoll mix-xhud fis-16 ta' Novembru, 2018.[34]

Mitlub jgħid xi rwol tieħu l-awtorità, sabiex tiddetermina jekk ikunx seħħ inċident jew kienx xi att intenzjonat, ix-xhud hu ċar: *"jiena da parti tiegħi lanqas biss jinteressani x'ġara u ma ġarax; jien li jinteressani għandi permess, la sar twaqqigħ mingħajr dak il- permess, u li ħriġt enforcement notice biex waqqafna x-xogħlijiet l-oħra u permezz tal-method statement setgħu jitkomplew ix-xogħlijiet fuq dik il-parti ta' wara biex jerġa' jitla' l-parti ta' wara kif nafuha qiegħda llum."*[35]

Fil-*Cittadella Conservation Order* tas-26 ta' Settembru 2019 jingħad li in segwitu tal-fatt, *"A section of the parapett wall and counterscarp at Cittadella collapsed in 2018 during the engineering Works* ***covered*** *by PA4553/17 .... all remedial Works were carried out to the satisfaction of the Superintendance of Cultural Heritage, the Conservation Order issued by the Superintendence on this site is no longer active"*.[36]

---

[27] **DokGGZ6** a fol.584. **Dok.GGZ7** a fol.586 il-*pink card* tal-posta indirizzata lil Mark Agius
[28] Fol.551
[29] **Dok.GGZ10** a fol.589
[30] **Dok.GGZ11** a fol.590-595(a)
[31] **Dok.GGZ12** a fol.596-601
[32] **Dok.GGZ13** a fol.602-606(a)
[33] **Dok.GGZ14** a fol.607
[34] **Dok.GGZ15** a fol.608
[35] Fol.569-570
[36] **Dok.GGZ16** a fol.609

Meta xehed l-ewwel darba quddiem il-Qorti diversament preseduta, Grech stqarr li l-permess **PA4553/17**[37] ma kienx jinkludi t-twaqqigħ tal-ħajt.[38] Il-ħajt kien *Grade 1 Building* skont l-Avviż Legali 427/95. Sussegwentement inħareġ avviż ta' infurzar[39] u *Restoration Method Statement*.[40] B'ittra tas-26 ta' Settembru 2019, is-Superintendence of Cultural Heritage (aktar 'il quddiem imsejjaħ "SCH") infurmat lill-awtorità li x-xogħlijiet ta' *restoration* kienu sodisfaċenti.[41] Ritratti tax-xogħol lest ukoll ġew preżentati mix-xhud.[42] Jikkonferma li l-**aperturi li nfetħu fil-ħajt li ġġarraf kienu awtorizzati** bil-permess imsemmi.[43]

Ir-ritratti minnu esebiti bil-kulur jinsabu fil-proċess *Il-Pulizija vs Mark Agius et.*

Riprodott in kontro-eżami esebixxa korrispondenza mal-SCH wara **talba tad-difiża** sabiex jiġu esebiti l-ittri li daħħal is-Sovraintendent fil-*consultation process* tal-applikazzjoni.[44]

Din il-korrispondenza takkwista sinifikat kbir senjatament meta jiġu kunsidrati aktar 'il quddiem it-tieni u t-tielet imputazzjoni.

**Mark Cini** esebixxa kopja tal-permess **PA4553/17**[45] u sett pjanti approvati mill-istess permess li huma *colour coded*. Ġie esebit il-***Case Officer's Report***[46], il-permess **PA4553/17** datat il-15 ta' Novembru, 2017, kopja tas-*site plan*, kopja tal-pjanta *colour coded* fejn il-kulur isfar jindika strutturi u bini li kellhom jitwaqqgħu filwaqt li l-kulur aħmar hu indikattiv ta' bini u strutturi li kellhom isiru mill-ġdid.[47] B'onesta' jikkonferma mal-qorti li l-parti s-safra interament tmiss mal-fortifikazzjoni u l-ħajt li ġġarrfet jaqa' fil-*footprint* tal-parti s-safra għalkemm waqa' ħajt li kien 'il barra mill-parti li waqgħet *"Għax waqa' l-ħajt ta' lqugħ,"*[48]. Ix-xhud jikkonferma wkoll li

---

[37] **Dok.GG3** a fol.175 et seq. Permess esebit nhar it-13 ta' Marzu, 2020, **Dok.GGX3** a fol.208 et seq.
[38] Fol.168. Vide ritratt tal-ħajt imwaqqa', **Dok.GG1** a fol.172
[39] **Dok.GG2** a fol.173
[40] Fol.169. Vide **Dok.GG4** a fol.181 et seq
[41] **Dok.GG6** a fol.188
[42] **Dok.GG7** a fol.189
[43] Fol.171
[44] Fol.226-229. Vide **Dok.GGX1** a fol.230.
[45]**Fol.660. Dok.MC** a fol.662 et seq
[46] Fol.673 et seq
[47] Fol.660.
[48] Fol.691

**l-parti li waqgħet ma ġġarrfitx għaliex kienet tmesset bl-iżvilupp**, iżda kienet konsegwenza ta' xogħlijiet li kienu qed isiru fuq *area* koperta bil-permess għall-iżvilupp.[49]

Is-Sur Cini esebixxa ***Government Notice 36/2011*** referibbli għall-iskedar ta' three, four (3, 4), Triq Sir Adrian Dingli, Rabat, Għawdex, li tgħid li skont it-termini ta' *policy UCO 7* tal-Pjan ta' Struttura tal-Awtorità *"tiddikjara dawn id-djar bil-galleriji tal-ġebel fir-Rabat, Għawdex bħala proprjetà ta' Grad tnejn (II) kif indikat fuq il-mapep one u two (1 u 2) fil-paġni msemmija. In-numri fil-parametri jikkorrispondu man-numru fuq it-tabella fil-mapep one u two (1 u 2) imsemmija hawn fuq. Il-Government Notice fiha lista ta' proprjetajiet u żewġ mapep. Il-proprjetà tlieta u erbgħa (3 u 4) ta' Triq Sir Adrian Dingli hija numru tnejn u tletin (32) u tinsab fl-ewwel mappa."*[50]

**Mons. Dr. Joe Vella Gauci**, Chairperson taċ-Cittadella Management Committee, fl-inkjesta ddeskriva kif wara laqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv taċ-Ċittadella ra x-xogħol li kien qed isir fuq is-sit in kwistjoni. John Cremona infurmah li kellhom jinfetħu xi twieqi u għalhekk ried jassigura ruħu li dan kien kopert bil-permess. Sar jaf li s-**Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali kienet ħarġet l-approvazzjoni tagħha għal dawn ix-xogħlijiet u l-permess inħareġ** għalkemm huma ma kinux ġew ikkonsultati.[51] Ix-xhud jisħaq li għalkemm kellhom jiġu notifikati bil-ftuħ tal-aperturi u li l-uffiċċju kien qed joġġezzjona għalihom, ***"minn naħa tagħna ma konniex qeghdin nikkontestaw il-permessi li kellhom"***.[52] Dr. Vella Gauci enfasizza li *"dan kien wirt storiku u f'ebda waqt ma tista' tgħid li dak ser jerga jkun l-istess ħajt. Il-ħajt li waqa' kien jikkonsisti f'madwar għaxar metri tul b'madwar tlett sular l-isfel. Ma dan intilef ukoll metru u nofs ta' arkeoloġija li kienet ġiet eskavata fil-kuntest tax-xogħlijiet li saru riċentement u li parti sostanzjali minnha għadha hemm tidher sal-llum. Id-dannu li sar huwa irreparabbli. B'mod realistiku dannu fil-proprjetà sar. Kull min għandu għal qalbu l-wirt storiku ma jistax ma jgħidx li ma sarx dannu u li l-hsarat hija waħda rriversibbli. It-tieni (2) punt li rrid nagħmel huwa li l-mekkaniżmu li suppost jipproteġi l-proprjetà tal-Gvern f'dan il-każ falla u ma ssalvagwardjax il-proprieta' tal-gvern."*.[53]

---

[49] Ibid.
[50] Fol.706. Vide **Dok.MCGN** a fol.708 et seq
[51] Fol.130-131
[52] Fol.132
[53] Ibid.

Mons. Dr. Vella Gauci ukoll hu xhud *ex parte* u mhux espert maħtur mill-Qorti jew fl-ambitu tal-Inkjesta Maġisterjali fejn jista' jagħti opinjoni dwar il-valur storiku tal-ħajt li kkollassa.

**John Cremona,** addett mal-Uffiċċju Amministrattiv taċ-Ċittadella, spjega kif fis-16 ta' Marzu, 2018, wara li sa mill-5 ta' Marzu kien qed josserva xogħlijiet fuq dar privata li għandha l-appoġġ mal-foss, intebaħ b'xogħlijiet li kienu qed isiru fuq in-naħa ta' wara tad-dar. Ħa ritratti li sussegwentement ġew mgħoddija lil-espert Max Xuereb. B'dak li osserva informa l-Perit tal-Ministeru u kien hemm li ġie mgħarraf li **l-permess kien jinkludi l-ftuħ ta' aperturi għal ġol-Foss taċ-Ċittadella**. Fit-18 ta' April, 2018 għall-ħabta tad-9.30am ġie infurmat minn George Scicluna u Jonathan Micallef, impjegati mal-istess Uffiċċju, li **raw parti mill-ħajt jaqa'**. Ftit wara fuq il-post waslu l-Ministru u Mons. Dr. Joe Vella Gauci u ġie deċiż li jittieħdu proċeduri legali min-naħa tal-Ministeru u tal-Lands.[54]

In kontro-eżami jsemmi li l-ħaddiema li nformawh bl-aħbar li waqa' l-ħajt ma kinux tkellmu mal-Perit Torpiano, kif lanqas ma kien kellem lill-Perit Torpiano hu. Hu kien ġie mgħarraf li *"l-ewwel beda jisma qisu caqciq fl-injam, għax kien hemm l-injam qed jgħattu l-aperturi, imbagħad waqgħet parti mill-ħajt li tiġi minn nofs il-ħajt qisu lejn it-Teatru Astra, imbagħad, u baqgħet biċċa mdendla fuq, u ftit minuti wara waqgħet il-biċċa l-oħra li tiġi n-naħa tas-Citadel Cinema".*[55]

Filwaqt li dan l-estratt jibqa' *hearsay,* **kellha tkun id-difiża li identifikat lil dawn il-ħaddiema u tellgħathom jixhdu!** Dan ukoll hu ċirkostanza mhux mingħajr sinifikat, hekk kif ġa ntqal li kien mertu interament tad-difiża li insistiet biex korrispondenza bejn il-Planning Authority u SCH tiġi esebita**.**

**George Scicluna**, Supervisor mal-Ministeru ta' Għawdex, imressaq mid-difiża, spjega kif dakinhar li waqa' l-ħajt kien għadu kif għamel ir-ronda tiegħu maċ-Ċittadella. X'ħin mar l-uffiċċju sab lil Jonathan Micallef u kif kienu qed jitkellmu nstema ħoss u marru jaraw x'ġara: *"Sa xħin inżilna kien baqa' parti mdendla mill-ħajt u niżlet il-parti l-oħra."* Il-ħajt li waqa' kien fuq in-naħa tal-lemin int hu dieħel, *"In-naħa tal-parti tal-każin ta' La Stella* ***niżlet l-ewwel*** *waħda, imbagħad kien baqa' l-parti tan-naħa taċ-ċinema, l-imdendla, li waqgħet ftit minuti wara.... Il-ħajt niżel parti minnu u kien baqa' parti oħra li ddendlet."*. Il-ħajt in-naħa tal-każin La Stella kien iġġarraf għal kollox. Ix-xhud spjega li peress li l-ħajt kien imtarraġ, mhux ħa jaqa' ħajt għad-dritt, *"il-partijiet tiegħu, qisha, kif ħa taqbad tgħid? qisek għandek koxxa iddendlet*

[54] Fol.128-129
[55] Fol.267

*u niżlet; iktar ma tinżel 'il isfel iktar kienet wiesa'"* Filwaqt in-naħa tal-Istilla waqa' kollu, fuq in-naħa taċ-ċinema dik il-parti ħajt baqgħet imdendla: *"Rajna l-ħajt... qiegħed maqlub hekk 'il isfel, qed iserraħ għal ftit li kien baqa'. Imbagħad naturalment, naħseb, jien m'inhix bennej, bil-piż sfronda kollox."*[56]

**Jonathan Micallef**, li kien mas-Supervisor George Scicluna x'ħin instema l-ħoss, ikkonferma dak li stqarr Scicluna. Meta waslu sabu li n-naħa tal-ħajt tal-każin tal-Istilla kienet waqgħet <u>b'parti minnu fuq in-naħa taċ-ċinema għadu hemm</u>. Id-dar ta' Agius kienet inti u dieħel mit-triq iktar 'l isfel fuq in-naħa tal-lemin:[57]

> *Dr Carmelo Galea: U bejn wieħed u ieħor, jekk inhu d-dar ta' Mark fiha ħamsin pied (50') wisgħa, tista' tgħidilna kemm kien waqa' mill-ħajt? Waqa' nofsu? waqa' tlett kwarti?*
> *Ix-xhud: Naħseb waqa' iżjed minn nofsu, nofsu, hekk qisu, issa dak il-ħin...*
> *Dr Carmelo Galea: <u>Mill-ħajt ta' mal-Istilla</u>, kien baqa' xi ħaġa?*
> *Ix-xhud: Le, <u>ma kien baqa' xejn</u>.*
> *Dr Carmelo Galea: Ma kien baqa' xejn. U n-naħa tas-cinema kien baqa'.*
> *Ix-xhud: In-naħa tas-cinema kien baqa'.*[58]

Micallef jgħid li bejn x'ħin waqgħet l-ewwel parti u x'ħin waqgħet it-tieni parti għaddew ftit minuti għaliex malli lemaħ l-ewwel parti li ġġarrfet, mar iċċempel għall-ambulanza u kien laħaq irritorna fuq is-sit meta ra l-parti l-oħra taqa'.[59]

Hu <u>kawża ta' tħassib</u> għaliex dawn l-uniċi xhieda okulari ma ġewx mitluba jagħtu d-depożizzjoni tagħhom quddiem il-Perit Torpiano.[60] Kienu huma li raw bil-'*moviola*' l-ħajt jiġġarraf u xhieda daqstant importanti indubjament kienet ser tkun ta' rilevanza għall-espert biex jasal għall-konklużjonijiet tiegħu dwar id-dinamika ta' **kif** waqa' l-ħajt.

Kemm-il darba l-imgħallem espert Perit Torpiano ma kienx mgħarraf bl-eżistenza ta' dawn iż-żewġ uffiċjali, l-investigazzjoni u minn tal-inqas il-prosekuzzjoni li segwiet fuq l-investigazzjonijiet, kellha obbligu tressaq xhieda hekk essenzjali li setgħu jitfgħu dawl dwar liema parti tal-ħajt ċeda l-ewwel biex b'hekk ir-riżultanzi

---

[56] Fol.326-329
[57] Fol.331-333
[58] Fol.332
[59] Fol.332
[60] Fol.333 u 334

tal-Perit setgħu jiġu tassew sostanzjati o meno, ġaladarba hu wasal għall-konklużjonijiet tiegħu wara li l-ħajt kien laħaq waqa' għal kollox.

Il-**Perit Adrian Falzon** tqabbad minn Mark Agius biex jiddisinja l-bażi tat-*tower crane* li kien ħa jintuża għall-kostruzzjoni. Ix-xhieda tiegħu hi ferm importanti tenut kont li dan il-Perit kellu l-okkażjoni jara fażijiet tal-proġett minn qabel tneħħew il-kmamar kif ukoll wara. Wara li ġġarraf il-ħajt għen fil-kostruzzjoni tiegħu.

Fuq is-site *"mort kemm-il darba, però mort qisu xi erba' ġimgħat qabel ma waqa', u dik kienet l-okkażjoni fejn il-kmamar ta' wara kienu diġà tneħħew u jiena rajtu,* ***il-ħajt ma kellu l-ebda sinjal li kien hemm xi problema strutturali fil-ħajt.*** *.... l-ewwel net l-iskop tas-site visit tiegħi ma kinitx biex nispezzjona l-ħajt, ..... Jiena meta mort,* ***sa erba' ġimgħat qabel ma kien hemm l-ebda sinjal....ma rajt xejn......*** *Jiena meta kont mort l-ewwel drabi, il-kmamar kienu għadhom hemm. U jiena kont rajt illi l-kmamar kienu nbnew wara l-ħajt u li ma kienux imqabbdin mal-ħajt innifsu. Però ovvjament qabel ma jitneħħew ma tkunx qed tara mija fil-mija, għax jista' jkun hemm xi rabta li ma tkunx qed taraha. Però wara li tneħħew il-kmamar kienet ċara illi l-kmamar ma kinux imqabbdin mal-ħajt. ... Inbnew f'perjodi differenti. Ovvjament wara l-ħajt..... ma kinitx fiżikament possibbli illi l-kmamar jinbnew qabel il-ħajt. Jiġifieri l-ewwel inbena l-ħajt illi għal perjodu dan ifisser li kien stabbli mingħajr il-kmamar, imbagħad f'perjodu wara nbnew il-kmamar."*[61]

Dak li jsegwi jimpinġi fuq l-element tal-*culpa*, il-prevedibbilità fejn għalkemm Falzon mhux espert tal-Qorti u l-Qorti ma tistax tqis l-opinjoni tiegħu, daqstant ieħor, tenut kont is-sengħa tiegħu biex jiżvolġi x-xogħol rimedjali li ġie mqabbad jagħmel, hemm rilevanza f'dak li jgħid in kwantu għal dawk il-fatti li kkonstata u ra b'għajnejh, tant li anke l-abbli prosekutur jagħmel kontro-eżami fuq dak li osserva dan ix-xhud tul iż-żmien li kien qed imur *on site*. Falzon jixhed:

*"Kemm ilni perit jiena l-ewwel darba li rajt ħajt mibni b'dak il-mod, speċjalment ħajt ta' ċerta età illi jkun mibni b'dak il-mod....U ta' ċertu għoli ovvjament..... Peress li ma kien esebixxa l-ebda sinjali li kien qed jiżżaqqaq ...* ***F'dan il-każ ma kienx hemm dawk is-sinjali ħlief fl-aħħar. ....Il-ħajt mibni bis-sengħa jkollu l-mursalli, tant illi jekk jaqa' l-ħajt, il-mursalli ma jaqgħux, kif ġara fuq in-naħa l-oħra****, imma peress li ma kien hemm l-ebda rabta ħlief rabta ta' xi ħaġa tħokk ma' oħra, imbagħad la darba ċediet dik, imbagħad kompla nieżel il-ħajt kollu.".*[62]

---

[61] Fol.337-338

[62] Fol.339

In kontro-eżami jispeċifika li żar is-sit darbtejn qabel ma twaqqaw il-kmamar kif ukoll darba wara li tneħħew. Kien ra l-ħajt mhux min-naħa ta' barra iżda mid-dar ta' Agius. Jikkonferma li, sa erba' ġimgħat qabel ma waqa' l-ħajt, ma rax sinjali li ħajt ikun ser iċedi; dawn is-sinjali jkunu jidhru fil-ħajt innifsu hekk kif minn ġewwa jibda jitbewwaq il-ħajt, ***"ma rajt l-ebda sinjal".***[63]

Xhieda li timpinġi direttament fuq il-mertu tal-imputazzjonijiet addebitati, u senjatament fuq jekk kienx hemm negliġenza jew traskuraġni da parti tal-imputat hi dik tal-*foreman* **Jason Saliba**. Tenut kont li Saliba mhux ko-imputat, ix-xhieda tiegħu għandha forza probatorja. Kien fil-jum stess li ġġarraf il-ħajt li dan kien fuq is-sit kmieni filgħodu biex iwettaq xogħlijiet biex il-ħajt jiġi rinfurzat biex ma jaqax:

*"Illum, jien mort fuq il-passaġġ ta' fuq, u rajt il-"hairline crack", mal-ħajt ta' wara tal-bini. Min-naħa ta' ġewwa kien hemm parti li kienet qed tfarfar – jiġifieri kien qed jaqa' xi trab min-naħa tal-lemin, meta tħares lejn il-ħajt minn ġo d-dar.*

*Jiena* ***ddiskutejt mal-perit dalgħodu, u qalli li minflok pedament kien se jgħidli biex nagħmlu saqaf biex nirfdu il-ħajt.*** *Ma konniex se nibnu ħitan, imma s-saqaf kien se jkun minn appoġġ għall-ieħor. Is-saqaf kien se jkun bi "flush" beams.*

***Il-perit tani x'kelli nagħmel****, u jiena tlaqt mill-post bejn 8:30 u 8:45am. Wara ċempilli Mark Agius u qalli li kien waqa' l-ħajt.*

*Jiena kont involut fil-ftuħ tat-twieqi fil-parti tal-ħajt 'il fuq mill-passaġġ. Jiena kont għidt lin-nies li jaħdmu mal-kumpanija P&A Construction x'kellhom jagħmlu. Il-bieb kien ġa hemm. It-twieqi qtajnihom biċ-"chainsaw" ġo qoxra waħda, li kienet xulliel. Ma daħħlu l-ebda makkinarju biex iġorru l-materjal li tneħħa."*[64]

L-imputat **Perit Saviour Micallef** jixhed hekk fl-inkjesta:[65]

> *Jiena il-Perit inkarigat mix-xogħlijiet li qed isiru fil-fond fejn waqa' il-ħajt, (Nru. 3, Triq Sir Adrian Dingli, Rabat). Ix-****xogħlijiet huma koperti mill-permess*** *ta' l-Awtorità' ta' l-Ippjanar, (PA4553/17).*

[63] Fol.340
[64] Fol.125
[65] Fol.120-122

*Qabel ma beda x-xogħol għamilna* ***"inspection reports" tal-propjetajiet adjaċenti, u "method statement" li għaddejt lill-BRO*** *(Building Regulations Office).*
*Jiena nimpenja ruħi li nissottometti kopja tal-"method statement". Is-sid tal-fond huwa Mark Agius, f'isem kumpanija. Il-kuntrattur ta' l-iskavar huwa Anthony Bugeja, u l-kuntrattur tal-bini Jason Saliba.*
*Nhar it-Tnejn, 16 ta' April, fil-għaxija, mort fuq il-Foss biex nara x-xogħol. Sa dakinnhar konna waqqajna il-kmamar li kien hemm fuq żewġ naħat tal-bitħa ta' wara. Fil-parti ċentrali tal-bitħa ma kienx hemm kmamar. Il-kmamar kienu fuq żewġ sulari. Ix-xogħol ta' twaqqiegħ tal-kmamar sar dan l-aħħar xahar. It-twaqqiegħ għamlu Anthony Bugeja.*

*Meta twaqqgħu dawn il-kmamar jiena stajt nikkonstata li* ***dawn il-kmamar inbnew wara li kien inbena il-ħajt li waqa'****, u dan għaliex il-ħitan kartabun ta' dawn il-kmamar ma kienux mqabbdin fl-istess ħajt. Ma kienx hemm mursalli li jidħlu fil-ħajt ta' wara. Anke il-mod kif kienu mibnija kien juri li kienu "accretions".*

*Il-ħajt ta' wara kien jitla' 'il fuq mill-għoli tal-passaġġ ta' wara, madwar iċ-Ċittadella, u l-ħxuna tiegħu, fejn kien jidher, kienet ta' madwar tlett piedi.*

*Ngħid ukoll li qabel ma beda x-xogħol* ***jiena għamilt "trial holes"*** *b'"excavator" żgħira biex nikonstata l-fond tal-pedamenti tal-bini ta' ma ġenbna, u tal-ħajt ta' wara.*

*M'għandix ritratti tat-toqob li għamilt, imma sibt il-livell tal-pedamenti madwar tlett filati taħt il-madum tal-bitħa. Qed nirreferi għall-pedamenti tal-ħajt tal-bini fuq il-lemin, u tal-ħajt ta' wara. Fuq ix-xellug, il-pedamenti kienu anqas fondi, u hemmhekk ma ħammiltx magħhom. Il-ħajt ta' wara, dak li waqa', kien parti mid-dar fejn qed isiriu ix-xogħlijiet.*

*Sa nhar t-Tnejn 16 ta' April konna waqqajna il-kmamar tal-bitħa u ħammilna madwar tlett filati, bil-mini "excavator" li hemm fuq il-post. Il-materjal li neħħejna kien ġebel u trab, u biċċiet ta blat kbar, akbar minn tlett piedi. Mistoqsi jekk naħsibx li kien xi pedament antik, ngħid li naħseb li kien ġebel ("boulders") li waqa' mis-sies.* ***Taħt dan il-blat investigajt bl-"excavator" u sibt tafal, u minħabba f'hekk ma skavajtx sal-livell li kelli fil-permess****, imma għollejt il-livell tal-binja, fuq wara, b' 40 cm.*

***It-Tnejn fil-għaxija****, ttawwalt anke n-naħa ta' wara, u rajt "hairline crack" fil-madum tal-passaġġ bejn il-ħajt li waqa' u l-paviment (tal-passaġġ madwar il-Foss).*

*Jiena ddeċidejt li r-"raft" tal-binja ntiha f'żewġ partijiet, il-parti ta' wara qabel il-parti l-oħra, ħalli fuqha nista' nibni sular, biex nirfed il-passaġġ. Il-ħxuna tar-"raft" kienet se tkun ta' 450mm. Kont għadni ma tajtx istruzzjonijiet lill-bennej.*

*It-Tlieta 17 ta' April qabbadt il-ħaddiema jwittu il-parti ta' wara għax kienet għadha mhux nvell, u lanqas "square". Kienu qed jużaw l-istess "excavator", u "dumper" biex jinħareġ il-materjal mill-bieb. Peress li ma tul nhar it-Tlieta kont se nkun Malta,jiena tgħid istruzzjonijiet lill-Anthony Bugeja u lis-sid biex iħarsu lejn il-kunsentura li kont nnutajt, u jżommuni nfurmat.*

*Fil-għaxija ċempluli u qaluli li t-Tlieta filgħodu kienet għadha l-istess bħall-ġurnata ta' qabel, imma li fil-għaxija kienet żdiedet ftit. Kont għadni Malta dak il-ħin.*

***Illum fis-7:30 ta' filgħodu, mort l-ewwel xogħol hemm hekk, għaliex kont ftehmt mas-sid li kont se ntihom d-dettalji kif jagħmlu r-"raft" ta' wara. Kien hemm żewġ ħaddiema tal-kuntrattur ta' l-iskavar għadhom iwittu. Staqsejthom jekk kienux ċċekkjaw filgħodu il-kunsentura fil-passaġġ, u qaluli li kienu għadhom ma ċċekkjawx. Jiena waqqafthom mix-xogħol, bgħathom jiċċekkjaw, u ċempilt lill-bennej u s-sid biex jiġu. Tlajt niċċekkja jien wara, u sibtha kibret ftit, madwar 1mm. Nżilt isfel u x'ħin kont qed nara l-kundizzjoni tal-ħajt fuq in-naħa tad-dar, beda jfarfar fuq in-naħa tal-lemin, meta tħares mid-dar. Jiena bdejt nibża li l-ħajt ma kienx ngastat mal-kantunieri u għidtilhom biex jitilqu mil-post tax-xogħol. Dan kien għaliex ħsibt li biex nibnu r-"raft", u ntellgħu sular kien se jieħu ħafna żmien, u kien hemm bżonn li nagħmel xi ħaġa aktar malajr. Ma ridtx nħalli l-ħaddiema hemmhekk. Jiena tlaqt fit-8:30am. Mort l-uffiċċju u kont qed naħseb ħa nara x'nagħmel. Fid-9:15am ċempluli biex jgħiduli li l-ħajt kien waqa'.***

*Mistoqsi jekk għamilniex xi xogħol fuq il-ħajt, ngħid li aħna m'għamilniex xogħol fuq il-ħajt. Kont se ntella' ħajt ieħor miegħu li jistrieħ fuq r-"raft" li kont se nibni. X'ħin waqa' il-ħajt, ndunajt li għalkemm 'il fuq kien oħxon, isfel, milli stajt nara fuq ix-xellug, kien qoxra waħda biss, u warajh ħamrija.*

*Jiena m'għamilt l-ebda toqob fil-ħajt. Ngħid ukoll li fuq in-naħa tal-lemin vera li ma kienx ngastat fil-kantuniera; anzi l-kantunieri tal-post adjacenti kienu mibnija fuq it-trab. Nżid li fil-parti tal-ħajt 'il fuq mill-passaġġ, konna bdejna nifthu xi twieqi li kien hemm fil-permess. Kien beda jaqta' biċ-"chainsaw". Il-bennej kien qed jaħdem minn fuq in-naħa tal-Foss. Sa fejn naf jien ma kienx qed jintuża xi makkinarju fuq il-passaġġ. Naħseb li l-qatgħa taċ-"chainsaw" ma kienetx għadha*

*nifdet il-ħajt kollu.* ***Sal-ġurnata ta' llum ma stajtx nikkonstata il-ħxuna tal-ħajt fil-parti t'isfel.***

*Jiena mort kemm il-darba fuq il-post waqt ix-xogħol, imma ma niftakarx eżatti kemm."*[66]

Imiss li jiġu kunsidrati l-provi saljenti li nġiebu 'l quddiem mill-partijiet in sostenn tal-każijiet rispettivi tagħhom.

**Provi Saljenti**

1. Id-difiża wriet tħassib serju għall-fatt li f'dan il-proċess kien hemm tentattivi biex ċerta evidenza tibqa mistura f'aktar minn okkażjoni waħda: (i) il-korrispondenza bejn l-SCH u l-Planning Authority kemm qabel kif ukoll wara t-tiġrif tal-ħajt; (ii) dik taż-żewġ ħaddiema Scicluna u Micallef, u (iii) il-Permess Approvat **PA03035/07**[67] dwar ir-Restawr tas-Swar taċ-Ċittadella.

(i). Fil-korrispondenza bejn il-Planning Authority u SCH li minnha rriżulta li s-Sovrintendenza, illum *parte civile*, ġie ddikjarat mill-SCH li l-ħajt in kwistjoni ***"does not indicate any evident threat to Cultural Heritage and therefore the Superintendence finds no cultural heritage concern regarding the proposed development".***[68]

(ii). Intwera tħassib ukoll għall-fatt li minkejja, sa mill-inkjesta, ġie stabbilit li kienu ħaddiema addetti mal-Uffiċċju amministrattiv taċ-Ċittadella li raw il-ħajt jiġġarraf, dawn baqgħu ma tressqux biex jixhdu quddiem il-Perit Torpiano u wisq anqas f'dawn il-proċeduri.[69] Konsegwentement ma setax ma jingħatax piż konsiderevoli għall-fatt li biex wasal għall-konklużjoni tiegħu, il-Perit Torpiano, ma ġiex mgħarraf li kien hemm dawn iż-żewġ xhieda okulari li, bit-testimonjanza tagħhom, tirriżulta d-dinamika ta' **kif iġġarraf** il-ħajt. Dan il-punt jiġi trattat aktar 'il quddiem.

(ii) *Multo magis*, waqt li saru sforzi kbar sabiex Magro Conti, xhud *ex parte*, jixhed li l-ħajt li ġġarraf kien jifforma parti mill-fortifikazzjonijiet, il-permess li d-

[66] Fol.120-122

[67] **Dok.MCSP** a fol.693 et seq

[68] **Dok.GGX1** a fol.230

[69] Fol.332-333 u fol.334-335

difiża esiġiet li jiġi esebit dwar il-Restawr tas-Swar **PA03035/07,**[70] jimmanifesta proprju l-oppost!! M'hemmx dubju li dan ix-xhud tal-mestier hu konsapevoli ta' dak il-permess u l-pjanta miegħu annessa li tiddelineja l-fortifikazzjonijiet taċ-Ċittadella!

2. Il-Qorti kienet tistenna li l-Perit Torpiano jieħu x-xhieda ta' dawn iż-żewġt impjegati li jissemmew l-ewwel darba minn John Cremona: *"L-Erbgħa, 18 ta' April 2018 għal ħabta tad-9.30am ġew jinfurmawni li weqghet parti mill-hajt tal-foss. Dawn kienu George Scicluna flimkien ma' Jonathan Micallef li huma zewgt impjegati taghna u li raw parti mill-hajt jaqa"*.[71]

Però jirriżulta li x-xhieda ta' Cremona ttieħdet mill-perit legali waħedha fil-preżenza tal-uffiċċjal investigattiv u tal-espert fotografiku Max Xuereb.[72] Għalhekk jidher li l-Perit Torpiano qatt ma ġie mgħarraf bl-eżistenza ta' dawn iż-żewġ ħaddiema, aħseb u ara bl-import potenzjali tax-xhieda tagħhom; xhieda li setgħet irriżultat kruċjali sabiex tiġi determinata l-vertenza dwar jekk il-kollass kienx tassew prevedibbli jew le!

B'hekk skatta l-obbligu u dover fuq l-investigaturi u sussegwentement il-prosekuzzjoni, li l-espert Torpiano jiġi infurmat bihom u f'dawn il-proċeduri ma tistenniex id-difiża tħarrikhom hi bħala xhieda tagħha. Wara kollox fuq il-Pulizija Eżekuttiva jaqa' d-dmir li tressaq provi kemm favur kif ukoll kontra l-imputat:

> 346.(1) Huwa dmir tal-Pulizija li żżomm l-ordni u l-kwiet pubbliku, li ma tħallix isiru reati, li tikxef u tinvestiga r-reati li jsiru, li tiġbor il-provi, sew kontra sew favur il-persuna suspettata li tkun għamlet dak ir-reat,.....[73]

Dan kien ikun propizju sabiex in lineja ma' dak kontemplat bl-artikolu 346 tal-Kodiċi Kriminali appena ċitat, almenu l-Perit Torpiano jissejjaħ jixhed *viva voce* fil-proċeduri odjerni bil-għan li, wara li jieħu in konsiderazzjoni x-xhieda ta' Scicluna u Micallef, jiddetermina jekk il-konklużjonijiet preċedentement milħuqa minnu għandhomx jiġu konfermati, varjati o meno, in kwantu għal dak li jikkonċerna r-raġunijiet u **d-dinamika tal-kollass**.

---

[70] **Dok.MCSP** a fol.693 et seq
[71] Fol.128-129
[72] Fol.128
[73] Artikolu 346 tal-Kodiċi Kriminali

Isegwi li tali konstatazzjoni torbot intrinsikament mal-prevedibbilità o meno li jagħmel referenza għaliha l-abbli espert fir-rapport tiegħu meta jgħid dwar l-imputat Micallef: *"l-esponenti huwa tal-opinjoni li ma kienx diffiċli ħafna biex wieħed jipprevedi li ħajt ta' dawk il-qisien jista' jiġi f'sitwazzjoni mwiergħa meta jitneħħa dak li kien qiegħed jirfdu, speċjalment meta kien ċar li dan il-ħajt kellu ż-żmien, u meta lanqas kien ċar kif nbena."*[74] In-nuqqas ta' smigħ tax-xhieda ta' Jonathan Micallef u George Scicluna hu tassew gravi in kwantu tali xhieda hija waħda li, minn aspett tekniku, potenzjalment tagħti xejra kompletament differenti ta' dak li effettivament wassal biex il-ħajt jaqa' bil-konsegwenza li jiġi determinat jekk dak li seħħ kienx prevedibbli.[75]

**George Scicluna** semma li *"Sa xħin inżilna kien baqa' parti mdendla mill-ħajt u niżlet il-parti l-oħra....In-naħa tal-parti tal-każin ta' La Stella* ***niżlet l-ewwel*** *waħda, imbagħad kien baqa' l-parti tan-naħa tas-cinema, l-imdendla, li waqgħet ftit minuti wara.... Il-ħajt niżel parti minnu u kien baqa' parti oħra li ddendlet."*[76]

Kif ġa mfisser, tenut kont tal-mod tal-kollass tal-istruttura tal-ħajt, kien ikun desiderabbli li jinstema' l-abbli espert bil-għan li jiġi determinat b'mod definittiv jekk kwalunkwe azzjoni li skont ir-rapport tiegħu kellha tittieħed mill-Perit Micallef, setgħetx – in vista tar-riżultanzi kkonstatati aktar tard meta bdiet ir-rikostruzzjoni tal-ħajt – tassew evitat il-kollass.

3. **Xogħol kollu kopert bil-permess PA4553/17**

Prova ċara li x-xogħol propost kien wieħed li jilħaq ir-rekwiżiti u standards tal-Awtorità, mhux sempliċiment il-fatt li **nħareġ il-permess relattiv** biex isiru dawk ix-xogħlijiet kif proposti bil-proġett, iżda li **ma kien hemm ebda oġġezzjoni għal *Method Statement*** ippreżentat.

(i) Ma nġabet lanqas ombra ta' prova li l-imputat, fil-kors tax-xogħlijiet li kienu jsiru, wettaq xi għemil jew ta struzzjonijiet biex isir xi għemil, jew b'xi mod ieħor iddevja mix-xogħlijiet li kien elenka li ser isiru u bil-metodoloġija u l-operat deskritt fil-*Method Statement*.

---

[74] Fol.47
[75] Bħala parentesi u kif sew tirrimarka l-abbli difiża tal-Perit Micallef, il-Qorti tosserva li l-ġurisprudenza tgħallimna li **min irid jiġġudika fuq il-fatti għandu l-kompitu jiddeċiedi dwar il-prevedibbiltà o meno tal-event dannuż**.
[76] Fol.327

(ii) Hu interessanti li l-*Proposal* għall-applikazzjoni stess issemmi li *"to **demolish** back part of the building….".*[77]

(iii) Ġie preżentat il-**Construction Management Plan** datat il-15 ta' Frar 2018.[78] Fis-sezzjoni 4.0 intestata *Demolition/Excavation Works* hemm deskritt ix-xogħlijiet li kienu ser isiru, li ma jirriżultax li kien hemm xi varjazzjoni minn dak li kien dikjarat bħala xogħlijiet previsti. Imbagħad fis-sezzjoni 5.0 intestata *Construction Works* insibu li *"loads from the proposed building will be directed towards the foundation thereby avoiding excessive loads onto existing party walls".*[79]

(iv) Prova oħra li x-xogħlijiet kienu koperti bil-permess **PA4553/17** hi ċ-<u>*Cittadella Conservation Order*</u> tas-26 ta' Settembru 2019, fejn jiġi dikjarat *"A section of the parapett wall and counterscarp at Cittadella collapsed in 2018 during the engineering **Works covered by PA4553/17** ….".*[80]

(v) Tajjeb jiġi sottolinejat li t-tiġrif tal-ħajt ma kienx konsegwenza li kien hemm xi xogħlijiet li marru <u>lil hinn minn dak awtorizzat u konċess</u> li jsir mill-Awtorità tal-Ippjanar!

**Ma jirriżulta minn imkien li saru xogħlijiet mhux sanzjonati mill-Awtorità.**

(vi) Fil-fatt Gordon Grech, b'lejaltà u responsabbiltà, jikkonferma li l-permess approvat mill-Planning Authority kien awtorizza li fil-ħajt in kwistjoni, dak li effettivament iġġarraf, **l-Awtorità għall-raġunijiet li tafhom hi biss, kienet awtorizzat li jinfetħu fih bieb u żewġt twieqi.**[81]

Jgħid: ***"Ma kien hemmx permess biex jaqa' dak il-ħajt........ Kif waqa' ma nafx."***[82]

Ikompli jikkjarifika billi jesebixxi pjanta:[83] *Kif tidher fuq il-pjanta Sinjura Maġistrat, mhix immarkata bl-isfar, jiġifieri dik il-parti ta' wara ma kellhiex dan il-ħajt ma kellux*

---

[77] **Dok.GGX3** a fol.236, fol.270 u fol.274
[78] Fol.58 et seq
[79] Fol.61
[80] **Dok.GGZ16** a fol.609
[81] Fol.555
[82] Fol.553
[83] **Dok.GGZ8** a fol.587

*jitwaqqa'*[84]*......Kulma kien hemm* ***kellhom jinfetħu bieb u żewġt it-twieqi.....*** *[Spettur Bernard Charles Spiteri: Issa, fejn kienu se jinħarġu dawn iż-żewġ twieqi u l-bieb li qed tgħid, dawn hemm x'jiġi?] Jiġi l-parti ta' fuq ta' dan il-ħajt li jagħti għal fuq in-naħa tal-foss in-naħa ta' fuq minn fejn, il-parti jiġifieri minn fejn jgħaddu n-naħa tan-nies in-naħa ta' fuq..... Eżatt, parti mill-[istess] ħajt u li huwa elevation għal fuq in-naħa taċ-Ċittadella."*[85] Grech ikkonferma li f'dan il-ħajt li ġġarraf kellhom jinfetħu żewġt itwieqi u bieb, ***"Iva, ġo dan l-istess ħajt."***.[86] In kontro-eżami jikkonferma li hu ħareġ l-*enforcement notice* sempliċiment għaliex il-ħajt kien imwaqqa' u ma kienx hemm permess biex jitwaqqa' l-ħajt mingħajr ma daħal fil-kwistjoni jekk it-twaqqigħ tal-ħajt kienx volontarju jew involontarju.[87] Mitlub diversi drabi jwieġeb jekk *enforcement notice* tinħariġx anke meta jkun sar twaqqigħ **involontarju** jixhed li *"x'ġara, il-ħajt waqa', ... irrispettivament kif waqa', .... ma nidħolx fih jekk kienx inċident jew le!"*.[88] Grech ikkonferma li hu **qatt ma kellu għalfejn jiddubita mill-verżjoni li tawh l-imputati.**[89]

(vii) Fil-fehma tal-abbli espert Torpiano kienet it-tneħħija taż-żewġt ikmamar fuq kull naħa tal-bitħa tal-fond li wasslet għall-kollass tal-ħajt in kwistjoni iżda jikkonferma dak li qal Grech, u ċioè li l-ftuħ tal-aperturi fil-ħajt in kwistjoni, *"**saru skont il-permess approvat mill-Awtorità ta' l-Ippjanar**"*.[90]

(viii) Mark Cini, fuq pjanta preżentata mid-difiża, **Dok.CG,**[91] ikkonferma li l-ħajt li ġġarraf hu mmarkat bl-isfar: ***"Is-sit immarkat bl-isfar huwa s-sit kopert bil-permess tal-iżvilupp*** *fuq id-dar bil-faċċata fuq Pjazza Indipendenza, u l-permess li ma kienx ikopri l-ħajt tal-fortifikazzjoni fuq in-naħa ta' wara....... Il-ħajt ta' wara tas-sit li waqa' kien il-ħajt tal-fortifikazzjoni faċċata – Huwa l-boundary ta' wara li jmiss mal- –[Il-Qorti: Tas-safra, tas-safra.] Li jmiss mal-fortifikazzjoni."*[92]

Din il-pjanta hi proprju dik annessa mal-Permess **PA 03035/07**[93] – li kien biss fuq talba tad-difiża li ġie esebit mill-Awtorità għall-Ippjanar - li approva *"Restoration*

---

84 Fol.554
85 Fol.555
86 Ibid.
87 Fol.570-571
88 Fol.574-575
89 Fol.575
90 Fol.44
91 Fol.689 et seq. Pjanta a fol.700
92 Fol.690-691
93 Fol.699

*of Citadel Fortifications",*[94] li turi li **d-dar in kwistjoni lanqas biss tmiss mal-fortifikazzjoni** kif ser ikompli jingħad aktar 'il quddiem fil-konsiderazzjonijiet tal-Qorti dwar it-tielet imputazzjoni.

Ix-xhud b'onestà jikkonferma mal-Qorti li l-parti s-safra interament tmiss mal-fortifikazzjoni u l-parti tal-ħajt li ġġarrfet taqa fil-*footprint* tal-parti s-safra għalkemm waqa ħajt li kien 'il barra mill-parti li waqgħet *"Għax waqa' l-ħajt ta' lqugħ."*[95] Cini jikkonferma wkoll li l-parti li waqgħet **ma ġġarrfitx għaliex saru xi xogħlijiet fuqha** iżda l-ħsarat li saru kienu biss <u>konsegwenza ta' xogħlijiet li kienu qed isiru esklussivament fuq *area* koperta bil-permess għall-iżvilupp</u>:

> *"Ix-xhud: Jiena, mill-proċess u li rajt huwa li kien hemm ħajt tal-fortifikazzjoni li għandu faċċata fuq il-bitħa tas-sit tal-permess.*
> *Il-Qorti: Meta tgħid "għandu faċċata," qed imiss magħha? Jew sempliċiment overlooking, li jkun hemm distanza?*
> *Ix-xhud: Is-site, l-iżvilupp, id-dar l-antika, it was abutting this fortification wall.*
> *Il-Qorti: Abutting. And what was brought down –*
> *Ix-xhud: when the fortification wall broke down, it pull with it other parts of the fortification, those marked in blue.*
> *Il-Qorti: Very good, as I am understanding. So the first, the initial kien parti mill-bini li kien kopert mill-permess.*
> *Ix-xhud: Parti mis-sit koperta bil-permess.*
> *Il-Qorti: Parti mis-sit. Le, le, le, jaħasra!*
> *Ix-xhud: Iva, iva, ok, ok.*
> *Il-Qorti: Parti mis-sit. Jien kelli ħajt qed imiss mal-fortifikazzjoni; dak il-ħajt kien kopert bil-permess, ġara xi ħaġa u waqa', il-parti tal-permess, b'konsegwenza ġibed xi ħaġa oħra li ma kinitx parti mill-permess.*
> *Ix-xhud: Iva, hekk fhimtu l-każ jiena.".*[96]

4. Fattur ta' sinifikanza kbira hu l-fatt li filwaqt li l-**Awtorità kienet hi li ħarġet il-permess** biex ġol-ħajt jinfetħu xejn anqas minn żewġt itwieqi u bieb, ħajt li jagħti għall-*covert way* taċ-Ċittadella, is-**Sovrintendenza ma sabet l-ebda oġġezzjoni għal tali xogħlijiet**.

---

[94] **Dok.MCSP** a fol.693
[95] Fol.691
[96] Fol.691-692

Din hi l-istess Sovrintendenza li f'dawn il-proċeduri ikkostitwiet ruħha *Parte Civile* meta fil-kors ta' *Consultation Process* għall-ħruġ tal-permess, mhux talli ma sabet l-ebda oġġezzjoni li f'dan il-ħajt jinfetħu bieb u aperturi, iżda ddeskrivewh bla valur tenut kont li x-xogħol propost, ***"does not indicate any evident threat to Cultural Heritage and therefore the Superintendence finds no cultural heritage concern regarding the proposed development".***[97]

Wara kollox iċ-Chairperson taċ-Cittadella Management Committee, Mons. Dr. J Vella Gauci, ikkonferma kif is-**Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali kienet ħarġet l-approvazzjoni tagħha għal dawn ix-xogħlijiet u l-permess inħareġ** għalkemm huma ma kinux ġew ikkonsultati.[98] *"minn naħa tagħna ma konniex qegħdin nikkontestaw l-permessi li kellhom"*.[99]

Aktar serju minn hekk, **Mark Anthony Mifsud** semma kif anke Joe Magro Conti, li jixhed differenti f'dawn il-proċeduri, kien ukoll tal-fehma li **l-ħajt li ġġarraf ma kellu ebda valur storiku jew kulturali.**[100]

Iżda din id-dikjarazzjoni mill-entità daqshekk awtorevoli fuq dak li jikkostitwixxi patrimonju kulturali, timmanifesta b'mod inekwivoku li fil-verità, **il-ħajt li ġġarraf ma kienx parti mill-fortifikazzjoni, mal-istruttura skedata.**

Għalhekk għandu mis-sewwa dak li jixhed il-Perit Micallef dwar il-ħajt: "*tant kien mibni robust li min ma jifhimx dan kien ħasbu li kien ħajt ta' sur, min ma jifhimx*[101]…… *Kieku kien ħajt ta' sur ma tawniex permess biex nifthu t-twieqi ġo fih. U ħajt ta' sur ma jkunx mibni bejn żewġt idjar wara li nbnew iż-żewġt idjar*".[102]

5. Diversi huma l-provi li jkomplu jissostanzjaw it-teżi li dan il-ħajt **ma kienx proprjetà kulturali jew parti mill-fortifikazzjonijiet** ta' madwar iċ-Ċittadella kif addebitat bit-tieni imputazzjoni u bit-tielet imputazzjonijiet.

(i). L-imputat ġie addebitat bir-reat kontemplat bl-artikolu 70(1)(a) tal-***Att Dwar il-Patrimonju Kulturali***, Kapitolu 445 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-frażi "proprjetà

[97] **Dok.GGX1** a fol.230
[98] Fol.131
[99] Fol.132
[100] Fol.193
[101] Fol.281
[102] Fol.282

kulturali" hi definita bl-artikolu 2 ta' l-Att bħala *"proprjetà mobbli jew immobbli li tagħmel parti mill-patrimonju kulturali"* filwaqt li l-frażi "patrimonju kulturali" tiġi definita bħala –

> … oggetti mobbli jew immobbli ta' importanza artistika, arkitettonika, storika, arkeologika, etnografika, paleontologika u geologika u tinkludi informazzjoni jew data relattivi ghall-patrimonju kulturali li jappartjeni lil Malta jew lil xi pajjiz iehor. Dan jinkludi wkoll siti jew depoziti arkeologici, paleontologici jew geologici, fdalijiet umani, pajsagg tal-art, tal-bahar u ta' taht il-bahar, gruppi ta' bini, kif ukoll kollezzjonijiet xjentifici, kollezzjonijiet ta' kampjuni naturali u ta' oggetti artistici, manuskritti, kotba, materjal ippubblikat, arkivji, materjal awdjo-viziv u riproduzzjonijiet ta' xi waħda minn dawn hawn qabel imsemmija, jew kollezzjonijiet ta' valur storiku, kif ukoll assi kulturali intangibbli li jinkludu l-arti, it-tradizzjonijiet, id-drawwiet u l-hiliet li jintuzaw fl-arti dimostrattiva, fl-arti applikata u fl-artigjanat u assi intangibbli ohra li għandhom valur storiku, artistiku jew etnografiku.

L-artikolu 3 tal-Att jimponi żewġ kundizzjonijiet ulterjuri sabiex oġġett jitqies li jkun jagħmel parti mill-patrimonju kulturali:

> Għall-finijiet ta' dan l-Att, oġġett ma jitqiesx li jkun jagħmel parti mill-patrimonju kulturali kemm-il darba dan ma jkunx eżista f'Malta, inklużi l-ibħra territorjali tagħha, jew f'xi pajjiż ieħor, għal ħamsin sena, jew kemm-il darba ma jkunx oġġett ta' valur kulturali, artistiku, storiku, etnografiku, xjentifiku jew Industrijali, ukoll jekk kontemporanju, li għandu jiġi preservat.

(ii) Il-Perit Torpiano osserva li *"L-istorja tal-kostruzzjoni tal-ħajt kollu mhux magħrufa: fil-wiċċ tal-paviment tal-passaġġ, fuq ix-xellug tal-parti ta' ħajt li waqgħet, jidhru il-fdalijiet ta' ħajt antik, <u>probabbilment</u> il-ħajt oriġinali madwar il-Foss taċ-Ċittadella,* ***li mhumiex fl-istess linja tal-ħajt li waqa',*** *imma <u>jiltaqgħu mal-istess ħajt, kif muri b'vleġġa ħamra fir-ritratti Nru.1-4</u>. ...... Wieħed jista' jikkonkludi li* ***l-ħajt li waqa' u il-kmamar ma nbnewx fl-istess żmien****."*[103]

(iii) Għalhekk fl-ewwel lok l-oġġett irid ikun: (i) "*eżista f'Malta, inklużi l-ibħra territorjali tagħha, jew f'xi pajjiż ieħor, <u>għal ħamsin sena</u>*", u (ii) irid ikun oġġett "*ta' valur kulturali, artistiku, storiku, etnografiku, xjentifiku jew industrijali, ukoll jekk kontemporanju, li għandu jiġi preservat*".

Il-Perit Portelli jixhed li *"Ilu ħamsin sena, ma tistax tgħid m'ilux"*.[104] Għalkemm b'din id-dikjarazzjoni jiġi sodisfatt l-ewwel rekwiżit biex oġġett jaqa' fid-definizzjoni ta' "patrimonju kulturali" kellu jiġi <u>ppruvat ukoll</u> li huwa "*ta' valur kulturali, artistiku,*

[103] Fol.45
[104] Fol.648

*storiku, etnografiku, xjentifiku jew industrijali, ukoll jekk kontemporanju, li għandu jiġi preservat"* kif kontemplati bl-artikolu 3 tal-Att.

Tali prova kellha ssir sal-grad taċ-ċertezza morali.

Hawnhekk għandu bilfors jiġi rilevat li l-**Perit Angelo Portelli** xehed li l-ħajt huwa ħajt riċenti u mhux il-Bastjun ta' San Mikiel, parti mis-swar taċ-Ċittadella. Huwa ħajt ġdid u jekk tmur fil-post ħlief bibien u twieqi jħarsu fuq *counterscarp* ma hemmx.[105] Fil-fatt kif jirriżulta mir-rapport tal-espert Torpiano, fil-ħajt in kwistjoni kien hemm indikazzjoni li fil-passat diġà kienu nfetħu bibien fih tant li parti mill-proġett kien jinkludi li dan il-bieb jerġa jinfetaħ. [106]Anke **Mons. Dr. Joe Vella Gauci** fl-inkjesta xehed li *"il-bieb kien pre-eżistenti però kien magħluq bil-ġebel"*[107], **indikazzjoni li fil-ħajt in kwistjoni kienu saru interventi minn żmien għal żmien**.

Mill-**Method Statement**[108] esebit minn Gordon Grech,[109] li sar mill-Periti Saviour Micallef u Edward Said wara t-tiġrif u liema rapport ***"ġie approvat fil-prinċipju"* mill-Awtorità,**[110] tinsab osservazzjoni li mhux mingħajr importanza għaliex hi propju f'din id-deskrizzjoni fejn jibda jinħoloq dubju dwar kemm il-ħajt in kwistjoni kienx tassew parti mill-fortifikazzjonijiet; tant li ssir distinzjoni bejn *"the wall"* u il-*"counterscarp"*. Anzi din id-dikjarazzjoni, li kif intqal mix-xhud ġiet **approvata fil-prinċipju mill-Awtorità**, waħedha xxejjen it-tieni u t-tielet imputazzjoni:

> *"**The wall did not follow the ditch side counterscarp wall alignment,** as the counterscarp clear width in front of site varied from 3.0m on the West to 5.2m on the East....*
>
> *Initial Analysis of this collapse indicate that:*

[105] Fol.647
[106] Fol.32 u 44. Vide ritratt nru.12 a fol.41
[107] Fol.130
[108] Fol.153 et seq. *Method Statement* bil-kulur fil-proċess *Il-Pulizija vs Mark Agius et* a fol.144 et seq. *Addendum to Method Statement* a fol.182 et seq u kopja tiegħu bil-kulur fil-proċess *Il-Pulizija vs Mark Agius et* esebit bħala **Dok.GG4** a fol.180 *tergo* et seq.
[108] Fol.135
[109] Fol.134
[110] Ibid.

- *Whilst the collapsed wall was built with a double skin in ashlar masonry blocks above the covert way level, the collapse on the western side shows that <u>irregular Stones laid in earth were used below this level</u>.*
- *The wall was built <u>unhewn and seperate</u> from the adjacent back wall on the eastern side – vide photos 4 and 10. This applies to the wall above and below the covery way level. This suggests that probably, it was built <u>seperately and at a later stage than the adjacent eastern one</u>. Photos 4 and 10 also show that the eastern party wall above the counterscarp level extends right to the back. However, below this level, it does not extend to the back. Indeed the upper part of this wall is built on a pocket of earth along its last stretch of ċirca 1.0m.*
- *A preliminary inspection of the collapse suggests that **the counterscarp wall abutting the ditch** is quite solid and coirca 1.2m thick, having an outer and inner face. It was **<u>not connected</u>** with the collpased wall – photo 7."*[111]

**Il-Perit Hermann Bonnici,** li tqabbad mill-Planning Authority biex jikkonstata l-ħsarat, ukoll jirreġistra qbil ma' dak li ngħad fil-**Method Statement**. Fil-parti intestata *'The historic significance of the site'* jagħmel is-segwenti dikjarazzjoni:

*"From the preliminary investigation carried out on site it can be deduced that the <u>configuration of the stone used in the building of the counterscarp varied from one construction element to another</u>. Irregular-shaped Stones laid in earth were used for the foundations of the covertway, while more regular ashlar masonry blocks were used to construct the foundations of the parapett wall of the covertway. Ashlar masonry blocks were used in the construction of the boundary wall"*. [112]

<u>Indikazzjoni oħra</u> li l-parti tal-ħajt li waqgħet u l-ħajt tal-fortifikazzjoni **ma kinux mibnija bl-istess materjal jew kienu parti ta' ħajt wieħed iżda binjiet differenti**.

Mument ieħor fejn id-difiża kellha rwol kruċjali biex tassigura li f'dan il-każ ikunu <u>nġabu l-provi kollha</u> u mhux limitatament dawk in sostenn tal-każ tal-prosekuzzjoni, kien meta esebiet pjanta **Dok.CG,**[113] li rappreżentant tal-Planning Authority, is-Sur Mark Cini, intalab jixhed dwarha.[114]

---

[111] Fol.153
[112] Fol.221
[113] Fol.700
[114] Fol.689 et seq

Cini jikkonferma l-ovvju, u ċioè li l-fortifikazzjonijiet taċ-Ċittadella huma mmarkati b'delinejazzjoni ħamra filwaqt is-sit tal-proġett, inkluż il-ħajt li waqa' bl-isfar. M'hemmx dubju li l-proġett, **il-parti s-safra ma kienet tmiss ma' mkien mal-linji ħomor li jindikaw il-fortifikazzjoni.**[115]

**Ix-xhud stess jimmarka bil-blu parti li qiegħda aktar 'il barra mil-linji ħomor tal-fortifikazzjoni!!**[116]

Ix-xhieda ta' Joe Magro Conti ħalliet lil din il-Qorti kemmxejn perplessa meta jiġi kunsidrat dak li kien xehed Mark Anthony Mifsud, in rappreżentanza tas-Sovrintendent tal-Wirt Kulturali, quddiem il-Qorti diversament preseduta magħdud ma' dak li xehed Magro Conti quddiem din il-Qorti kif preseduta meta reġgħu nbdew il-proċeduri.

Hu sinifikanti li fil-kors tal-proċeduri oriġinali Magro Conti ma kienx xehed. Kien biss **Mark Anthony Mifsud** li semma kif flimkien ma' Magro Conti, meta ma kienx għadu laħaq Sovrintendent, ikkonstataw is-segwenti:

*"Issa ghamilt review tal-każ kif stajt anke mac-chief teghi li huwa Joseph Magro Conti, the Superintendent, li anke hu dak iz-zmien ma kienx the officer in charge, allura pjuttost we had to rediscver the case, sa fekn stajna. .......Issa, mela l-evidenza iktar xehdet* ***wara ċertu inspections li aktarx il-ħajt li waqa' kien iżjed assoċjat mad-dar milli mal-fortifikazzjonijiet.*** *Dan meta nbniet id-dar, probably in the late nineteenth century, ottocento fit-tard, in the eighteen hundreds, dawn probabbli biddlu l-allinjament tant li l-morfoloġija tal-ħajt ma kinit tixhed li kienet parti oriġinali mill-fortifikazzjonijiet; kienet pjuttost il-pożizzjoni tiegħu, is-sit li bdiet iddoqq l-alarm bells, iżjed milli għax il-ħajt kellu ċertu valur"*[117]

Mifsud jixhed: *"Mela, in conclusion, is-Sovraintendenza anke kitbet lill-pulizija riċentement, il-ħajt li niżel, ir-retaining wall,* ***il-ħajt ta' appoġġ ma kellux valur evidenti, ċertament mhux valur ta' fortifikazzjoni*** *għax kien pjuttost assoċjat ma' xogħol li sar wara meta nħolqot id-dar u aktarx meta nħolqu ċerti interventi fuq wara l-proprjetà......Iċ-Ċitadella hemm baqgħet."*[118]

---

115 Vide fol.700 fejn jimmarka bil-blu parti li qiegħda aktar 'il barra mil-linji ħomor tal-fortifikazzjoni!
116 Fol.700
117 Fol.193
118 Fol.194

Għaliex din il-korrispondenza mis-SCH lill-pulizija ma nġabitx a konjizzjoni tal-Qorti u tad-difiża iżda tħalliet moħbija?? X'sar mill-obbligu li fi proċedimenti penali kull prova, kemm kontra iżda kif ukoll favur l-imputat għandha tiġi preżentata lill-Qorti.

Magro Conti jagħmel tentattiv pjuttost fjakk biex jispjega l-*u-turn* magħmulha mid-dipartiment tiegħu - li aktar qabel kien kiteb lill-Planning Authority li l-ħajt ***"does not indicate any evident threat to Cultural Heritage and therefore the Superintendence finds no cultural heritage concern regarding the proposed development"***[119] – meta jispjega li bil-permess maħruġ tneħħew *accretions* fil-bitħa tad-dar biex jinkixef il-ħajt ta' wara, tant li jispiċċa jagħmel analoġija max-xogħlijiet li twettqu fuq is-swar li jdawwru l-Belt u l-Furjana fejn tneħħew diversi *accretions* sabiex il-foss reġa' ġie għal dak li kien oriġinarjament.[120]

Iżda dak li għar-raġunijiet ovvji ma jsemmix ix-xhud hu, li fil-każ in deżamina, il-permess **PA4553/2017** kien approva mhux sempliċement it-tneħħija tal-*accretions* imma ġie **approvat li jinbena bini għola minn dak li tneħħa**, bini ta' erba' sulari **appoġġat direttament ma' dan l-istess ħajt** u saħansitra approvat ukoll il-**ftuħ ta' żewġ twieqi u bieb** fil-ħajt**![121]**

Ma jsemmix Magro Conti li tali permess ġie approvat **bil-barka tas-Sovrintendenza u tal-Heritage Planning Unit fi ħdan l-Awtorità.**

Kummenti ulterjuri huma superfluwi!!

(iv) Kif intqal aktar 'il fuq, id-definizzjoni ta' "patrimonju kulturali" mogħtija fl-artikolu 2 tal-***Att dwar il-Patrimonju Kulturali***, trid tinqara mal-artikolu 3 tal-istess Att, u għaldaqstant id-deċiżjoni dwar jekk il-ħajt mertu ta' din il-kawża kienx jifforma parti mill-patrimonju kulturali tirrikjedi ħila jew sengħa speċjali.[122]

Tant hu hekk li l-Avukat Ġenerali b'għaqal talbet li jiġi maħtur espert bil-għan li jirrelata dwar il-valur patrimonjali u kulturali fir-rigward tal-ħajt li ġġarraf.[123]

---

[119] **Dok.GGX1** a fol.230
[120] Fol.620
[121] Vide pjanta approvata a fol.551
[122] Skont l-abbli difiża *multo magis* meta, bħal ma hija l-proprjetà mertu ta' dan il-każ, tali proprjetà ma tkunx imsemmija fl-Inventarju Nazzjonali kontemplat bl-artikolu 53 tal-Att.
[123] Fol.641

Għal dan il-għan inħatar il-**Perit Angelo Portelli** li biex seta' jikkonstata l-valur imsemmi kien neċessarju li jiġi determinat jekk il-parti li ġġarrfet <u>kinitx parti mill-fortifikazzjoni</u> kif addebitat bit-tielet imputazzjoni. Wara li esebixxa r-rapport minn tiegħu,[124] il-Perit jispjega:

*"Jiena mort fuq il-post. Issa, xħin mort fuq il-post kien hemm jiġifieri it was highly evidenti, jiġifieri kien hemm ħajt antik għadu jidher, u l-ħajt ġdid li reġa' nbena. Xħin tara l-proċess kollu, <u>fil-ħajt eżistenti li kien hemm diġà kien hemm aperturi li kienu ibblokkjati.</u> Jiena għamilt riferenza għalih. Xħin tqabbel il-pjanti ma' li hemm li kien hemm fil-file, <u>il-ħajt l-antik taċ-Ċittadella, il-pedamenti tiegħu għadhom jidhru, il-ħajt li hemm preżentement huwa ħajt relattivament ġdid</u>. Xħin tqabbel ma' kollox jiġifieri hemm ir-ritratti tas-site kollha. Dan, il-committments żdiedu, bibien u twieqi, **jien fl-opinjoni tiegħi mhuwiex parti mill-fortifications il-ħajt; żdied wara meta nbena l-iżvilupp, jiġifieri ma kienx hemm, il-fortifikazzjonijiet ma kinux jaslu hemmhekk**..... jekk tara l-aħħar paragrafu, jiena għidt, "In view of the above the cultural value of the wall is <u>severely limited</u> when taking into account the time period it was constructed, the presence of previous block structures, the location of the said wall in relation to the foundations of an existing older wall and overall surrounding context of neighbouring buildings".*

Mitlub jiddetermina mill-prosekuzzjoni meta kien inbena l-ħajt li ġġarraf l-espert hu ċar:

*"Data u ħin ma nistax nagħti, jiġifieri ma nistax nieħu ġurament fuq data u ħin; jekk nagħti data u ħin inkun qed nigdeb. Dik il-verità! Il-ħajt huwa ħajt, jien **fl-opinjoni tiegħi bħala perit, huwa ħajt riċenti; dik l-istorja kollha, jiġifieri mhuwiex il-Bastjun ta' San Mikiel, fhimt?.....** jien qed nitkellem fil-kapaċità tiegħi bħala perit, ħa nagħmel punt –L-opinjoni tiegħi, jiena għalija huwa **ħajt ġdid, jiġifieri dan jekk tmur fuq il-post <u>ħlief twieqi u bibien iħarsu fuq counterscarp, mhemmx</u>. Żgur li ma kinux interventi riċenti. ......il-ħajt l-antik huwa dan. Dan huwa l-pedament ta' ħajt antik, anke l-ġebel kif inhu poġġut jidher li huwa ħajt antik.** Dan huwa ħajt ġdid. Very simple!"*[125]

B'hekk l-abbli espert jagħmel **distinzjoni bejn l-istruttura antika li għadhom jidhru l-pedamenti tagħha, b'ġebel antik u l-ħajt in kwistjoni li hu ferm aktar ġdid mill-pedamenti tal-ħitan tal-fortifikazzjoni.**

---

[124] **Dok.AP** a fol. 650-652
[125] Fol.647-648

Fil-fatt dan jemana biċ-ċar mir-rapport tiegħu fejn il-Perit Portelli, li kellu aċċess għall-provi preżentati in atti, jagħmel is-segwenti osservazzjonijiet: [126]

*"The wall under consideration has several apertures overlooking the covert way. These apertures were approved as part of PA4553/17 following consultations with the relevant authorities including but not limited to MTA, SCH and CRPD amongst others.* ***It was explained in the proċess of this PA application that the proposal as submitted does not indicate any evident threat to the Cultural Heritage*** *and therefore the Superintendence finds no Cultural Heritage concern regarding the proposed development.*[127]

*It was also noted that the original wall exhibited blocked up apertures facing the countersarp*[128]*. From a site visit carried out by the undersigned the exposed foundations of* ***a perimeter wall are clearly visible which wall is located further inwards (towards the ditch)*** *from the reconstructed collapsed wall. This fact was also noted in the report submitted by Perit Torpiano.*

*It can be deduced that this wall was the original perimeter line and subsequently* ***development took place away from the perimeter of this wall*** *which fact is clearly evidenced by the number of apertures including doors and windows overlooking the counterscarp. These developments included the developments shown nowadays abutting Cittadella including the property under consideration.*

*It is the considered opinion of the undersigned that following the site inspection carried out and the review of documents it can be concluded that* ***the wall under consideration was not constructed at the same time as the Cittadella Fortifications****.*
*It was probably constructed at a much later stage when the neighbouring land was being developed although a precise date cannot be safely given.*

*Furthermore, the adjacent area is heavily committed with relatively recent new development as can be confirmed from figure 2 below.*

*In view of the above the cultural value of the wall is severely limited taking into account the time period it was constructed, the presence of previous blocked apertures, the location of the said wall in relation to the foundations of an existing older wall and the overall surrounding context of neighbouring buildings."*

---

[126] **Dok.AP** a fol.650-652
[127] Minute 78a, PA4553/17 *case file*
[128] Photo 12 – Perit Torpiano Report fol.41 (fol.50 tal-proċess *Il-Pulizija vs Mark Agius et)*

Għaldaqstant il-konklużjoni tal-Perit Portelli li ***"the wall under consideration was not constructed at the same time as the Cittadella Fortifications."***, tikkonferma bi sħiħ il-konstatazzjonijiet oriġinali li kienu saru mis-Sovrintendenza u li jissemmew minn Mark Anthony Mifsud!

(v) Issa t-tieni imputazzjoni tipprospetta bħala element formali kemm aġir doluż (*"xjentement"*) kif ukoll aġir kolpuż (*"b'negliġenza, nuqqas ta' ħila jew ta' osservanza ta' regolamenti"*). L-element materjali tiegħu jikkonsisti fil-kaġunar ta' danni jew qrid ta' proprjetà kulturali.

Fortunatament għal Gżirietna u l-Wirt storiku tagħha, il-provi prodotti jeskludu li dan il-ħajt kien tassew "proprjetà kulturali" kif ser jingħad:

(a). Ġa saret referenza għall-permess awtorizzat mill-Awtorità tal-Ippjanar **PA3035/07;**[129] is-sit li għalih saret referenza fl-istess permess ġie deskritt bħala "*Citadel Fortifications, Ic-Cittadella, Rabat (Għawdex)*". Il-proposta tgħid "*Restoration of Citadel Fortifications*". F'dan id-dokument hemm stabbiliti l-fortifikazzjonijiet taċ-Ċittadella peress li ġew murija **bl-aħmar** fuq il-pjanta approvata.[130]

Din il-pjanta timmanifesta li **la l-ħajt li waqa' u lanqas il-ħitan tan-naħa tal-lemin u tax-xellug tiegħu ma ġew identifikati bħala fortifikazzjoni** u għaldaqstant ma kinux inklużi f'dan il-permess. Fil-fatt dawn il-ħitan qatt ma ġew restawrati bħala parti mill-proġett ta' restawr taċ-Ċittadella.

(b). Fil-punt numru 10 tal-**Avviż numru 427 maħruġ fil-Gazzetta tal-Gvern tas-27 ta' Ġunju, 1995**[131], issir referenza għal "*[a]ll the Fortifications around Cittadella (51) designated as Grade 1 in terms of Structure Plan Policy UCO 7*". Jirriżulta mill-pjanta annessa mal-Avviż[132] li l-fortifikazzjonijiet huma indikati bħala dawk 'il ġewwa mid-*dotted line* (51)[133]. Id-dar fl-indirizz 3, Triq Sir Adrian Dingli, Rabat, Għawdex qiegħda 'l barra minn din il-linja u, sew tirrimarka d-difiża li wara kollox u fl-agħar ipoteżi għall-imputat, qatt ma saret il-prova li qiegħda 'l ġewwa minn din id-*dotted line*[134]. Infatti fil-Parti 4.4 intestata "*Site Constraints*" tal-*Case Officer*

[129] **Dok.MCSP** a fol.693 et seq
[130] Fol.699
[131] **Dok.GGZ** a fol.532 et seq
[132] Fol.534
[133] Ibid.
[134] Id-dar/sit tal-proġett lanqas biss ma tidher fil-pjanta.

*Report*, li a bażi tiegħu ħareġ il-*Full Development Permission*, ma saret ebda referenza għal dan l-Avviż.[135]

Fil-fehma tal-Qorti r-raġuni għal dan in-nuqqas hu proprju għaliex din il-proprjetà **qatt ma ġiet ikkunsidrata bħala parti mill-fortifikazzjonijiet** ta' madwar iċ-Ċittadella.

(c). Il-*Full Development Permission* tal-Awtorità tal-Ippjanar inħareġ wara li ġew ikkonsultati diversi entitajiet, fosthom is-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali, li ma oġġezzjonatx għall-iżvilupp indikat fl-applikazzjoni. Infatti fil-Parti 4.6 (*CONSULTATIONS Replies*) tal-*Case Officer Report* wieħed isib il-pożizzjoni tas-Sovrintendenza: "*Superintendence of Cultural Heritage (SCH) finds no objection (document 78a*)".[136]

(d). L-espert tal-Qorti Angelo Portelli qal li, fil-konsultazzjonijiet qabel ma nħareġ il-*Full Development Permission* tal-Awtorità tal-Ippjanar: "*[i]t was explained in the process of this PA application that the proposal as submitted does not indicate any evident threat to the Cultural Heritage and therefore the Superintendence finds no Cultural Heritage concern regarding the proposed development*".[137]

(e).Wara li waqa' l-ħajt jirriżulta li s-Sovrintendenza kitbet lill-Pulizija u infurmathom li l-ħajt mertu tal-każ "***ma kellux valur evidenti, ċertament mhux valur ta' fortifikazzjoni** għax kien pjuttost assoċjat ma' xogħol li sar wara meta nħolqot id-dar u aktarx meta nħolqu ċerti interventi fuq wara l-proprjetà*".[138]

Jiġi ribadit kemm hi gravi din iċ-ċirkostanza fejn l-imputat ġie **imputat b'fatti minkejja li s-Sovrintendenza kienet ġa eskludiethom.**

(f). L-espert Perit Angelo Portelli, irrelata, *inter alia*, li l-ħajt mertu tal-każ ma jifformax parti mill-fortifikazzjonijiet anzi probabbilment ġie mibni **ħafna wara li nbnew il-fortifikazzjonijiet u li għalhekk il-valur kulturali tal-ħajt huwa severament limitat.**[139] Il-Perit Portelli jixhed li l-ħajt huwa ħajt riċenti u jagħmel distinzjoni bejn dan il-ħajt u l-Bastjun ta' San Mikiel.[140] Jiddeskrivi l-ħajt bħala ħajt

---

[135] Fol.236 *tergo* (86a) u kopja oħra a fol.674
[136] Fol.237 u fol.675
[137] **Dok.AP** a fol.650
[138] Fol.194 per **Mark Anthony Mifsud** mill-SCH
[139] Fol.651
[140] Fol.647

ġdid u josserva li meta tasal fuq is-sit u kif juru r-ritratti esebiti fil-proċess anke mill-Awtorità u l-Perit Torpiano, ħlief bibien u twieqi jħarsu fuq *counterscarp* ma hemmx![141]

Mill-atti riżultanti l-Qorti taqbel mat-teżi difensjonali tal-imputat Micallef li hu dejjem aġixxa taħt l-impressjoni korretta li l-ħajt mertu tal-każ ma kienx jifforma parti mill-patrimonju kulturali ta' pajjiżna. Il-fatt li oriġinarjament is-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali korrettament ħadet din il-pożizzjoni jsaħħaħ din it-teżi; l-istess kif korrettament oriġinarjament l-Awtorità tal-Ippjanar approvat il-*Full Development Permission* (**PA/04553/17**).

Kif qatt jista' jingħad, għall-finijiet ta' dan ir-reat partikolari, li ħsara allegatament fil-proprjetà kulturali kienet prevedibbli meta dawn l-entitajiet ħadu tali pożizzjoni? Ikun kontro-sens issib xort'oħra!

Kif seta' l-imputat aġixxa b'mod negliġenti u traskurat meta l-istess Sovrintendenza ma kinitx oġġezzjonat għal permess sabiex jinfetħu bieb u żewġ twieqi f'ħajt, fejn mhux talli hekk, iżda il-proġett kien ippropona l-**bini ta' erba' sulari oħra appoġġat direttament ma' dan l-istess ħajt. Proġett li ġie approvat mill-Awtorità!** Fl-agħar ipoteżi għalih, tassew huwa ġie żgwidat minn dawn l-entitajiet u kwalsiasi reità kolpuża hija manifestament eskluża.

Għaldaqstant fil-fehma tal-Qorti din l-imputazzjoni ma ġietx pruvata.

6. It-tielet imputazzjoni tikkontempla r-reat ravviżat bl-artikolu 103(1)(b) tal-***Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp***, Kapitolu 552 tal-Liġijiet ta' Malta. L-imputazzjoni kif addebitata tirreferi esklussivament għall-iskedar magħmul bl-**Avviż legali 427 tas-27 ta' Ġunju 1995**[142] u għall-ebda Ordni jew Avviż Legali ieħor tenut kont li diversi kienu l-Ordnijiet li l-prosekuzzjoni jidher li talbet lil Joe Magro Conti jesebixxi.[143]

---

[141] Ibid.

[142] **Dok.GGZ** a fol.532 *et seq*

[143] *Conservation Order* datat id-19 ta' April, 2018 [**Dok. JMC1** a fol.628-629]. Ġew preżentati wkoll kopji tal-*Government Notices* relattivi għal (i) ordni li jinkludu fil-Lista ta' Proprjetà Skedata Ir-Rabat, Għawdex u ċ-Ċittadella bħala area ta' importanza arkeoloġika u fdalijiet arkeoloġiċi ta' strutturi, postijiet ta' dfin u depożiti fiż-żona msemmija bħala Klassi B skont it-termini tal-Policy ARC2 tal-Pjan ta' Struttura u l-Policy Statement għaż-Żoni ta' Importanza Arkeoloġika [**G.N.765 tal-1992** a fol.633-634] u (ii)

(i). Hu l-punt numru 10 li jakkwista rilevanza għall-imputazzjoni odjerna tenut kont li dan jirrigwarda "*All the Fortifications around Cittadella (51)*[144] *designated as Grade 1 in terms of Structure Plan Policy UCO 7*".

Konsegwentement biex il-ħajt in kwistjoni jista' jitqies li kien ħajt skedat b'dan l-Avviż Legali, irid neċessarjament ikun jifforma parti mill-fortifikazzjonijiet madwar iċ-Ċittadella.

Madankollu ma nġabet l-ebda prova simili, anzi għal kuntrarju, permezz tal-provi li talbet id-difiża rispettiva tal-imputati, u li esebiet hi stess fil-kawżi rispettivi li, kif intqal sa mill-bidu net, jgħoddu għat-tlett proċedimenti, dan hu **eskluż**.

(ii). Kif sew jingħad mill-abbli difiża, il-pjanta annessa mal-Avviż[145] inkonfutabbilment turi l-fortifikazzjonijiet bħala dawk **'il ġewwa** mid-*dotted line* (51), kif ukoll id-dar numru 3, Triq Sir Adrian Dingli, Rabat, Għawdex qiegħda 'l barra minn din il-linja tant li lanqas biss tidher fuq il-pjanta. Għall-inqas prova kuntrarja ma nġabitx.

(iii). Iktar minn hekk il-*Case Officer Report*, fil-parti intestata '4.4 *Site Constraints*'[146] li a bażi tiegħu ħareġ il-*Full Development Permission* imsemmi qabel, ma saret ebda referenza għall-Avviż 427 tal-1995. Dan għaliex l-Awtorità tal-Ippjanar ma kinitx qed tikkonsidra l-ħajt bħala formanti parti mill-fortifikazzjonijiet taċ-Ċittadella.[147] Mill-banda l-oħra jerġa jitfakkar dak li kitbet l-SCH u ċioe' li fil-fehma tagħha il-proġett ***"does not indicate any evident threat to Cultural Heritage and therefore the Superintendence finds no cultural heritage concern regarding the proposed development".***[148]

---

ordni li ddikjara l-Promontorju taċ-Ċittadella u l-madwar bħala area ta' Sbuħija Naturali kif ukoll iċ-Ċittadella bħala ta' Grad 1 skont it-termini tal-Policy UCO7 [ **G.N. 83 tal-2001** a fol.635-636]

144 L-imputat jassumi li l-(51) ma tirreferix biss għall-punt limitat fejn qiegħda indikata iżda tirreferi għaż-żona kollha 'l ġewwa mid-*dotted line*. Però din hija biss assunzjoni u ma saret ebda prova f'dan is-sens.

145 Fol.534

146 Fol.674 (86a)

147 Fol.675. Fil-Parti 4.6 (***CONSULTATIONS Replies***) tal-*Case Officer Report* wieħed isib il-pożizzjoni ċara u inekwivokabbli tas-Sovrintendenza: "***Superintendence of Cultural Heritage*** *(SCH) finds no objection (document 78a)*".

148 **Dok.GGX1** a fol.230

L-istess jingħad għall-**Government Notice 36/2011.**

(iv). Il-teżi tad-difiża li l-ħajt in kwistjoni **mhux parti** mill-fortifikazzjonijiet hi konfortata wkoll minn dak li jirriżulta mill-permess **PA3035/07** li ġa saret riferenza għalih.[149] Id-deskrizzjoni tas-sit fuq il-permess tgħid "*Citadel Fortifications, Ic-Cittadella, Rabat (Għawdex)*" u l-proposta tgħid "*Restoration of Citadel Fortifications*".

Hu skonċertanti li kellha tkun id-difiża li talbet li jiġi esebit dan il-permess li jindika b'mod mill-aktar inekwivoku d-delinejazzjoni tal-fortifikazzjonijiet taċ-Ċittadella murija bl-**aħmar** fuq il-pjanta approvata[150] ma tinkludix il-*footprint* tal-proġett ta' Agius. Kif anke wriet il-pjanta **Dok.CG** (esebita mill-Avukat Galea, kopja tal-istess pjanta biż-żieda bl-isfar tad-dar in kwistjoni).[151]

Kif ġa kellha okkażjoni tiddetermina l-Qorti aktar 'il fuq, id-difiża hi għal kollox korretta meta tissottometti li din il-pjanta **la l-ħajt li waqa' u lanqas il-ħitan tan-naħa tal-lemin u tax-xellug tiegħu ma ġew identifikati bħala fortifikazzjoni u għaldaqstant ma kinux inklużi fil-permess PA3035/07**!

**Mhux mingħajr sinifikat kbir il-fatt li ma jirriżultax li dawn il-ħitan f'xi żmien sar xi restawr fuqhom, inkluż fil-kors tal-proġett ta' restawr taċ-Ċittadella.** Fil-fatt minn ritratti esebiti minn Gordon Grech, jidher il-ħajt in kwistjoni qabel ma waqa', fiż-żmien meta x-xogħlijiet ta' restawr taċ-Ċittadella kienu ntemmu; fuq liema ħajt ma jidhirx li saru interventi ta' restawr bħall-kumplament tal-fortifikazzjonijiet!!

Konsegwentement il-permess awtorizzat mill-Awtorità tal-Ippjanar **PA3035/07**[152] **jistabbilixxi mingħajr dubji liema huma l-fortifikazzjonijiet taċ-Ċittadella**. Il-pjanta annessa timmanifesta li **l-ħajt li waqa' ma ġiex identifikat bħala fortifikazzjoni.**

(v). Il-fatt li l-fond li fih kienu qed isiru x-xogħlijiet u li lilu kien jappartjeni l-ħajt li waqa' kien dikjarat bħala "*proprjetà ta' Grad tnejn (II) skont **Government Notice 36/2011***"[153] bil-mod kif inhi arġinata l-imputazzjoni li torbot il-proprjetà **limitatament u esklussivament** ma' "*parti mill-fortifikazzjonijiet ta' madwar iċ-*

---

149 **Dok.MCSP** a fol.693 et seq
150 Fol.699
151 Fol.700
152 **Dok.MCSP** a fol. 693 et seq
153 Fol.670. Vide **Dok.MCGN** a fol.672 et seq

*Ċittadella liema struttura hija skedata skond l-Avviż numru 427 maħruġ fil-Gazzetta tal-Gvern ta' nhar is-27 ta' Ġunju 1995"* teskludi l-ħtieġa li l-Qorti tindaga oltre jekk hemmx xi ksur relatat ma' G.N.36/2011.

**Ikkunsidrat:**

7. **Negliġenza, Imprudenza, Traskuraġni tal-Imputat**

Dawn il-konsiderazzjonijiet jgħoddu għall-imputazzjonijiet kollha fejn hu allegat li l-imputat aġixxa bi traskuraġni, negliġenza jew non-osservanza ta' regolamenti.

Hawn irid jiġi ppruvat *nexus* bejn l-att u r-riżultat sabiex l-att tal-imputat jista' jitqies kriminalment imputabbli. Fil-mankanza tal-hekk imsejjaħ *chain of causation* bejn l-att li ħoloq id-danni u d-danni riżultanti ma tista' qatt tirriżulta l-*culpa.* Imiss għalhekk li jiġi kunsidrat x'inhuma l-elementi li għandhom jiġu pruvati mingħajr dubju dettat mir-raġuni biex jiġi pruvat li l-imputat aġixxa bi traskuraġni, negliġenza jew nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti.

Riċentement fil-proċediment **Il-Pulizija vs. Norbert Grixti,** fejn il-konsiderazzjonijiet hemm magħmulha li jittrattaw offiżi involontarji japplikaw anke għall-ħsara involontarja, il-Qorti tal-Appell Kriminali ikkunsidrat:[154]

> Illi b'riferenza għall-ewwel (1) imputazzjoni din il-Qorti tirreferi għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fit-3 ta' Diċembru 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Mario Gatt** (Numru 209/2019), liema sentenza għamlet riferenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Richard Grech** (per Imħallef V. De Gaetano) li ġiet mogħtija fil-21 ta' Marzu 1996 fejn ingħad hekk:
>
> "jekk il-prudenza tikkonsisti f'illi persuna tagħmel dak li hu raġonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannużi ta' għemilha, l-imprudenza, li hi n-negazzjoni ta' din il-virtù, tikkonsisti f'illi wieħed jagħmel avventatament dawk l-affarijiet li messu ppreveda li setgħu jikkaġunaw ħsara. It-traskuraġni, mill-banda l-oħra, timplika ċerta non-kuranza, ċertu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali. Fiż-żewġ każijiet, però, il-ħsara tkun prevedibbli għalkemm mhux prevista: kieku kienet ukoll prevista, wieħed ikun qiegħed fil-kamp doluż b'applikazzjoni tad-dottrina tal-intenzjoni pożittiva indiretta."
>
> Illi sentenza oħra li kkunsidrat l-elementi ta' Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta (liema artikolu għandu x'jaqsam ma' Artikolu 226 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta) hija dik fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Perit Louis Portelli** (per Imħallef Dr. J. Flores) li ġiet mogħtija fl-4 ta' Frar 1961 fejn ingħad hekk:

[154] Per Onor Imħallef Dr. Neville Camilleri. Seduta 13 ta' Lulju, 2023.

"Hu meħtieġ għall-kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-art. 239 [illum 225] tal-Kodiċi Penali illi tirrikorri kondotta volontarja negliġenti – konsistenti ġenerikament f'nuqqas ta' ħsieb ("imprudenza"), traskuraġni ("negliġenza"), jew nuqqas ta' ħila ("imperizia") fl-arti jew professjoni jew konsistenti speċifikatament f'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti – <u>li tkun segwita, b'ness ta' kawżalita', minn event dannuż involontarju</u>.

Għandu jiġi premess illi, għall-aċċertament tal-ħtija minħabba f'kondotta negliġenti, għandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-"bonus paterfamilias": dik il-kondotta, ċioè, illi fil-każ konkret kienet tiġi wżata minn persuna ta' intelliġenza, diliġenza u sensibilita' normali; kriterju dan li, filwaqt li jservi ta' gwida oġġettiva għall-ġudikant, iħallih fl-istess ħin liberu li jivvaluta d-diliġenza tal-każ konkret. *"La diligenza del buon padre di famiglia costituisce un criterio abbastanza indeterminato per lasciare al giudice gran liberta' di valutazione"* (Giorgi, Teoria delle Obbligazioni, II 27. P.46)." [enfasi miżjuda]

Illi minn naħa l-oħra fis-sentenza mogħtija fit-18 ta' Frar 2020 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Cortis** (Numru 317/2017), din il-Qorti diversament preseduta għamlet referenza għal sentenza oħra u qalet hekk:

"Fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Mustafa Gohar** il-Qorti tal-Maġistrati presjeduta mill-Maġistrat illum Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera nhar l-20 ta' Novembru 2004 kienet stqarret is-segwenti:-

"[...]

Meta si tratta ta' *colpa* huwa mportanti li jiġu ppruvat in-*nexus* li għandu jeżisti bejn l-att u rriżultat sabiex l-att jista' jitqies kriminalment imputabbli. Huwa biss jekk jirriżulta *chain of causation* bejn l-att li ħoloq id-danni u d-danni riżultanti li jista' jirriżulta *culpa*. Kif ġie deċiż nhar is-sbatax ta' Mejju, 1948 fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Salvatore Camilleri** per Imħallef Harding li: *"Such need for the existence of a chain of causation between the negligent act and the ensuing harm is a requisite for responsibility to exist." Fil-fatt ikompli jgħid: "The principle that for culpa to exist there must be the causa nexus between act and event, applies not only with regard to negligence, imprudence, carelessness and unskillfulness, in an art or profession <u>but it is equally requisite in case of non-observance of the regulations</u>.""* [emfasi miżjuda]

Illi fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Lulju 1998 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Saverina sive Rini Borg** et sar eżami approfondit tad-dottrina u ġurisprudenza fuq dan is-suġġett u ntqal hekk:

"Dan ifisser li fil-materja tal-kolpuż, hemm neċessarjament l-element ta' attivita' dirett għal xi fini partikolari li minħabba nuqqas ta' ċertu prekawzjonijiet jistgħu jiġu leżi jew danneġġjati jew ippregudikati l-interessi ta' terzi. [...]

Hemm diversi forom ta' kondotta kolpuza derivanti minn atti ta' negliġenza, imprudenza, imperizja u nonosservanza ta' liġijiet, regolament, ordnijiet u simili:

L-imprudenza tiġi mill-aġir ta' xi ħadd mingħajr ma jieħu l-opportuni kawteli.

In-negliġenza tiġi mid-diżattenzjoni u diskortezza ta' l-aġent fil-kondotta tiegħu.

L-imperizja hija l-forma speċifika tal-kulpa professjonali, ċioè, kif jgħid il-Manzini: *"inettitudine e insufficienza professionale generale e specifica, nota all'agente, di cui egli vuole non tener conto."*

Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll għan-non-osservanza tal-liġijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, bħalma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-awtorità pubblika dwar xi attivita' determinata u specifika bl-iskop li jiġi evitat il-possibilita' ta' ħsara u dannu lil terzi, ċioè, dawk li jkollhom l-element tal-prevenzjoni [...].

Taħt dawn il-forom ta' kondotta kolpuża sia minħabba imprudenza, negliġenza, u imperizja, sia minħabba nuqqas ta' osservanza tal-liġijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, hemm differenza essenzjali, dik tal-prevedibilita'. Il-prevedibilita' tibqa' essenzjali taħt kull forma ta' kulpa, iżda fi gradi differenti. Hi tibqa' dejjem il-nota saljenti f'kull forma kondotta kolpuża, iżda għandha gradi differenti f'kull każ ta' imprudenza, negliġenza u imperizja, mentre hija preżunta fil-forma l-oħra fejn si tratta ta' reati minħabba non-osservanza ta' liġijiet, regolamenti, ordnijiet u simili. F'dawn il-każijiet mhux possibbli jew ammess lill-aġent li jressaq prova għal kuntrarju. Hija hawnhekk preżunzjoni assoluta. Ma jistgħax l-aġent jgħid li dak l-event dannuż li ġara minħabba in-nuqqas ta' osservanza da parti tiegħu ta' xi regolament ma kienx wieħed prevedibbli għalih. Kif jgħidu diversi awturi, dan hu każ fejn dan l-element tal-prevedibilita' tal-leġislatur qed jissosstitwixxi dik ta' l-aġent. Hu preċiżament għalhekk li kondotta kolpuża hija definita bħala kondotta volontarja li tikkaġuna event dannuż, mhux volut, iżda prevedibbli, li seta' jiġi evitat bl-użu ta' attenzjoni jew prudenza fi grad ta' persuna normali."

Kif jispjega l-ġurista Taljan **Francesco Antolisei** (Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale, Parte Generale, Giuffre' (Milano), 1989, pp. 322- 323): biex wieħed jifhem l-essenza vera tal-kolpa wieħed irid iżomm f'moħħu li fil-ħajja soċjali spiss jinħolqu sitwazzjonijiet li fihom attivita' diretta għal xi fini partikolari tista' tagħti lok għall-konsegwenzi dannużi lil terzi. Il-komuni jew l-esperjenza teknika, ċioè l-esperjenza komuni għall-bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta' kategorija ta' nies li jesplikaw attivita' partikolari, tgħallem li f'dawn il-każijiet wieħed għandu juża ċerti prekawzjonijiet bil-għan li jevita li l-interessi tal-oħrajn jiġu preġudikati.

Fil-fatt jgħid hekk:

*"Sorgono per tal modo, delle regole di condotta. Spesso si tratta di semplici usi sociali, come, per es., quello per cui il possessore di un'arma da fuoco é tenuto a scaricarla, quando la depone in un luogo frequentato. Non poche volte interviene lo Stato od altra autorita', pubblica o privata, a fissare queste regole, disciplinando determinate attivita', piu' o meno pericolose, in modo da prevenire, per quanto é possibile, conseguenze nocive per i terzi.... Il reato colposo nasce sempre e soltanto dall'inosservanza di talune delle norme indicate.*

*L'infrazione giustifica nei confronti dell'agente un rimprovero di leggerezza. Il giudice dice all'imputato: tu non sei stato cauto e diligente come avresti dovuto. Il rimprovero, cosi formulato, é la conseguenza caratteristica del reato colposo, perché nel reato doloso il giudice rimprovera al reo di aver voluto il fatto proibito, mentre nel fatto incolpevole (il c.d. caso fortuito) Nessun biasimo puo' muoversi all'agente. Riteniamo, pertanto, che l'essenza della colpa debba ravvisarsi nella*

*inosservanza di norme sancite dagli usi o espressamente prescritte dalle autorita' allo scopo di prevenire eventi dannosi."*

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fid-deċiżjoni tagħha **Il-Pulizija vs Dorianne Camilleri** iddikjarat:[155]

In succint fuq skorta ta' awturi u ġurisprudenza, t-trepod tal-kolpa ġie definit bħala:

1. la volontarieta dell'atto;
2. la mancata previsione dell'effetto nocivo; u
3. la possibilita di prevedere.[156]

Bhala konkluzzjoni tad-definizzjoni li din il-Qorti trid tagħti lit-terminologija culpa, għalhekk jibqa' dejjem li l-element tagħha huwa volontarjeta' tal-att, in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi ta' dak l-att u l-possibilta' ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi. Jekk l-effetti dannuzi ma kienux prevedibbli, ħlief b'diligenza straordinarja li l-ligi ma tesigix u li semmai tista' ggib culpa levissima li ma hiex inkriminabbli, ma hemmx htija. (vide **Il-Pulizija vs John Vella** deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 1958 mill-Qorti tal-Appelli Kriminali)".[157][sottolinejar ta' din il-Qorti]

Din is-sentenza tistrieh fuq l-insenjament ta' zewg guristi tad-dritt penali fejn il-gurist Francesco Carrara jgħid hekk dwar il-culpa, "… il tripode sul quale si aside la colpa sara` sempre questo - 1° volontarieta` dell'atto - 2° mancata previsione dell'effetto nocivo - 3° possibilita` di prevedere."

Bl-istess mod, il-**Professur Anthony J. Mamo**, fin-noti tiegħu, jgħid hekk: "In these definitions the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen. The agent who caused the event complained of, did not intend or desire it, but could have foreseen it as a consequence of his act if he only had minded: so his negligence lies in his failure to foresee that which is foreseeable". [sottolinejar ta' din il-Qorti]

L-**Antolisei**, iżda jimxi pass 'il quddiem mill-insenjament tal-Carrara[158] u t-tejorija tal-prevedibbilita ta' l-azzjoni meta iqies illi tirrizulta il-kolpa meta jkun hemm in-nuqqas ta' l-osservanza tar-regoli tal-komportament, anki jekk l-event dannuz ma kienx wiehed prevedibbli u dan billi l-osservanza ta' dawn ir-regoli iwassal sabiex l-event dannuz ma isehhx:

---

[155] Per Onor Imħallef Dr. Edwina Grima, Seduta 28.02.2018; Appeal No.89/2017

[156] **Carrara, Parte Generale, Vol.I**

[157] **Il-Pulizija v Leonard Grech** Qorti tal-Appell Kriminali, Seduta 5 ta' Settembru, 1990

[158] Fil-**Manuale di Diritto Penale (Parte Generale)** jikteb:

Secondo la dottrina tradizionale che vanta origini antichissime e in questi ultimi tempi torna a prevalere, la colpa consiste nella prevedibbilità del risultato non voluto.

Imbgħad b'referenza għal **Carrara** jżid:

Scrisse il Carrara: La colpa si definisce la volontaria ommissione di diligenza nel calcolare le conseguenze possibili e prevedibili del propio fatto [§80; **Programma Del Corso Di Diritto Criminale, Parte Generale, Vol.I**]. Dicesi conseguenza prevedibile, perche l'essenza della colpa sta nella prevedibbilità.

"Si tratta di regole di condotta volte a prevenire determinati accadimenti; tali regole possono essere sociali (negligenza imprudenza o imperizia) oppure giuridiche (regolamenti, ordini discipline). Quindi occorrono due requisiti: a) la violazione di una regola; b) che l'evento provocato sia esattamente quello che la norma voleva evitare. In definitiva il giudizio di rimprovero è un rimprovero per leggerezza, perché il soggetto non è stato cauto e diligente come doveva."

Awturi ohra bhal **Mantovani** u il-**Padovani** jabbinaw din ir-regola ta' l-Antolisei mar-regoli tal-prevedibbilita' u l-inevitabbilita' biex b'hekk il-culpa fil-fehma tagħhom tinkwadra ruhha f'erba elementi:

1. un requisito oggettivo consistente nella violazione di una regola di condotta;
2. un requisito soggettivo, cioè la capacità di osservare tale regola;
3. l'evitabilità dell'evento mediante l'osservanza di tale regola;
4. la prevedibilità ed evitabilità, cioè che il soggetto avesse la capacità o la possibilità di tenere un comportamento diverso.[159]

**Brusa** jikteb hekk dwar it-teorija tal-prevedibbiltà:[160]

La ommissione volontaria della diligenza necessaria per preveder e prevenire un evento penalmente antigiuridico, possibile, prevedibile e prevenibile.

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Kevin Sammut** il-Qorti tal-Appell eżaminat *funditus* in-nozjoni tal-*culpa*:[161]

Issa, ghalkemm din l-intenzjoni diretta jew intenzjoni pozittiva indiretta tista' tigi desunta mic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz mill-mod kif dak li jkun igib ruhhu, ma jistax pero` jingħad li ghax xi hadd messu ragjonevolment kif jaf xi haga allura necessarjament isegwi li dak li jkun kien jaf dik ix-xi haga. Fi kliem iehor, il-kwistjoni tibqa' dejjem dik ta' <u>x'kellu verament f'mohhu l-agent fil-mument li wettaq l-att materjali u mhux x'seta kellu f'mohhu li kieku kien bniedem ta' intelligenza ordinarja jew ta' sagacja ordinarja jew</u> – biex wiehed juza l-espressjoni uzata mill-ewwel qorti – kieku kien *bonus pater familias*. Argument analogu (u fil-kuntest ta' reati differenti) gie elaborat minn din il-Qorti (kollegjalment komposta) fis-sentenza tagħha tat-12 ta' Dicembru 2007 fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. John Polidano et**. F'dik is-sentenza nghad hekk:

**"Ghalkemm huwa veru li wiehed irid jiddesumi l-intenzjoni ta' dak li jkun kemm mill-att materjali kif ukoll mic-cirkostanzi antecedenti, konkomitanti u sussegwenti ghall-istess att materjali, l-intenzjoni dejjem tibqa' kwistjoni soggettiva – jigifieri x'kellu f'mohhu l-agent (l-akkuzat) fil-mument li għamel l-att – u mhux semplicement kwistjoni oggettiva ta' x'missu anticipa jew x'kienet tanticipa l-persuna ta' intelligenza ordinarja. Jigifieri <u>m'ghandhiex issir</u>**

[159] https://www.altalex.com/documents/altalexpedia/2016/02/17/colpa
[160] **Saggio di enerale del runa dottrina geato** (1884), p.90
[161] S.T.O. Prim Imħallef Vincent De Gaetano; Seduta tat-23 ta' Jannar, 2009; Appell Kriminali Numru. 192/2008

**<u>enfasi preponderanti fuq il-konsegwenzi li rrizultaw mill-att</u>. Kif jispjega Gerald Gordon fil-ktieb tiegħu *The Criminal Law of Scotland*[162] :**

**""Intention, then, is subjective, but is proved objectively. Or at least this is so in most cases. Since it is in the end subjective, the jury cannot be prevented from claiming intuitive knowledge of the accused's state of mind, or from believing his account of his state of mind against all the objective evidence. Or at least they should not be so prevented, if they are, as they are always said to be, the judges of fact. The law should not at one and the same time lay down a subjective criterion, and then require the jury to determine whether the criterion has been satisfied by reference solely to an objective standard, the standard of the reasonable man. It has from time to time been said that a man is presumed to intend the natural consequences of his acts, but in the first place this is at most a presumption, and in the second place it applies only if "natural" is read as meaning "blatantly highly probable": if this were not so, all crimes of intent would be reduced to crimes of negligence."[163]**

**"U l-istess awtur, fil-kuntest tal-kuncett ta' "recklessness" (li fil-ligi Skocciza *"is advertent and involves foresight of the risk"*[164] u li għalhekk hu tista' tgħid identiku ghall-kuncett taghna ta' intenzjoni pozittiva indiretta) jgħid hekk:**

**""When the reasonable man is used as a test of subjective recklessness the position is that if the reasonable man would have foreseen the risk, it be accepted as a fact that the accused foresaw it, unless there is strong evidence to the contrary. But <u>if the accused can show that in fact he did not foresee the risk, then it is illogical to characterise him as reckless on the ground that a reasonable man would have foreseen</u> it. As Hall[165] says, *'In the determination of these questions, the introduction of the "reasonable man" is not a substitute for the defendant's awareness that his conduct increased the risk of harm any more than it is a substitute for the determination of intention, where that is material. It is a* method *used to determine those operative facts in the minds of normal persons'*.**

**"Since evidence of the accused's state of mind must normally consist of objective facts from which the jury will draw an inference as to his state of mind, the more careless the accused's behaviour the more likely it is that he will be regarded as reckless, since the more likely it will be that he foresaw the risk involved. A man who kills another by punching him on the jaw may be believed when he says that he did not foresee the risk of death; but a man who kills another by striking him on the skull with a hatchet will be hard put to it to persuade a jury that he did not realise that what he was doing might be fatal. In *Robertson and Donoghue* Lord Justice-Clerk Cooper directed the jury that 'In judging whether…reckless indifference is present you would take into account the nature of the violence used, the condition of the victim when it was used, and the circumstances under which the assault was committed'. All these are objective factors affecting <u>the degree of the carelessness</u> of what the accused did, viewed as something likely to cause death. The jury proceed by way of syllogism to infer from**

---

[162] W. Green and Son Ltd. (Edinburgh), 1978

[163] Para. 7.28, pp. 232-233.

[164] Para. 7.45, p. 241; *"…negligence is inadvertent and involves an absence of such foresight."*

[165] Hall, J., ***General Principles of Criminal Law*** 2nd ed., Indianapolis, 1960, p. 120.

**these objective factors that the accused was subjectively reckless, and the major premise is that a reasonable man would have foreseen the risk. So they argue: all reasonable men would foresee the risk of death as a result of what the accused did; the accused is (*ex hypothesi*) a reasonable man; therefore the accused foresaw the risk."[166]**

Ara wkoll f'dan il-kuntest is-sentenza ta' din il-Qorti, ukoll kollegjalment komposta, tat-8 ta' Lulju 2004 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Salvatore sive Salvu Gauci**. [sottolinejar ta' din il-Qorti]

Għalhekk u tenut kont li l-intenzjoni dejjem tibqa' kwistjoni soġġettiva l-Qorti trid tiddetermina x'kellu f'moħħu l-Perit Micallef fil-mument li ta l-ordnijiet li ta. Il-Qorti tkun qed tmur kontra d-diċitura ta' dan it-tagħlim jekk tibbaża d-deċiżjoni minnha mistennija oġġettivament u ċioè fuq dak li missu antiċipa Micallef jew fuq dak li kien mistenni jiġi antiċipat minn persuna ta' intelligenza ordinarja; *"Jigifieri m'ghandhiex issir enfasi preponderanti fuq il-konsegwenzi li rrizultaw mill-att."*[167]

Konsegwentement il-Qorti għandha tikkunsidra x-xhieda tal-imputat li għażel jieħu l-pedana tax-xhieda.

L-imputat **Perit Saviour Micallef** *viva voce* spjega kif tqabbad minn Mark Agius biex dar titbiddel f'*Boutique Hotel.* Għamel il-pjanti, saret applikazzjoni għall-permess u finalment ħarġu l-permessi sabiex isiru *alterations* u *additions* mad-dar eżistenti. Dawn kienu jikkonsistu fi twaqqigħ ta' partijiet li ma kinux oriġinali tad-dar u biex terġa tinbena u jiżdied magħha, bl-iskop li minn użu ta' dar tiġi *boutique hotel*.[168] Kif ħareġ il-permess inbeda x-xogħol li jfisser li tmur *on site* sabiex isiru l-C*ondition Reports* u M*ethod Statement*. Saret ukoll l-*insurance* mal-BRO.[169] Meta spezzjona l-ħajt sab li:

*".... kien mibni mill-livell tal-bitħa li kienet taħt it-triq tal-foss, u kien jitla' xi sular jerġa' mill-livell tal-foss 'il fuq. Issa meta kont tara dan il-ħajt, meta spezzjonajt dan il-ħajt jien l-ewwel ħaġa li nnutajt, li wieħed kien jinnota huwa li kien mibni robust ħafna. Jiġifieri mit-triq 'il fuq fejn kien mikxuf miż-żewġ naħat kien wiesa' xi tlett (3) piedi u kien hekk 'l isfel jitwessa'. Jiġifieri tant kien mibni robust li min ma jifhimx dan kien ħasbu li kien ħajt*

[166] Gerald Gordon, *op. cit.* para. 7.53, pp. 245-246.
[167] **Ir-Repubblika ta' Malta v. John Polidano, omissis … … omissis … Silvio sive Saviour Pace.** Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) Per Onor Imħallef Gino Camilleri, Onor. Imħallef Raymond C. Pace, Onor. Imħallef David Scicluna. *Numru 2/1995*
[168] Fol.285
[169] Fol.281

*ta' sur, min ma jifhimx*[170]*……* ***Kieku kien ħajt ta' sur ma tawniex permess biex niftħu t-twieqi ġo fih. U ħajt ta' sur ma jkunx mibni bejn żewġt idjar wara li nbnew iż-żewġt idjar****…..Mela jien rajt li l-ħajt kien mibni robust. ……. ċċekkjajt għax aħna l-ewwel ħaġa li tagħmel* ***tara jekk hemmx xi movimenti, fihx xi konsenturi, fihx xi żaqq, fihx xi sinjal ta' ċaqliq, u minn dan ma rriżultali xejn jien****. Imbagħad peress li* ***tawna l-permess li niftħu t-twieqi ġo fih***[171] *…… Qabel għamilna l-insurance* ***għamilt it-trial holes minn ġol-bitħa tagħna biex nara li l-ħajt mhux mibni fil-wiċċ, rajt kemm hu fond il-pedament****. …..Rajt li l-ħajt mibni... jiġifieri l-pedament mibni sew, mhux mibni xi ġebel mitfugħ bl-addoċċ. Jiġifieri xħin... imbagħad għamilna l-insurance u bdejna niftħu t-twieqi. Issa meta bdejna niftħu t-twieqi peress li għidt li dan il-ħajt kien oħxon fuq, ikun mibni qoxra barra u qoxra ġewwa u ġo fih ikollu dak li ngħidulu maskan. Maskan ikun taħlita ta' ħamrija u ġebel li kienu jħalltuha, jgħaġġnuha bl-ilma, u kull filata jew tnejn li kienu jibnu, għax il-ġebel ta' dari ma kienx ikun bħal tal-lum, kien ikun ngħidulu tuba. Tuba jiġifieri fis-sens li ma jkollux l-uċuh. Allura huma kienu joħorġulu l-wiċċ u l-magħqad ta' fuq u ta' taħt u ftit tal-ġenb, imma n-naħa ta' ġew jibqa' irregular. Allura kien ikollok żewġ ġebliet waħda kull naħa minn ġewwa irregular u mbagħad bejniethom jidħol dan il-maskan, iballtuh filata filata biex jorbot. Jiġifieri xħin ċarratna t-twieqi ndunajt jien li dawn it-tlett piedi (3'), jiġifieri l-maskan ta' ġew, kien qiegħed jiġifieri skont is-sengħa, kien imballat u kien iebes. …..Milli rajt iva rriżultali li kien b'saħħtu…..U ma kienx fih difetti.*[172] *...........*

*Issa jien lanqas qgħadt fuq hekk. Għax peress li l-ħajt kien fih il-kmamar mibnijin miegħu jien ridt inkun naf jekk dawn il- kmamar żdidux wara bħala accretions mal-post oriġinali għall-konvenjenza jew inkella nbdnewx oriġinali bħala parti mill-ħajt. Issa jien* ***diġà kelli idea li dawn inbnew bħala accretions għax kieku bħalma ġagħluna nżommu l-kmamar ta' quddiem il-Planning Authority u l-SEH ma kienux jħalluna nwaqqgħu dawn il-kmamar ta' wara****. …..Imma jien xorta ridt naċċerta ruħi. Allura bdejna nħottu bil-mod bl-idejn. U stajt nara li dawk iż-żewġ ħitan... għax kien hemm żewġ ħitan tal-kmamar deħlin għal ġol-ħajt, ma kienux imqabbdin xejn ġo fih, lanqas imqattgħin.* ***Anzi wara l-ħajt stajt nara li l-ħajt oriġinali waqa' kien imkaħħal...Jiġifieri dan kien jidher ċar li l-kmamar inbnew wara l-ħajt****. …. Imma l-Perit Torpiano ikkonstata li l-ħajt u l-kmamar ma nbnewx fl-istess żmien.* ***Li ma qalx il-Perit Torpiano huwa... li l-kmamar inbnew wara l-ħajt. Imma l-kmamar bilfors inbnew wara l-ħajt għax kieku warajhom ma kienx ikun imkaħħal...****Għaliex kieku wara l-ħitan tal-kmamar li waqqajna l-ħajt ma kienx ikun imkaħħal u barra minn hekk inti ma stajtx tibni l-kmamar bil-ħajt in-naħa tat-triq, imbagħad tibni l-kmamar tidħol warajhom biex tibni l-ħajt. Din mhux possibli biex*

[170] Ibid.
[171] Fol.282
[172] Ibid.

*tagħmilha, mhux loġika…..Jiġifieri* ***meta rajt dan kollu, jiġifieri l-ħajt mibni robust, ma fih l-ebda difett, li mibni freestanding... freestanding jiġifieri għamel żmien mibni waħdu, iżomm. Jien ma rajt l-ebda problema li jien inkompli bix-xogħol u nwaqqa' u li l-ħajt iżomm sakemm nerġa' nibni.*** *".*[173]

M'hemmx dubju li dawn l-azzjonijiet għaqlin da parti tal-Perit Micallef naqqsu l-element ta' *reasonable foreseeability.*

Il-Perit jispjega dak li segwa meta ntebaħ li seta' kien hemm il-problemi. L-ispjegazzjonijiet li jagħti, anke meta jiġi rinfaċċjat b'dak li kkonstata l-Perit Torpiano, ifakkru lill-Qorti mhux biss dwar ir-rekwiżit ta' prevedibbiltà iżda li tali rekwiżit neċessarjament irid jiġi kkunsidrat fil-perspettiva li meta Qorti trid tiddetermina jekk kienx hemm *culpa* f'każ ta' professjonist:

> …..il-Qorti trid necessarjament tinvestiga mhux kwalsiasi eghmil maghmul minn bniedem fil-hajja ordinarja, iżda eghmil ta' natura professjonali u l-grad ta' responsabbilta mistennija minn min ipprepara ruhu u ipprezenta ruhu biex jagixxi f'dik il-professjoni partikolari. …..
>
> sabiex jiġi ezaminat l-eghmil ta' l-imputat u jekk dana kienx negligenti, imprudenti u non kuranti dana irid necessarjament jiġi studjat fl-ambitu tal-errur professjonali. Illi l-ligi taghna ma taghti l-ebda definizzjoni dwar l-grad ta' responsabbilta' li ghandu jiġi ezercitat minn tabib jew kirurgu fl-esercizzju tal-professjoni tiegħu. Illi l-gurisprudenza dejjem imxiet mar-regola illi **mhux kull żball ta' natura professjonali jaqa' fir-relm tal-kulpa diment dana ma ikunx sehh minhabba negligenza, imprudenza jew non kuranza.**[174]

Magħdud ma' dan jiġi ribadit li:

> ""When the reasonable man is used as a test of subjective recklessness the position is that if the reasonable man would have foreseen the risk, it be accepted as a fact that the accused foresaw it, unless there is strong evidence to the contrary. But if the accused can show that in fact he did not foresee the risk, then it is illogical to characterise him as reckless on the ground that a reasonable man would have foreseen it. ......
>
> "Since evidence of the accused's state of mind must normally consist of objective facts from which the jury will draw an inference as to his state of mind, the more careless the accused's behaviour the more likely it is that he will be regarded as reckless, since the more likely it will be that he foresaw

---

[173] Fol.282-284

[174] Per Onor. Maġistrat Dr. Edwina Grima. **Il-Pulizija vs Alexander-Robert Manche.** Seduta 6 ta' Awwissu, 2013

the risk involved. If the accused can show that in fact he did not foresee the risk, then it is illogical to characterise him as reckless on the ground that a reasonable man would have foreseen it"".[175] [sottolinejar tal-Qorti]

Ix-xhieda li ssegwi, li ma ġiet kuntrarjata bl-ebda mod, tkompli timmanifesta li tassew Micallef kien jissorvelja x-xogħol, jagħti struzzjonijiet biex is-sorveljanza rikjesta tissokta anke fin-nuqqas tiegħu:

*"Issa, mela aħna **waqqajna kollox u ma ġara xejn**. Issa ħa nispjega, il-ħajt waqa' Wednesday. Jien **t-Tnejn ta' qabel filgħaxija kont mort fuq il-post u rajt hairline crack bejn il-ħajt li waqa' u l-paviment tat-triq ta' fuq**. Issa dan il-hairline crack …... ma kienx hemm qabel… Dan il-hairline crack ma nkwetanix jiena li naħseb li l-ħajt ħa naqa', għax dan it-tip ta' ċertu movimenti żgħar meta jsiru dawn ix-xogħlijiet huwa quite common. Jiġifieri biex jaqa' l-ħajt mhux dan il-hairline crack ridt.* [Però] ***ma njorajthiex***. *Imma nispjega per eżempju li fl-istess ħajt iżjed 'il ġew minn fejn aħna aħna, hemm parti li mhux talli... hemm parti li qegħda fejn għamlu x-xogħlijiet tal-Astra u kienu ħammlu xi erbgħin (40) sena ilu, li fil-fatt iżżaqqet, mhux hairline crack biss għamlet, iżżaqqet. Jiġifieri din ilha dawn is-snin kollha u lanqas waqgħet."*[176] Jesebixxi ritratt biex jispjega dak li qed jiddeskrivi.[177]

Kompla li tant ma injorax dak li kien għadu kemm ikkonstata, li t-Tnejn filgħaxija **għarraf lill-ħaddiema li peress l-għada, it-Tlieta, kien ser ikun Malta, huma jagħtu attenzjoni biex jaraw jiċċaqlaqx iżjed u jikbirx.** It-Tlieta filgħaxija ġie infurmat li l-*crack* żdiedet ħarira u għalhekk l-għada mal-ewwel xogħol, fis-sebgħa u nofs (7:30am) mar fuq il-post u ra li s-sinjal kien kiber ftit, *"imma jiġifieri m'eħxen difri. Ma nkwetanix. Imma mbagħad inżilt ġol-post tagħna u spezzjonajt u bdejt nara hemmx xi ċaqliq ġol-ħajt, nara jekk iżżaqqaqx jew kienx hemm xi konsenturi u ma rajt xejn.* ***Imma mill-kantuniera tan-naħa tal-lemin rajt it-tikħil ifarfar. Allura xħin rajt it-tikħil ifarfar bżajt jien għax bdejt nibża' li dik il-kantuniera mhux ingastata... dik il-kantuniera tal-ħajt mhux ingastata ġol-appoġġ".***[178]

Dan ifisser li l-Perit esperjenzat f'xogħlu, appena ntebaħ bit-tfarfir tal-ħajt ma damx jaħsibha jew iddilunga iżda dlonk beda jistudja x'miżuri kellhom jittieħdu

---

[175] **Gerald Gordon, *The Criminal Law of Scotland;*** W. Green and Son Ltd (Edinburgh), 1978 ċitat fid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Kevin Sammut** per S.T.O. Prim Imħallef Vincent De Gaetano; Seduta tat-23 ta' Jannar, 2009; Appell Kriminali Numru. 192/2008

[176] Fol.284

[177] **Dok.SM1** a fol.306

[178] Fol.284-285

ġaladarba kien qed jidher li l-kantuniera ma kinitx ingastata. Ma kienx hemm non-kuranza jew ittraskura s-sinjali li l-ħajt beda jagħtih!

Micallef ikompli li hekk kif ra l-ħajt ifarfar: *"bdejt nibża' li din il-kantuniera mhux ingastata ġol-appoġġ. Allura issa kien għadu ma hemmx taf cracks,* ***kien għadu ma hemmx cracks, imma bdejt nibża' li din il-kantuniera qed tipprova tiċċaqlaq u qed tross fuq il-kisi tal-ħajt. Għalhekk kien qed ifarfar. U jien kont naf li jekk din mhux ingastata u tiżloq, din il-kollass ikun katastrofiku. Allura jien kif kelli dan id-dubbju għidtilhom itilqu 'l barra. Jiġifieri dan kien l-Erbgħa filgħodu****..... Wara xi nofs siegħa li talqt, għax jien għamilt siegħa hemmhekk indur biex nara l-ħajt, mis-sebgħa u nofs (7:30) sat-tmienja u nofs (8:30). U għal xi d-disgħa (9:00) waqa' qaluli..... jiena tlaqt għax minħabba dan id-dubbju li kelli u bżajt li l-ħajt seta' jaqa' dak il-ħin u ridt naħseb u niddeċiedi nara x'se nagħmel għax jien ma stajtx niddeċiedi bumm hekk x'se nagħmel."*[179]

Dan ikompli jimmanifesta kemm tassew il-Perit mhux negliġenza wera, iżda professjonalità u kuranza versu terzi billi fil-mument kruċjali ippreveda mall-ewwel dak li seta' jiġri – kif fil-fatt ġara - meta skansa lill-ħaddiema mit-tiġrib jekk mhux mill-mewt!

L-estratt tax-xhieda li jmiss, timpinġi direttament fuq il-mertu tal-imputazzjonijiet dwar traskuraġni, fejn fil-każ in deżamina qed jiġi allegat li twettaq żball minn professjonista fil-kors tal-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu.

Il-Perit Micallef jagħti perspettiva differenti għal dik tal-abbli Perit Torpiano in kwantu għal fejn l-espert jiddikjara li l-ħajt waqa' għax tneħħew il-kmamar. Il-fatt li l-ħajt *kien free-standing* u kif, wara kollox ikkonstata l-istess espert, il-kmamar inbnew wara li kien inbena l-ħajt li ġġarraf, *"Jiġifieri mela jekk dak il-ħajt inbena free-standing u għamel żmien iżomm waħdu l-ħajt ma waqax għax qlajnielu l-kmamar. Ħeqq..* ***il-ħajt waqa' għax ma kienx mibni sew, għax kien fih dawn id-difetti moħbija li jien ma stajtx ninduna bihom****."*[180] Il-Perit Micallef ikompli jagħmel referenza għall-fatt li ftit 'il bogħod kien hemm bini simili u ċioè kien hemm ġibjun mibni mas-sur, fejn dan il-ġibjun kellu ħnejjiet mis-saqaf jirromba ġos-sur; meta dan twaqqa' ma waqax għax kien mibni sew.[181] Il-Perit Micallef konsapevoli anke ta' dan il-fatt, jidher li aġixxa kif aġixxa u kien ġa għamel dawn il-konsiderazzjonijiet meta kien fassal il-**Method Statement** u lesta l-proposta dwar kif kellhom jiżvolġu

[179] Fol.285-286
[180] Fol.287
[181] Ibid. **Dok.SM2** a fol.307

x-xogħlijiet. Il-Qorti tinnota li ħadd ma ġibidlu l-attenzjoni li kien xi ħaġa ħażina li tispikka (*something was amiss*), li kien qed jieħu riskju azzardat jew li kien qed jaġixxi b'mod spavaldat!

Micallef ikompli jispjega kif fit-twaqqigħ tal-ġibjun intużat l-istess metodoloġija bħax-xogħlijiet li kienu meta tneħħew il-kmamar fejn, fil-każ tal-ġibjun, kissru l-ħnejjiet u iżolaw reġgħu l-ġibjun minn mas-sur. *"Għax il-ġibjun inbena wara xħin waqqgħu l-ġibjun is-sur ma waqax għax mibni sew"*.[182]

Il-Lettur Perit Arkitett Dr. Robert Musumeci jispjega:

> ***L-EWWEL BINARJU – L-OBLIGI TAL-PERIT***[183]
>
> *Bħal kull professjonist, perit huwa responsabbli għal żball kawża ta' nuqqas ta' prudenza, diliġenza u attenzjoni ta' bonus pater familias. Huwa għaldaqstant għandu jara li jaghti direzzjonijiet tajbin skont l-eżġenzi tal-klijent tiegħu u, naturalment, fid-dawl taċ-ċirkostanzi fattwali tas-sit u l-liġijiet u regolamenti tal-pajjiż. Għandu jara li, darba titwaqqaf fuq il-post, l-istruttura hekk disnijata minnu għandha tibqa' wieqfa.*
>
> *In lineja ġenerali, il-problemi fil-qasam tal-kostruzzjoni jinsorġu minn difetti fl-art u, jew xogħol ħażin u, jew xogħol eżegwit b'materjal ħażin. Dawn il-problemi jistgħu ifeġġu waqt il-kostruzzjoni jew inkella wara li l-kostruzzjoni tkun tlestiet.*
>
> *Perit li jiġi nkarigat għal kostruzzjoni ta' fond għandu ghalhekk id-dmir li jassigura ruħu illi l-kostruzzjoni tal-bini lilu fdata, speċjalment għal dak li hi solidita', issir sewwa u skont is-sengħa.*
>
> *Għaldaqstant, il-perit għandu jissorvelja adegwatament ix-xogħol in korso u juża l-abilita' u d-dilġenza meħtieġa biex fl-eżekuzzjoni ta' dak il-bini xejn ma jsir li jista' jikkaġuna periklu jew ħsara – sija waqt l-eżekuzzjoni u anke wara li l-bini jitlesta. Kwindi, mhux biżżejjed għall-perit li jistaqsi lill-bennej x'inhu jagħmel, imma għandu jaċċerta ruħu personalment u direttament x'ikun qed isir, u huwa responsabbli għad-danni jekk l-għemil tiegħu juri negliġenza.*[184]
>
> *Huwa għalhekk id-dmir tal-perit li jara li l-bennejja li jkunu ser jaħdmu taħtu jkunu liċenzjati, u anke jekk liċenzjati, għandu jidderieġi huwa nnifsu u jissorvelja x-xogħol, b'mod li ma jħallix li jsiru operazzjonijiet kontra s-sengħa u li jikkrejaw perikolu.*

[182] Fol. 287

[183] https://robertmusumeci.com/il-perit-u-l-bennej/

[184] Ara sentenza fl-ismijiet **Marianna Cini pro. et. nomine vs Paolo Galea et.** mogħtija mill-Qorti tal-Appell Ċivili nhar is-27 ta' Ottubru 1958

*Il-perit irid ukoll jivverifika l-materjali li jkunu qegħdin jiġu wżati fil-bini.*[185] *Materjal difettuż m'għandu qatt jintuza anke jekk, per dire, il-klijent ikun irid li jiġu wżati dawk il-materjali mhux tajba. In poche parole, f'każ ta' materjal difettuż, ix-xogħol m'għandux isir.*

*Detto questo, l-perit ma jistax jinżamm responsabbli ta' l-imperizja tal-bennej fis-sens li l-perit m'għandux jinżamm responsabbli jekk id-difetti huma dovuti unikament għall-ħtija tal-bennej u, jew għal xi negliġenza da parti tiegħu, jew, għall-imperizja fl-arti tiegħu.*

*Minkejja li l-perit għandu l-obligu li jissorvelja adegwatament ix-xogħol in corso, inkluz li jwaqqaf xogħol ħażin, perit ma jistax jinżamm responsabbli jekk huwa jkun ta direzzjoni tajba u, hekk kif allarga minn fuq il-post, din giet imwettqa b'mod ħażin mill-bennej. Infatti, il-Qrati tagħna irritenew li l- perit mhux responsabbli għall-ħsara li tiġri minħabba xogħol eżegwit ħażin meta dak ix-xogħol li suppost sar taħt id-direzzjoni tiegħu kien inbeda mingħajr ma hu ġie avżat.*[186]
*Detto cio, perit ma jistax iserraħ moħħu billi jagħti direzzjoni u jieqaf hemm. Perit irid xorta waħda juri li ntervjena fi żmien raġjonevolment qasir biex iwaqqaf xogħol ħazin milli jkompli jitwettaq. Dan jimplika li perit ma jistax iħalli perijodi twal sakemm jerġa' jmur fuq il-post u jivverifika għalih innifsu li dak li huwa ordna lill-bennej qed tabilħaqq jitwettaq. Ovvjament, il-frekwenza ta' kemm perit huwa tenut imur fuq il-post tiddependi min-natura tax-xogħol."*

Kunsidrat għalhekk l-għemil u l-azzjonijiet li ħa l-Perit Micallef in konnessjoni max-xogħol li kien inkarigat minnu, fejn il-Qorti trid tiddetermina jekk il-Perit naqasx milli jipprevedi dak li kien prevedibbli, u b'hekk għandu jinstab ħati tar-reat kontemplat primarjament bl-artikolu 328 tal-Kodiċi Kriminali u sekondarjament b'dak kontemplat bl-artikolu 70(1)(a) tal-Kapitolu 445 tal-Liġijiet ta' Malta li wkoll jittratta n-negliġenza, isir referenza għas-sentenza ferm erudita **Il-Pulizija vs Alexander-Robert Manche.**

Għalkemm f'dan il-każ ir-reat kien dak kontemplat bl-artikolu 225 tal-Kodiċi kriminali, il-prinċipji huma l-istess għaliex jittrattaw l-għemil involontarju u l-element tal-***culpa*** ta' professjonist fil-kors tal-eżerċizzju ta' xogħlu:[187]

Illi l-imputat jinsab akkuzat kif diga inghad iktar 'il fuq bir-reat tal-omicidju involontarju. Illi madanakollu l-Qorti tistqarr illi dana il-każ kien iktar kumpless minn kawzi ohra ta' reati ta' natura involontarja billi jitratta dwar allegat żball kommess minn professjonista fil-kors tal-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu. Kwindi il-Qorti trid necessarjament tinvestiga mhux kwalsiasi eghmil maghmul minn bniedem fil-hajja

[185] Ara sentenza fl-ismijiet **Avukat Dr. Carlo Moore nomine vs AIC Carmelo Falzon et**, mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar l-4 ta' Novembru 1957
[186] Ara sentenza fl-ismijiet **Alfred Miggiani vs Carmelo Cutajar et.**, mogħtija fit-18 ta' Marzu, 1963

[187] Per Onor. Maġistrat Dr. Edwina Grima LL.D.; Seduta 6 ta' Awwissu, 2013

ordinarja, izda eghmil ta' natura professjonali u l-grad ta' responsabbilta mistennija minn min ipprepara ruhu u ipprezenta ruhu biex jagixxi f'dik il-professjoni partikolari. .....

Illi r-reat involontarju ġie trattat b'mod kopjuz fil-gurisprudenza taghna u l-elementi li isawwru dana ir-reat gew studjat *funditus* fejn ġie spjegat il-kuncett tal-kulpa fil-ligi Maltija.

Illi fis-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija v. Perit Louis Portelli, (04/02/1961), il-kompjant Imhallef Flores stqarr:

**"Hu mehtieg ghall-kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-art.239 (illum 225) tal-Kodici Penali illi tirrikorri kondotta volontarja negligenti konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb f'("imprudenrza"), traskuragni ("negligenza"), jew nuqqas ta' hila ("imperizia") fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikatament f'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn event dannus involontarju;**

**"Ghandu jiġi premess illi, ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta negligenti, ghandu isir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-"bonus pater familias"; dik il-kondotta, cioe', illi fil-kaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita' normali: kriterju dan li fil-waqt li jservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant ihallieh fl-istess hin liberu li jivaluta d-diligenza tal-kaz konkret. "La diligenza del buon padre di famiglia costituisce un criterio abbastanza indeterminato per lasciare al giudice gran liberta' di valutazione" (Giorgi, Teoria delle Obbligazioni, 11,27 , p. 46);**

Illi l-gurisprudenza izzid ukoll illi ma' dawn l-elementi irid ikun hemm necessarjament l-element ta' preveddibilita' u cioe' illi l-agent jonqos volontarjament milli jagixxi b'diligenza tant illi b'tali agir ikun prevedibbli (u mhux previst) li jista' isehh l-event dannuz. Illi **Francesco Antolisei**, fil-ktieb tiegħu Manuale di Diritto Penale, Parte Generale jghid hekk:

:"***Secondo la dottrina tradizionale che vanta origini antichissime e in questi ultimi tempi torna a prevalere, la colpa consiste nella prevedibilita' del risultato non voluto. Scrisse il Carrara: "La colpa si definisce la volontaria omissione di diligenza nel calcolare le conseguenze possibili e prevediblli del proprio fatto. Dicesi conseguenza prevedibile, perche' l'essenza della colpa sta nella prevedibilita'.***"

Illi din hija t-tezi li dejjem giet accettata mill-Qrati taghna. Fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija v. Richard Grech (21.03.1996), gie deciz li jekk il-prudenza tikkonsisti filli persuna taghmel dak li hu ragjonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannuzi ta' ghemilha, l-imprudenza, li hi n-negazzjoni ta' din il-virtu', tikkonsisti filli wiehed jaghmel avventatament dawk l-affarijiet li hu messu ppreveda li setghu jikkagunaw hsara. It-traskuragni, mill-banda l-ohra, timplika certa non-kuranza, certu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali. Fiz-zewg kazijiet, pero', il-hsara tkun prevedibbli ghalkemm mhux prevista: kieku kienet ukoll prevista, wiehed ikun qieghed fil-kamp doluz b'applikazzjoni tad-dottrina ta' l-intenzjoni posittiva indiretta.

Illi, kif jispjega Sir Anthony Mamo fin-noti tiegħu, il-ligi ma taghtix definizzjoni tal-frazijiet "nuqqas ta' hsieb", "traskuragni" u "nuqqas ta' hila" iżda "*it is clear that by them the law means generally the*

*absence of such care and precautions as it was the duty of the defendant to take in the circumstances*."

Illi minn dina l-gabra ta' dottrina u gurisprudenza, jirrizultaw għalhekk is-segwenti elementi essenzjali li iridu jissussistu sabiex tinstab htija ghar-reat ta' natura involontarja**:**

1. **azzjoni volontarja negligenti, imprudenti u non-kuranti.**
2. **ness bejn l-azzjoni jew in-nuqqas tagħha u l-event dannuza.**
3. **l-element tal-prevedibbilita'**

Ikkunsidrat,

Illi stabbiliti dawn l-elementi legali, kwindi, din il-Qorti trid tara jekk l-imputat:

1. kienx negligenti, imprudenti u non-kuranti fl-agir tiegħu.
2. jekk dana jirriżulta, jekk kienx hemm ness bejn dana l-agir tiegħu u l-event dannuz.
3. jekk il-hsara kenitx wahda prevedibbli.

Illi kif diga inghad mill-Qorti sabiex jigi ezaminat l-eghmil ta' l-imputat u jekk dana kienx negligenti, imprudenti u non kuranti dana irid necessarjament jigi studjat fl-ambitu tal-errur professjonali. Illi l-ligi taghna ma taghti l-ebda definizzjoni dwar l-grad ta'responsabbilta' li ghandu jigi ezercitat minn tabib jew kirurgu fl-esercizzju tal-professjoni tiegħu. Illi l-gurisprudenza dejjem imxiet mar-regola illi **mhux kull zball ta' natura professjonali jaqa' fir-relm tal-kulpa diment dana ma ikunx sehh minhabba negligenza, imprudenza jew non kuranza.** Illi fis-sentenza hawn fuq iccitata Il-Pulizija vs Louis Portelli, l-Qorti Kriminali ghamlet referenza għal dak stabbilit mill-awtur Giovanni Cattaneo fit-tratta tiegħu "*La responsabbilta del professionista*" fejn ighid:

"**L'errore professionale … si ha quando la condotta risulti non obiettivamente adatta al caso concreto sebbene il professionista abbia agito diligentemente, facendo quanto gli suggerivano le conoscenza proprie del buon professionista della sua categoria; se poi, verificatosi l'esito negattivo, si sopre che la condotta per ottenere il risultato avrebbe dovuto essere diversa, nulla puo' rimproverarsi al professionista, che non era in grado di rendersene conto preventivamente**."

Ikompli:

"**Cosi' inteso, l'errore professionale e' allora in sostanza un comportamento tecnicamente errato ma non necessariamente colposo, che e' causa del mancato raggiungimento del risultato utile che mira il cliente. Il problema dell'errore proessionale viene percio' a coincidere con quello del nesso casuale tra inadempimento e danno. Infatti se il risultato infausto si verifica indipendentemente dal comportamento del professionista, manca il nesso casualita', che e' invece presente in caso di errore colpevole. Se cio' e' vero, il concetto di errore professionale risulta in sostanza inutile, perche' non aggiunge nulla al concetto di casualita' che e' lo stesso per ogni sorta di danno, anche al di fuori della responsabbilita' professionale … Si puo' solo notare che il nesso casuale si presenta sotto diverso aspetto, a**

**seconda che l'esito della attivita' dipenda, oltre che dall'attivita' del professionista, da una serie di fatti naturali oppure da atti volontari di terze persone.**"

Illi fis-sentenza iccitata intqal:

"**Kunsidrat f'dan l-aspett l-errur professjonali, il-Qorti taghmel tagħha, ghall-apprezzament tal-provi il-kliem ta' Cogliolo (Teorie Delle Colpe, Vol,II, p.137:-'Nelle professioni c'e tutto un campo insindicabile ed inespugnabile, ed e' quello che il diritto inglese chiama errore di giudizio. Il professionista cioe' di fronte ad un caso pratico, valuta le varie circostanze, e si forma un convincimento che poi i fatti successivi mostrano errato; di questo errore nessuno responde, se non e' fondato su evidenti errori di ricerca e di dottrina'**."
[enfasi u sottolinejar ta′ din il-Qorti]

Illi l-Imhallef Flores f'din is-sentenza ighallimna illi f'kaz tal-professjonista id-diligenza li dan ghandu jadopera hi dik ta' bniedem ordinarjament kompetenti fil-professjoni tiegħu. Jekk jiehu zball fil-professoni tiegħu, huwa **ma jirrispondiex ghad-danni jekk l-izball ma jkunx grossolan u jekk tkun giet minnu adoperata d-diligenza ordinarja li trid il-ligi**. Huwa mhux tenut ghad-danni rizultanti minn zball professjonali, ammenocche' dana l-izball ma jkunx grossolan u ammenocche' l-htija ma tkunx tista' tiġi lilu addebitata minhabba nuqqas ta' prudenza u attenzjoni ta' missier tajjeb tal-familja.

Fl-istess vena fis-sentenza **Victor Savona pro.et.noe. vs Dr. Peter Asphar et** gie deciz:

"**Mid-duttrina u mill-gurisprudenza fuq iccitata ghandu jiġi ritenut li t-tabib mhux tenut ghad-danni rizultanti minn zball professjonali ammenokke dana l-izball ma jkunx grossolan, u ammenokke' il-hsara ma tistax tiġi lilu addebitata minhabba nuqqas ta' prudenza, dilgenza u attenzjoni ta' 'bonus pater familias'**."

Allura sa fejn tasal ir-responsabbilta' tat-tabib. Iwiegeb hekk il-Laurent:[188]

"**Non e' possibile determinare in modo generale il limite delle responsabbilita' dei medici. Spetta al magistrato ravvisarle in ciascuno specie, secondo i fatti e le circostanze, che possono infinitamente variare, non perdendo mai di vista quel principio fondamentale che deve sempre servigli di guida, val dire che per aversi responsabbilta' professionale a d'uopo che taluno abbia comesso colpe non usando le volute vigilanze sopra se' medesimo o sui propri atti, o dando prova di ignoranza imperdonabile nell'esercizio della sua professione; spetta ai tribunali applicare questa massima con discernimento, lasciando alla scienza tutta la latitudine che si deve, ma accordando del pari alla giustizia a al diritto tutto quanto loro appartiene.**"

Ukoll l-Archbold jishaq:

---

[188] **Principio di Diritto Civile**, Vol.XX para 156 pg.422

"**A physican or surgeon owes a duty to the patient to use diligence, care, knowledge, skill and caution in administering treatment, and the law requires not the highest or a very high standard, but a fair and reasonable standard of care and competence.**"
[sottolinejar tal-Qorti]

Illi abbinat ma' dan il-grad ta' responsabbilta', allura huwa hawnhekk illi jaghmel sens l-element tal-preveddibilita' rikjest fid-dritt penali. Dana għaliex l-professjonista li volontarjament huwa negligenti u imprudenti jista' jasal jikkaguna hsara li hija prevedibbli bħala konsegwenza ta' l-azzjonijiet tiegħu. U hawnhekk allura ikun hemm in-ness bejn l-azzjoni u l-event dannuz li jista' iwassal għal htija.

Mill-provi, u kif rikonoxxut mir-rapport tal-Perit Torpiano:

- Il-Perit Micallef kien attent li jagħmel *trial holes* fl-art tal-bitħa, biex jistabbilixxi fejn kienu l-pedamenti tal-bini adjaċenti;

- Kien konxju li kien hemm bżonn li jinbena ħajt ieħor miegħu, imma ħaseb li dan seta' jsir malajr u b'hekk il-ħajt ma jkollux ċans jitħarrek;[189]

- Jason Saliba jispjega kif il-Perit aġixxa b'espedjenza u filwaqt: *"Jiena **ddiskutejt mal-perit dalgħodu, u qalli li minflok pedament kien se jgħidli biex nagħmlu saqaf biex nirfdu il-ħajt.** Ma konniex se nibnu ħitan, imma s-saqaf kien se jkun minn appoġġ għall-ieħor. Is-saqaf kien se jkun bi "flush" beams. **Il-perit tani x'kelli nagħmel,**"* iżda l-ħajt waqa' ftit minuti wara.[190]

- Micallef stess jiddeskrivi l-azzjonijiet li kien ħa fuq il-proġett li ġie segwit minnu tista' tgħid f'kull stadju:

  - *"għamilna **"inspection reports" tal-propjetajiet adjaċenti, u "method statement" li għaddejt lill-BRO** (Building Regulations Office);*[191] Mhux insinifikanti li <u>Condition Reports u l-Method Statement ma ġewx kontestati jew xort'oħra kritikati</u>;

  - *Fuq ix-xellug, il-pedamenti kienu anqas fondi, u hemmhekk ma ħammiltx magħhom;*[192]

[189] Fol.122
[190] Fol.125
[191] Fol.120
[192] Fol.121

- ***Taħt dan il-blat investigajt bl-"excavator" u sibt tafal, u minħabba f'hekk ma skavajtx sal-livell li kelli fil-permess****, imma għollejt il-livell tal-binja, fuq wara, b' 40 cm.*[193] ***..... It-Tnejn fil-għaxija****, ttawwalt anke n-naħa ta' wara, u rajt "hairline crack" fil-madum tal-passaġġ bejn il-ħajt li waqa' u l-paviment (tal-passaġġ madwar il-Foss). Jiena ddeċidejt li r-"raft" tal-binja ntiha f'żewġ partijiet, il-parti ta' wara qabel il-parti l-oħra, ħalli fuqha nista' nibni sular, biex nirfed il-passaġġ. Il-ħxuna tar-"raft" kienet se tkun ta' 450mm....Peress li ma tul nhar it-Tlieta kont se nkun Malta, jiena tgħid istruzzjonijiet lill-Anthony Bugeja u lis-sid biex iħarsu lejn il-kunsentura li kont nnutajt, u jżommuni nfurmat......;*

- *Illum fis-7:30 ta' filgħodu, mort l-ewwel xogħol hemm hekk, għaliex kont ftehmt mas-sid li kont se ntihom d-dettalji kif jagħmlu r-"raft" ta' wara. Kien hemm żewġ ħaddiema tal-kuntrattur ta' l-iskavar għadhom iwittu. Staqsejthom jekk kienux ċċekkjaw filgħodu il-kunsentura fil-passaġġ, u qaluli li kienu għadhom ma ċċekkjawx. Jiena waqqafthom mix-xogħol, bgħathom jiċċekkjaw, u ċempilt lill-bennej u s-sid biex jiġu. Tlajt niċċekkja jien wara, u sibtha kibret ftit, madwar 1mm. Nżilt isfel u x'ħin kont qed nara l-kundizzjoni tal-ħajt fuq in-naħa tad-dar, beda jfarfar fuq in-naħa tal-lemin, meta tħares mid-dar. Jiena <u>bdejt nibża li l-ħajt ma kienx ngastat mal-kantunieri u għidtilhom biex jitilqu mil-post tax-xogħol</u>. Dan kien għaliex ħsibt li biex nibnu r-"raft", u ntellgħu sular kien se jieħu ħafna żmien, u <u>kien hemm bżonn li nagħmel xi ħaġa aktar malajr.</u> <u>Ma ridtx nħalli l-ħaddiema hemmhekk</u>. Jiena tlaqt fit-8:30am. Mort l-uffiċċju u kont qed naħseb ħa nara x'nagħmel. Fid-9:15am ċempluli biex jgħiduli li l-ħajt kien waqa';*[194]*.....*

- *Mistoqsi jekk għamilniex xi xogħol fuq il-ħajt, ngħid li aħna m'għamilniex xogħol fuq il-ħajt. <u>Kont se ntella' ħajt ieħor miegħu li jistrieħ fuq r-"raft" li kont se nibni.</u>* ***X'ħin waqa' il-ħajt,*** *ndunajt li għalkemm 'il fuq kien oħxon, isfel, milli stajt nara fuq ix-xellug, kien qoxra waħda biss, u warajħ ħamrija;*

- *Jiena m'għamilt l-ebda toqob fil-ħajt. ......****Sal-ġurnata ta' llum ma stajtx nikkonstata il-ħxuna tal-ħajt fil-parti t'isfel.";***[195]

- *Qabel għamilna l-insurance* ***għamilt it-trial holes minn ġol-bitħa tagħna biex nara li l-ħajt mhux mibni fil-wiċċ, rajt kemm hu fond il-pedament****.*

[193] Ibid.
[194] Fol.121-122
[195] Fol.122

*.. .. Rajt li l-ħajt mibni... jiġifieri l-pedament mibni sew, mhux mibni xi ġebel mitfugħ bl-addoċċ;*[196]

- *Jiġifieri xħin ċarratna t-twieqi ndunajt jien li dawn it-tlett piedi (3'), jiġifieri l-maskan ta' ġew, kien qiegħed jiġifieri skont is-sengħa, kien imballat u kien iebes. …..Milli rajt iva rriżultali li kien b'saħħtu…..U ma kienx fih difetti. .....Issa jien lanqas qgħadt fuq hekk. Għax peress li l-ħajt kien fih il-kmamar mibnijin miegħu jien ridt inkun naf jekk dawn il-kmamar żdidux wara bħala accretions mal-post oriġinali għall-konvenjenza jew inkella nbdnewx oriġinali bħala parti mill-ħajt. Issa jien* ***diġà kelli idea li dawn inbnew bħala accrestions għax kieku bħalma ġagħluna nżommu l-kmamar ta' quddiem il-Planning Authority u l-SEH ma kienux jħalluna nwaqqgħu dawn il-kmamar ta' wara****. …..Imma jien xorta ridt naċċerta ruħi. Allura bdejna nħottu bil-mod bl-idejn,*[197] u

- ***meta rajt dan kollu, jiġifieri l-ħajt mibni robust, ma fih l-ebda difett, li mibni freestanding... freestanding jiġifieri għamel żmien mibni waħdu, iżomm. Jien ma rajt l-ebda problema li jien inkompli bix-xogħol u nwaqqa' u li l-ħajt iżomm sakemm nerġa' nibni****….Dan il-hairline crack ma nkwetanix jiena li naħseb li l-ħajt ħa naqa', għax dan it-tip ta' ċertu movimenti żgħar meta jsiru dawn ix-xogħlijiet huwa quite common. Jiġifieri biex jaqa' l-ħajt mhux dan il-hairline crack ridt.* [Però] ***ma njorajthiex.***[198]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Primarjament jingħad li mill-atti proċesswali, u fid-dawl tar-regolamenti u qafas regolatorju kkunsidrat, ma jirriżultax li l-Perit Micallef naqas in kwantu għas-sorveljanza li kellu jeżerċita fuq ix-xogħlijiet.

Il-fatt innifsu li Micallef lemaħ il-*hairline crack* proprju għaliex hu ma kienx jispezzjona l-ħajt mid-dar ta' Agius biss iżda kien jispezzjona s-sit miż-żewġ naħat inkluż min-naħa ta' fuq tat-triq taċ-Ċittadella, fuq is-sur, juri li l-Perit ma traskurax jew kien negliġenti f'xogħlu: *"Mit-triq ta' fuq.... Jien* ***il-ħajt dejjem rajtu miż-żewġ naħat."***[199]

[196] Fol.282
[197] Fol.282-283
[198] Fol.284
[199] Fol.299

Dak li l-Qorti trid tiddetermina kif tgħallem il-ġurisprudenza li saret referenza ampja għaliha, hu jekk il-Perit Micallef eżerċitax mhux xi diliġenza metikoluża jew straordinarja iżda jekk għemilu ssodisfax l-***"standard ta' imġieba li kien mistenni minnu u minn kull perit arkitett ieħor fil-qagħda tiegħu."***[200]

Kif jgħallem **Charlesworth:** [201]

> The duty of an architect is to use the care and skill of an architect of ordinary competence measured by the professional standard of the time.

Fis-sentenza **Joseph Vincent sive Jovan Mizzi et vs Dr Tonio Fenech et noe et**[202] saru s-segwenti konsiderazzjonijiet li tassew isibu applikazzjoni għal konsiderazzjonijiet li trid tagħmel din il-Qorti biex tiddeċiedi tistax tiġi attribwita l-*culpa* lil Perit Micallef: [203]

> Għalhekk id-diliġenza meħtieġa hi dik ta` 'buon padre di famiglia', u mhux dik metikoluża, straordinarja u eċċezzjonali. Infatti fis-sentenza **Vivian S. Bianchi et vs Perit Italo Raniolo** (Cit Nru: 18/1981LFS deċiża 29 ta` April, 2011) intqal:
>
> `Fil-kawża fl-ismijiet **Malcolm Harwood vs Joseph Aquilina et,** deċiża fis-27 ta` Jannar, 2003 minn din il-Qorti presjeduta mill-Onor. Imħallef Philip Sciberras intqal
>
> "… Jinħass opportun f`dan l-istadju li jiġu puntwalizzati u sottolinejati ddoveri li b`liġi huma mposti kemm fuq il-kuntrattur, kif ukoll fuq l-Arkitett, inkarigati mill-eżekuzzjoni ta` xogħol ta` kostruzzjoni, anke għaliex dawn bħal kull ħaddieħor iwieġbu għall-ħsara li tiġri bl-għemil tagħhom jekk ma jużawx id-diliġenza, prudenza jew ħsieb ta` missier tajjeb tal-familja (Artikolu 1032(1), Artikolu 1033 tal-Kodici Ċivili);
>
> Jingħad a propositu fil-kawża fl-ismijiet "**Marianna Cini pro et noe - vs- Paolo Galea et",** Appell Ċivili, 27 ta` Ottubru 1958, illi "ma jistax ikun hemm dubju li perit li jiġi nkarigat mill-kostruzzjoni ta` fond għandu d-dmir li jassigura ruħu illi l-kostruzzjoni tal-bini lilu fdata, speċjalment għal dak li hi solidita` issir sewwa u skond is-sengħa; anzi prinċipalment, skond il-liġi, dan id-dover jaqa` fuqu aktar milli fuq il-bennej; u huwa l-perit dak li jassumi quddiem l-awtorita` kompetenti r-responsabilita` tax-

---

[200] **Marianna Cini pro et noe v. Paolo Galea et**; Appell Ċivili Per S.T.O. Prof. Dr. A.J. Mamo, Onor Imħallef Dr. A.J. Montanaro Gauci, Onor Imħallef Dr. W. Harding. Deċiża 27 ta' Ottubru, 1958. Dan kien każ ta' tiġrif ta' bini taħt kostruzzjoni fil-Furjana.
[201] **Charlesworth,** The Law of Negligence, 2nd ed, p.419
[202] Qorti Ċivili Prim Awla; Deċiża 29 ta' Settembru 2016. Per Onor Imħallef Joseph Zammit Mckeon. Ċitata mill-Qorti Ċivili Prim Awla fid-deċiżjoni ferm erudita li eżaminat *funditus* dik li għandha tkun id-diliġenza eżerċitata minn perit arkitett, **Martin Coppini vs AIC John Rizzo Naudi** Per Onor. Imħallef Dr. Miriam Hayman; Rikors Ġuramentat Nru.: 838/2012 MH 8 ta' Lulju, 2020

xogħol li tiegħu jkun ser jieħu d-direzzjoni. Dover għalhekk, formalment assunt u mpost mil-liġi, tal-perit hu dak illi juża l-abilita` u d-diliġenza meħtieġa biex fl-eżekuzzjoni ta` dak il-bini xejn ma jsir li jista` jikkaġuna perikolu jew ħsara; huwa dmiru li jara li l-bennejja li jkunu ser jaħdmu taħtu jkunu liċenzjati, u anke jekk liċenzjati, għandu jidderieġi huwa nnifsu u jissorvelja x-xogħol, b`mod li ma jħallix isiru operazzjonijiet kontra s-sengħa u li jikkrejaw perikolu. Mhux biżżejjed għall-perit li jistaqsi lill-bennej x`inhu jagħmel, imma għandu jaċċerta ruħu personalment u direttament x`ikun qed isir, u huwa responsabbli għad-danni jekk l-għemil tiegħu juri negliġenza ..."

… Illi hekk kif ingħad fil-kawża fl-ismijiet **Savona vs Asphar** (Qorti tal-Appell deċiż fit-2 ta` April, 1951, Vol XXXV.I.pg 55) professjonista huwa responsabbli għal żball grossolan iżda mhux tenut għad-danni riżultanti minn żball professjonali, sakemm mhux li dan sar kawża ta` nuqqas ta` prudenza, diliġenza u attenzjoni ta` bonus pater familias."

Dwar kellux l-imputat jippresupponi li l-ħajt in kwistjoni li minn miegħu neħħa l-*accretions,* kienx mibni ħażin, jiġi trattat aktar 'il quddiem. Iżda fuq skorta ta' dawn is-sentenzi, m'hemmx dubju li kif ġa ġie determinat, l-imputat Micallef altru li eżerċita s-sorveljanza minnu rikjesta fuq ix-xogħlijiet u l-ħaddiema waqt l-andament tax-xogħlijiet.

8. <u>Id-Dinamika tal-kroll</u>

Mix-xhieda ta' Jonathan Micallef u George Scicluna rriżulta li l-ħajt iġġarraf billi l-ewwel niżlet in-naħa tal-każin La Stella filwaqt li l-ħajt in-naħa taċ-ċinema baqa' mdendel, u ftit tal-ħin wara niżlet anke din il-parti tal-ħajt.

Jingħad mill-ewwel li dwar il-fatt li l-ħajt li krolla ma kellux naħa minnhom ingastata, marbuta mal-appoġġi, il-Perit Torpiano ma naqasx milli jagħmel dik il-konstatazzjoni tant li jsemmi li:

*"....r-ritratt Nru.2, li juri li 'il fuq mill-paviment tal-passaġġ madwar il-Foss, il-**ħajt ta' l-appoġġ m'għandu l-ebda sinjal li kien marbut mal-ħajt li waqa'**. Aktar minn hekk ir-ritratt Nru.8 juri li **taħt il-livell tal-paviment, lanqas kien hemm ħajt ta' l-appoġġ.***

*Fuq in-naħa l-oħra, s-sitwazzjoni hija ftit differenti. Ir-ritratt Nru.3 juri li 'il fuq mill-paviment, kien hemm xi erba' filati ta' knaten, fil-parti t'isfel tal-ħajt, li kien <u>marbutin ma' l-appoġġ</u>, waqt li il-filati 'il-fuq kienu biss jmissu ma' l-appoġġ, u mhux marbuta miegħu. Mill-banda l-oħra, r-ritratt Nru.9 juri li l-ħajt, ta' wara il-kmamar li tneħħew, kien <u>marbut ma l-appoġġ fuq ix-xellug</u>."*[204]

---

[204] Fol.46

Issa il-Perit Torpiano jsib nuqqas in kwantu għall-fatt li:

*"Il-ħajt kollu kellu qies ta' madwar 11m wisgħa bejn iż-żewġ appoġġi. Fuq in-naħa tax-xellug, kien hemm kostruzzjoni fuq żewġ sulari, li kienet tirfed tul ta' 2.7m tal-ħajt mill-appoġġ tax-xellug. Fuq il-lemin kien hemm kostruzzjoni oħra fuq żewġ sulari, li kienet tirfed tul ta' 3.8m tal-ħajt mil-appoġġ tal-lemin. Il-parti ċentrali, mingħajr irfid, kellha għalhekk kejl ta' 4.5m. .......*

*...allavolja il-ħitan tal-kmamar li tneħħew ma kienux ngastati fil-ħajt li waqa', kienu xorta jservu ta' rfid lill-istess ħajt.* ***Fil-fatt, anke kieku l-ħajt kien marbut mal-appoġġi, minħabba li dawn l-appoġġi kienu 11 metru minn xulxin, xorta waħda dan l-irbit ma kienx ser iżomm il-ħajt.***

*L****-għoli ta' 13.5m żdied b'madwar 1m (tlett filati) meta twittiet il-bitħa****. L-għoli tal-materjal wara l-ħajt, madwar 10.5m, (aktar minn tlett sulari), tal-kwalità bħal dik li kien hemm bejn iż-żewġ qoxriet tal-ħajt,* ***jitfa pressjoni kbira fuq l-istess ħajt u, qoxra waħda ta' ġebel żgur ma tistax tiflaħ għal dan****.*

***.....l-ħajt waqa' għaliex tneħħew il-kmamar ta' wara, u biex tiżdied il-problema, tbaxxiet l-art tal-bitħa, biex wassal li kien hemm ħajt ta' ħxuna limitat, għoli ta' 14.5 metri u wisgħa ta' 11-il metru, mingħajr irfid. Ħajt bħal dan huwa instabbli anke jekk ma jkunx hemm materjal warajh. Aktar u aktar kien instabbli bil-pressa tal-materjal, jew ħamrija, li kien hemm warajh."***[205]

Il-Perit Micallef jikkontendi li l-ħajt ma waqax min-nofsu u ċioè mill-punt l-iktar dgħajjef tiegħu, iżda mis-*support* tan-naħa tal-lemin:*"Is-supports ta' hajt bhal dan ikunu l-iktar b'sahhithom peress li jistriehu u jkunu mirfuda ma' l-appogg kull naha. Il-kollass sehh proprju għaliex kien hemm difett mohbi f'dan is-support tal-lemin. Is-support ma kienx marbut ma' l-appogg u ghaldaqstant zelaq minghajr ebda sinjal ghajr għal ftit tfarfir mill-kantuniera ftit tal-hin biss qabel waqa'.*[206]*"*

---

[205] Fol.46-47

[206] Fol.738-739

**<u>Teżijiet dwar kif Seħħ il-Kroll</u>**

Għalhekk mill-provi miġjuba, senjatament dak li ġie kkonstatat mill-Perit Torpiano, u x-xhieda okulari jemerġu żewġ teżijiet dwar id-dinamika ta' kif waqa' l-ħajt, fejn il-kroll seħħ fuq żewġ livelli:-

(a) il-parti tan-nofs tal-ħajt, u
(b) il-parti tal-ġnub tal-ħajt.

Il-Qorti tikklassifika dawn iċ-ċirkostanzi bħala teżijiet proprju għaliex il-prosekuzzjoni baqgħet ma stabbilietx **<u>kif</u> iġġarraf il-ħajt fis-sens ta' liema parti ċediet l-ewwel** bil-konsegwenza li l-kumplament tal-ħajt kompla jiġġarraf għax <u>inġibed jew inbeżaq</u> wara li l-ewwel parti ċediet.

Kien proprju għalhekk li kien hemm nuqqas serju min-naħa tal-investigazzjoni speċjalment meta l-investigaturi kienu mgħarrfa bl-eżistenza ta' xhieda okulari. Kieku l-Perit Torpiano kien mgħarraf b'dik ix-xhieda, seta' kompla jistabbilixxi <u>d-dinamika</u> dwar kif waqa' l-ħajt.

Hu korrett u jolqot il-musmar fuq rasu l-Perit Micallef meta jiddikjara: "*inti biex tifhem x'ikkaġuna l-kollass u kif ġara l-kollass mhux... inti tieħu information xħin tara l-kollass, imma inti idealment issaqsi jekk kienx hemm xi ħadd li rah jaqa' u tistaqsi dan kif waqa', waqax l-ewwel minn nofsu, minn żaqqu... waqax mill-kantuniera.*[207] *.....Kont għadni ma nafhomx dawn l-affarijiet. Però meta tkellimt mas-Sur Cremona li kien in charge minn taċ-Ċittadella u qal li rrapurtawlu tnejn minn nies li waqa' l-ħajt, jien staqsejtu "Dawn rawh jaqa?" u hu qalli "Iva'. Għidtlu "Jafu kif waqa'? Qalulek kif waqa'?" u hu qalli "Iva, l-ewwel waqgħet il-kantuniera, wara ftit mumenti mbagħad waqgħet il-parti tan-nofs tal-ħajt." Issa sfortunatament il-Perit Torpiano ma ħassx il-ħtieġa jistaqsi lil John Cremona min qallu li waqa' l-ħajt, kif rah jaqa' u liema parti waqgħet u liema parti waqgħet l-aħħar."*[208]

Diġà ntqal li ma jirriżultax li xi nuqqas f'dan is-sens hu attribwibbli għall-abbilissimu Perit Torpiano iżda għal min kellu l-obbligu jinformah b'dawn ix-xhieda okulari u baqa sieket!

---

[207] Fol.295-296
[208] Fol.296

Id-dinamika ta' kif iġġarraf il-ħajt tolqot preċiżament il-kwistjoni li din il-Qorti trid tiddetermina u ċioè jekk il-konsegwenzi li seħħew kinux dovuti għall-għemil tal-Perit Micallef fis-sens li tali konsegwenzi, kemm-il darba minnu xprunati, kinux *reasonably forseeable.*

I. L-ewwel teżi hi li l-ewwel li ċediet kienet il-**parti tan-nofs** li ġibed il-parti tal-ħajt li ma kienx ingassat u ċioè li ma kellux irbit tal-appoġġ.

It-tieni teżi hi li l-ewwel ċediet il-**parti tal-ħajt** li kien imiss mal-każin La Stella - illi llum hu paċifiku li din il-parti ma kinitx marbuta fl-ewwel lok, meta l-parti l-oħra tan-naħa taċ-ċinema kienet marbuta tant li baqgħet hemm - u allura hekk kif ċediet din il-parti tal-ħajt mal-każin, ġibdet kollox magħha inkluż in-nofs tal-ħajt.

Fil-fatt l-abbli Perit Torpiano sa minn meta aċċeda fuq il-post ikkonstata li:

> *"....r-ritratt Nru.2, li juri li 'il fuq mill-paviment tal-passaġġ madwar il-Foss, il-**ħajt ta' l-appoġġ m'għandu l-ebda sinjal li kien marbut mal-ħajt li waqa'**. Aktar minn hekk ir-ritratt Nru.8 juri li **taħt il-livell tal-paviment, lanqas kien hemm ħajt ta' l-appoġġ.***
>
> *Fuq in-naħa l-oħra, s-sitwazzjoni hija ftit differenti. Ir-ritratt Nru.3 juri li 'il fuq mill-paviment, kien hemm xi erba' filati ta' knaten, fil-parti t'isfel tal-ħajt, li kien marbutin ma' l-appoġġ, waqt li il-filati 'il-fuq kienu biss jmissu ma' l-appoġġ, u mhux marbuta miegħu. Mill-banda l-oħra, r-ritratt Nru.9 juri li l-ħajt, ta' wara il-kmamar li tneħħew, kien marbut ma l-appoġġ fuq ix-xellug."*[209]

Fuq dan il-punt jiġi sottolinejat li kuntrarjament għal dak li ġie sottomess fit-trattazzjoni orali tal-imputat Micallef, il-Perit Torpiano kien ben konsapevoli ta' dan il-fattur u ċioè li naħa tal-ħajt ma kellhiex irbit.

Jingħad mill-ewwel li dan il-fattur, u ċioè n-nuqqas ta' rbit mal-kumplament tal-ħajt tas-sur, issarraf f'ċirkostanza provvidenzjali għaliex potenzjalment ġie skansat li tintmiss jew tintlaqat xi parti mill-fortifikazzjoni taċ-Ċittadella!

II. Imiss issa li jiġu kunsidrati dawn iż-żewġ teżijiet bil-għan li jiġi stabbilit jekk l-għemil tal-Perit Micallef, ċioè kienx hemm nuqqas ta' prevedibbiltà fl-ordnijiet li ta meta kien qed isir l-iskavar u t-tħaffir, jissodisfax ir-rekwiżit taċ-*chain of causation*

[209] Fol.45-46

li l-liġi tirrikjedi li jissussisti bejn l-għemil inkriminat u l-konsegwenzi dannużi tas-sinistru.

- *L-Ewwel Teżi*

Jiġi sottolinejat li **l-ewwel teżi ma timmilitax** daqstant favur l-imputat Micallef peress li kif jirriżulta mir-rapport tal-Perit Torpiano u mix-xhieda tal-imputat, kien hu li ordna *inter alia* t-tħaffir u t-tneħħija tal-*accretions*, tal-kmamar. Għalkemm din il-Qorti hi konxja li l-*accretions* inbnew f'xi żmien wara li kien inbena l-ħajt oriġinali, żgur mhux forsi, kien hemm żmien fejn dawn l-*accretions* ma kinux determinanti biex il-ħajt iżomm f'postu.

Għalhekk meta Micallef jgħid li neħħa l-*accretions* qed jissubentra fil-parametri ta' dik li l-Qorti tara bħala l-kondotta mistennija minn Perit:

> "kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-"bonus paterfamilias": dik il-kondotta, ċioè, illi fil-każ konkret kienet tiġi wżata minn persuna ta' intelliġenza, diliġenza u sensibilita' normali"[210]

Madankollu l-Qorti ma tistax tgħid l-istess in kwantu għall-**iskavar tal-bitħa** li l-Perit ordna li jsir għaliex kif jikkonstata l-abbli espert Perit Torpiano:

> *"L-għoli ta' 13.5m żdied b'madwar 1m (tlett filati) meta twittiet il-bitħa. L-għoli tal-materjal wara l-ħajt, madwar 10.5m, (aktar minn tlett sulari), tal-kwalità bħal dik li kien hemm bejn iż-żewġ qoxriet tal-ħajt, jitfa pressjoni kbira fuq l-istess ħajt u, qoxra waħda ta' ġebel żgur ma tistax tiflaħ għal dan....... l-ħajt waqa' għaliex tneħħew il-kmamar ta' wara, u biex tiżdied il-problema, tbaxxiet l-art tal-bitħa, biex wassal li kien hemm* ***ħajt ta' ħxuna limitat, għoli ta' 14.5 metri u wisgħa ta' 11-il metru, mingħajr irfid****. Ħajt bħal dan huwa instabbli anke jekk ma jkunx hemm materjal warajh.* ***Aktar u aktar kien instabbli bil-pressa tal-materjal, jew ħamrija, li kien hemm warajh****...... x'ħin waqa` l-ħajt induna li taħt il-livell tal-paviment, il-ħajt kien jikkonsisti f'qoxra waħda u li warajh kien hemm il-ħamrija."*[211]

[210] **Il-Pulizija vs. Perit Louis Portelli.** Per l-Onor. Imħallef Dr. J. Flores. Deċiża 4 ta' Frar 1961
[211] Fol. 46-47

F'dan ir-rigward kienet indubjament **azzardata, imprudenti u ċertament nieqsa mill-kawtela mistennija,** l-ordni mogħtija minn Micallef sabiex jiskava aktar 'l isfel il-bitħa mill-livell tal-madum. Dan meta kien konxju li quddiemu hemm ħajt għoli 13.5m u bl-għemil tiegħu ma ra xejn inkluż li l-għoli jiżdied għal 14.5m. *Multo magis* meta jitqies li kull ma għamel kienu *trial holes* biex jikkonstata li l-pedamenti kienu mibnija sew u meta ma rax ħtieġa li jiddetermina l-ħxuna tal-ħajt.

Magħdud ma' dan jiġi kkunsidrat kif l-imputat kellu żmien biżżejjed, ċioè mill-mument li tneħħew il-kmamar/l-*accretions* li kienu qed isservu ta' irfid, li fih seta' ħa l-prekawzjonijiet imsemmija u l-passi neċessarji biex jiġi determinat kemm tassew kellu ħxuna l-ħajt kif ukoll jaċċerta ruħu li l-pedamenti kienu sodi. Fi kliem l-imputat, *"Ix-xogħol ta' twaqqiegħ tal-kmamar sar dan l-aħħar xahar".*

- *It-Tieni Teżi*

It-tieni teżi mbagħad hi li l-ewwel ċeda l-parti tal-ħajt mal-każin li ma kienx marbut u per konsegwenza mar in-nofs ukoll, mentri l-ħajt tan-naħa taċ-ċinema baqgħet imdendla. Allura f'din l-ipoteżi l-biċċa tan-nofs ċediet għaliex il-parti ta' mal-każin ma kinitx marbuta.

Il-Qorti issa jkollha tistaqsi:

- Il-perit kellu jinduna li din il-parti ma kinitx marbuta?
- Il-perit kien tenut jiddetermina jekk dik il-parti tal-ħajt kinitx marbuta jew le?
- Huwa raġonevolment mistenni li ħajt ta' tlettax il-metru u nofs (13.5m) għoli ma jkunx marbut?
- Huwa raġonevolment mistenni li perit jidħol fuq biċċa xogħol, minkejja li ma jkun hemm ebda sinjali bħal tbewwiq jew konsenturi, jibda bil-presuppost li x-xogħol hu mibni ħażin? Dan ifisser ukoll li jekk perit jidħol f'dar biex jagħti parir dwar jekk għandhiex tinxtara d-dar, jagħti parir dwar l-istat tas-soqfa, u dan jara illi s-soqfa mhux imbewqa u ma għandhomx konsenturi u għall-grazzja tal-argument ma hemmx sinjali ta' umdità, għandu dan il-perit **jibda mill-presuppost li hemm xi ħaġa ħażina xorta waħda?**

  Naturalment is-sitwazzjoni tkun differenti jekk il-perit jintebaħ li hemm xi konsenturi jew ħadid espost jew inkella addirittura fuqu hemm

terrazzin fejn jista' jippenetra l-ilma tax-xita! F'tali każ wieħed tassew jista' jistenna li perit imur dak il-pass oltre u jivverifika l-istat tat-terrazzin biex iserraħ moħħu li hu adegwat biex jilqa' l-ilmijiet.

– Applikat dan l-eżami għall-fatti tal-kawża, kien hemm xi ħaġa li lill-Perit Micallef nebbħitu li l-ħajt ma kienx marbut, ingassat, meta kif jixhed il-Perit Falzon:

***"il-ħajt ma kellu l-ebda rabta tal-ħajt tal-appoġġ. Jiena meta rajtu l-ħajt kien imwaqqa' kompletament, kulma kien fadal kienu l-mursalli tal-ħajt fuq in-naħa tax-xellug u fuq in-naħa tal-lemin ma kien hemm xejn; kien hemm lega ħamrija..... jindika li kien hemm fih xi tip ta' matskan"***.[212]

Il-Perit Micallef jenfasizza li qatt ma seta' jipprevedi l-ħajt kien bla mursalli proprju għaliex is-sengħa u l-arti tal-bini teżiġi li ħitan ikollhom mursalli. Kien biss wara li waqa' l-ħajt li dehru żewġ difetti kbar ġo fih. L-ewwel difett kien li, kif jixhdu r-ritratti **l-kantuniera kienet mibnija fuq il-ħamrija,**[213] l-appoġġ u ċioè **il-kantuniera tiegħu ma kinitx teżisti**. Dan jurih permezz tar-ritratt tal-ħajt mit-triq 'il fuq fejn jidher mibni fuq il-ħamrija.[214] It-tieni difett, li Micallef jiddeskrivih bħala kardinali, kien li **min bena dan il-ħajt li waqa' ma ndenjax jagħmel mursall wieħed:** *"Morsal ifisser li meta inti tibni l-ħajt tqatta' biex tqabbdu ġol-ħajt l-ieħor. Dan ma ndenjax jagħmel morsal wieħed. Issa s-sengħa u l-arti tal-bini tgħidlek li tagħmel filata morsal u filata le. Jien kemm ilni perit rajt ħitan ma jagħmlulhomx filata u filata le. Jagħmluhom per eżempju kull erba' filati. Imma jien qatt ma rajt ħajt bħal dan li għal xi raġuni li jien sal-illum għadni ma nistax nifhimha kif ma għamilx morsal wieħed meta dan ried jagħmilhom ġol-ħamrija, jiġifieri kien faċli jagħmilhom għax kemm iqatta' ġol-ħamrija biex il-ħajt iqabbdu wara l-appoġġ. Dan ma għamilx morsal wieħed"*.[215]

Id-dikjarazzjonijiet tiegħu jkomplu jimmanifestaw proprju x'kellu verament f'moħħu l-Perit Micallef fil-mument li kien qed jagħti l-istruzzjonijiet u jippjana l-att materjali, ix-xogħlijiet minnu ordnati, fil-**kuntest tas-sitwazzjoni li kienet qed tippreżenta ruħha quddiemu fl-istess** żmien li ħa d-deċiżjonijiet li kienu mistennija minnu.

[212] Fol.338
[213] **Dok.SM3 – Dok.SM5** a fol.308-310
[214] **Dok.SM3** a fol.308
[215] Fol.289-290

Jitfakkar li -

> The duty of an architect is to use the care and skill of an architect of ordinary competence measured by the professional standard of the time.[216]

Ma dan jiżdied il-prinċipju li:

> **.....l-intenzjoni dejjem tibqa' kwistjoni soggettiva – jigifieri x'kellu f'mohhu l-agent (l-akkuzat) fil-mument li għamel l-att – u mhux semplicement kwistjoni oggettiva ta' x'missu anticipa jew x'kienet tanticipa l-persuna ta' intelligenza ordinarja. Jigifieri m'ghandhiex issir enfasi preponderanti fuq il-konsegwenzi li rrizultaw mill-att.**[217]

Micallef jixhed: *"ma stajtx [ninduna bid-difett għax biex tinduna bih ridt tqatta' wara l-ħajt tal-appoġġ. Jien kif stajt inqatta' wara l-ħajt tal-appoġġ? Kieku taqqabt ġol-ħajt ma kontx se tinduna. Fejn tinduna jekk mhux morsalli? Issa li kont qed nispjega jiġifieri dawn it-tnejn huma difetti. Issa meta jkunu...* ***meta jinzertaw ġewġ difetti bħal dawn ma' xulxin ħeqq ir-riżultat huwa katastrofiku****. Għaliex? Għax inti għandek il-ħajt bil-materjal jimbotta wrajh li mhux ingastat, jiġifieri minn dik in-naħa ma hemmx x'iżommu. U jerġa' mhux talli mhux ingastat imma talli qiegħed mal-ħamrija. Jiġifieri dan lanqas friction ma hemm għax inti qisu għandek il-karozza bit-tyre fuq iż-żrar....... Jien lanqas fhimt kif il-Perit Torpiano qal li l-ħajt u l-kmamar nbnew żmien differenti u mbagħad qal li waqa' għax neħħejna l-kmamar meta dan inbena fi żmien differenti....... Inbena qabel għax jiena meta qlajt u bdejt inħott il-ħitan rajt illiw ara il-ħitan kien imkaħħal. Ara per eżempju jekk tara dan ir-ritratt*[218] *...inti tinduna li wara l-bejt imkaħħal. Jiġifieri dak bilfors li l-bejt tagħna sar wara li nbena l-ħajt tal-appoġġ. Għax inti ma tistax tagħmel il-bejt tidħol tkaħħal wara..... U barra minn hekk, kif diġà għidt, kieku kien oriġinali l-kmamar, is-Supretendenza u l-Planning Authority ma kienux se jħalluna nwaqqgħuhom... U jerġa' inti qatt ma tista' tibni l-kmamar mingħajr il-ħajt tat-triq. Kif tista' tibni kmamar mingħajr il-ħajt tat-triq? Imbagħad tidħol f'dak il-fond u tibnieh wara?....Li xtaqt ngħid....Sur Avukat illi l-Perit Torpiano semma illi dan mibni fuq il-kantuniera u mibni bla morsalli. Semmiehom wara. Imma* ***naqas li jgħid li dawn huma difetti kardinali. ....imkien ma qal li huma difetti u kontra kull regola u kull prinċipju bażiku tal-arti u s-sengħa tal-bini****.... Jien naf li dawn* ***li tagħmel il-morsalli huwa prinċipju bażiku tas-sengħa u l-arti tal-bini****......* ***il-ħajt inbena free-standing jiflaħ għall-pressa, u għamel żmien jiflaħ għall-pressa....****".*[219]

---

[216] **Charlesworth,** Law of Negligence; 2nd ed, p.419
[217] **Ir-Repubblika ta' Malta v. John Polidano et**. *Sup. Cit.*
[218] **Dok.SM6** a fol.316
[219] Fol.290-292

Għalhekk l-imputat jagħti stampa differenti għall-konklużjoni raġġunta mill-espert Perit Torpiano meta kkonkluda li l-imputat kellu jispezzjona l-ħajt iktar mill-qrib, jiddetermina l-kostruzzjoni tal-ħajt mal-appoġġi anke 'l fuq mill-passaġġ jew billi jagħmel toqob fil-ħajt biex jikkonstata l-ħxuna tiegħu. Fil-fehma tal-imputat billi kien ser itaqqab fil-ħajt ma kienx ser jinduna li m'hemmx ktajjen għaliex hu qatt ma seta' jtaqqab wara l-appoġġ *"wara kulħadd għaref, imma dan ħadd ma kien jimmaġina illi dan il-ħajt ma kellux mursal wieħed ġol-appoġġ... Il-kollass sar minħabba d-difetti ta' din il-kantuniera. Mhux għax waqa' l-ħajt per se.... Minħabba d-difetti li kellu dan il-ħajt fil-kantuniera*[220]*.....Għax ejja ngħidu li jien qabbadt lil dawn il-kumpaniji li hawn jieħdu core, dan kien itaqqab minn ġol-ħajt, ma kienx se jmur itaqqab minn wara l-appoġġ. U kif kont se ninduna jien li l-kantuniera li fiha dan id-difett? ...Kif diġà spjegajt* ***meta rajt li l-ħajt ma fih l-ebda ċaqliq, mibni robust, il-kmamar inbnew wara, jiena kif diġà spjegajt ma kelli raġuni għax ngħid illi l-ħajt mhux ser iżomm sakemm nerġgħu nibnu****. Jien ġieni d-dubbju biss nofs siegħa qabel ma waqa'. U nirrngrazzja 'l Alla li dan ġrali wara tnejn u tletin (32) sena esperjenza, għax kieku ġrali xħin kont għadni nilħaq perit lanqas biss kont se ninduna nofs siegħa qabel bin-***naqra farfir.** "*[221]

Hu proprju hawn li jassumu rilevanza l-kliem meqjusa u eruditi tal-Qrati nostrani meta dejjem sostnew li:[222]

> Fir-rigward tar-responsabbiltà tal-kjamat perit A. B., il-Qorti kkunsidrat dak illi qalet din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Bonsons Limited vs Perit Arkitett Catherine Galea**, deċiża fit-23 ta' Ottubru 2012: "huwa miżmum li l-għaqal u d-diliġenza li jrid juri l-professjonist fit-twettiq ta' xogħlu huwa dak mistenni normalment minn professjonist tal-affari tiegħu, aġġornat fit-tagħrif li l-professjoni (jew il-qasam li jaħdem fih) tistenna minn kull kollega tiegħu, u mwettaq bl-attenzjoni u r-reqqa li x-xogħol li jissejjaħ jagħmel jitlob mill-każ. Dan jitlob kejl oġġettiv. Sakemm ma jkunx hemm xi disposizzjoni ta' liġi li tgħid mod ieħor dwar il-professjoni li tkun, ħadd ma jwieġeb għall-ħsara li tiġri minħabba nuqqas ta' prudenza, għaqal jew ħsieb fi grad akbar.

Fuq dan il-punt il-Qorti tirrileva li dak li l-liġi tissanzjona hu biss in-nuqqas ta' prevedibbiltà; liema għemil irid jiġi kunsidrat fl-isfond taċ-ċirkostanzi li kienu jeżistu qabel is-sinistru u mhux wara li jseħħ.

**Giovanni Cattaneo** fil-ktieb tiegħu "*La responsabbilta del professionista*" jgħallem:

---

[220] Fol.294

[221] Fol.296

[222] **Pawlu Saydon et vs Jesmond Pulo et.** Deċiża fit-28 ta' Lulju 2016

> L'errore professionale … si ha quando la condotta risulti non obiettivamente adatta al caso concreto sebbene il professionista abbia agito diligentemente, facendo quanto gli suggerivano le conoscenza proprie del buon professionista della sua categoria; se poi, verificatosi l'esito negattivo, si scopre che la condotta per ottenere il risultato avrebbe dovuto essere diversa, nulla puo' rimproverarsi al professionista, che non era in grado di rendersene conto preventivamente.

F'dan is-sens il-Perit Falzon jagħmel dikjarazzjoni importanti li timpinġi direttament fuq il-kwistjoni ta' prevedibbiltà tal-ħsara kaġunata u tikkorrobora dak li jixhed Micallef:

*"Kemm ilni perit jiena l-ewwel darba li rajt ħajt mibni b'dak il-mod, speċjalment ħajt ta' ċerta età illi jkun mibni b'dak il-mod....U ta' ċertu għoli ovvjament..... Peress li ma kien esebixxa l-ebda sinjali li kien qed jiżżaqqaq ...* ***F'dan il-każ ma kienx hemm dawk is-sinjali ħlief fl-aħħar. ....Il-ħajt mibni bis-sengħa jkollu l-mursalli, tant illi jekk jaqa' l-ħajt, il-mursalli ma jaqgħux, kif ġara fuq in-naħa l-oħra****".*[223] Iżid li sa erba' ġimgħat qabel ma waqa' l-ħajt, sinjali li ħajt ikun ser iċedi li jkunu jidhru fil-ħajt innifsu hekk kif minn ġewwa jibda jitbewwaq il-ħajt, ***"ma rajt l-ebda sinjal".***[224]

Iktar minn hekk, il-Perit Micallef jixhed li qabel ma waqa' l-ħajt ma setax jivverifika jekk il-kantuniera in kwistjoni kinitx ingastata ***"Le, ma stajtx għax anke jekk ittaqqab ġol-ħajt biex tinduna bihom trid ittaqqab wara l-ħajt tal-appoġġ. U wara l-ħajt tal-appoġġ ma stajtx intaqqab."***[225]

Jiġi sottolinejat li fuq dan il-punt ukoll il-Perit **ma ġiex kontradett** jew ġie pruvat mod ieħor!

Issa kieku m'hemmx lok għat-tieni teżi, dawn l-argumenti appena esposti, jirriduċu rwieħhom għar-relm akkademiku, iżda ġaladarba l-Qorti jidrilha li **t-tieni teżi ma tistax tiġi eskluża b'ċertezza morali** – u ċioè t-teżi li l-ewwel li ċeda kien il-ħajt li ma kienx marbut mal-appoġġ li per konsegwenza ġibed il-parti tan-nofs tal-ħajt miegħu (u mhux l-ewwel teżi li l-ewwel ċeda n-nofs u b'konsegwenza ġibed il-parti mhux marbuta mal-appoġġ) – **ma jistax jingħad li ġie pruvat iċ-*chain of causation* rikjesta bil-liġi bejn l-att li ħoloq id-danni u d-danni riżultanti** fis-sens li dak li seħħ ġara b'konsegwenza li l-Perit Micallef kompla jbaxxi l-bitħa u per konsegwenza kompla dgħajjef il-ħajt, liema ħajt il-Perit Micallef ma kienx aċċerta ruħu mill-ħxuna tiegħu kif sew jikkonkludi l-abbli espert Torpiano.

---

[223] Fol.339
[224] Fol.340
[225] Fol.285

Għalhekk tenut kont tal-konsiderazzjonijiet magħmulha, u senjatament salv dak li ntqal rigward it-tħaffir tal-bitħa, magħdud mal-fatt li *"Il-ħtija tal-perit tissarraf fl-inadempiment ta' standard ta' imġieba li kien mistenni minnu u minn kull perit arkitett ieħor fil-qagħda tiegħu"*[226] il-Qorti ma tistax issib sal-grad rikjest mil-liġi li l-Perit Micallef naqas milli jeżerċita l-prudenza, diliġenza u attenzjoni ta' *bonus pater familias* rikjesta fl-eżerċizzju ta' xogħlu fil-parametri spjegati tant elokwenti mill-Qrati tagħna.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Jiġi rilevat għal fini ta' kompletezza li l-prosekuzzjoni naqset milli tindika mqar regolament wieħed li l-imputat allegatament naqas milli jħares. Dan jingħad tenut kont li nuqqas ta' osservanza ta' regolamenti hi ċirkostanza li potenzjalment twassal għal sejbien ta' ħsara involontarja.

Kellha tkun il-Qorti li tipprova teżamina l-volum ta' regolamenti, *inter alia* fl-oqsma tas-saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol u rigward żvilupp u siti ta' kostruzzjoni, li setgħu japplikaw għall-imputat Micallef *qua* Perit tal-proġett fiż-żmien li seħħ is-sinistru:

> the duty of an architect is to use the care and skill of an architect of ordinary competence measured by the professional standard of the time.[227]

F'April, 2018 ma kienx għadu daħal fis-seħħ l-**Att dwar il-Periti**, Kap.622 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk din il-Qorti, fin-nuqqas totali li jiġi indikat lilha jekk, u kif, allegatament kien hemm xi nuqqas ta' osservanza ta' regolamenti – waħda mill-elementi li jikkontempla l-artikolu 328 tal-Kodiċi Kriminali – taħt liema regolamenti seta' jinkwadra l-għemil tal-Perit Micallef.

Irriżulta mingħajr dubju li l-**Att dwar l-Ippjanar u Żvilupp** ġie osservat mill-Perit Micallef in kwantu dan jistipula li kull applikazzjoni ta' żvilupp trid tiġi intavolata minn Perit.

Imbagħad l-Artikolu 419(b) tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi:

> **419**.Ebda wieħed mill-ġirien ma jista' –

[226] **Marianna Cini pro et noe v. Paolo Galea et**., *Sup. Cit.*
[227] **Charlesworth,** Law of Negligence; 2nd ed, p.419

> (a) jagħmel, mingħajr il-kunsens tal-ġar l-ieħor, ħofor fil-korp ta' ħajt komuni;
>
> (b) iwaħħal jew ipoġġi mal-ħajt komuni, mingħajr il-kunsens tal-ġar l-ieħor, xi biċċa xogħol ġdida, inkella, jekk dan ma jkunx irid, mingħajr qabel ma jkun stabbilixxa, b'periti, il-mezzi meħtieġa sabiex dik il-biċċa xogħol ġdida ma tkunx ta' ħsara għall-jeddijiet tal-ġar l-ieħor;

Il-Kodiċi tal-Pulizija wkoll jelenka numru ta' xogħlijiet li għalihom jinħtieġ l-intervent ta' Perit u ma jirriżultax li avverat xi ċirkostanza bħal dawk imsemmija fejn il-Perit Micallef naqas milli josservaha.

Ir-rekwiżit li jkun hemm *Method Statement* ġie aderit tant li kopji tiegħu jinstabu fl-atti. Dawn saru ai termini tal-**Avviż Legali 72 tal-2013** fejn kienu ntbagħtu lil Building Regulation Office.[228]

Ir-***Regolamenti tal-2013 dwar l-Evitar ta' Ħsara lil Proprjetà ta' Terzi Persuni*** (sostitwiti fl-2019 bl-Avviż Legali 136) jipprovdi s-segwenti regolamenti li jsibu applikazzjoni għall-każ odjern tenut kont li kienu fis-seħħ fiż-żmien is-sinistru.[229] Fir-regolament 2 insibu:

> 2.(1)L-iskop ta' dawn ir-regolamenti hu li jassikuraw li qabel ma jinbeda xi tip ta' xogħol ta' twaqqigħ ta' bini, skavar jew kostruzzjoni, perit b'kollaborazzjoni mal-manager tas-sit u l-kuntrattur għandu jipprepara metodoloġiji li huma teknikament sikuri sabiex jiġi minimizzat ir-riskju ta' ħsara lil proprjetà ta' terzi persuni jew korriment lil persuni li jistgħu jiġu kkawżati mix-xogħlijiet proposti.[230]

---

[228] Illum *condition reports* u *method statements* huma regolati bir-***Regolamenti tal-2019*** *dwar* ***l-Evitar ta' Ħsara lil Proprjetà ta' Terzi Persuni,*** **Avviż Legali 136 tal-2019,** li jipprovdi *inter alia* għall-ħtieġa ta' *condition reports* fil-konfront tal-proprjetà kontigwa u *method statements* dwar kif ser isir it-twaqqigħ, l-iskavar u t-twaqqif tal-istruttura.

[229] ***Regolamenti tal-2019 dwar l-Evitar ta' Ħsara lil Proprjetà ta' Terzi Persuni,*** pubblikati 25 ta' Ġunju 2019.

[230] Ir-regolament 3 imbagħad jagħti s-segwenti tifsiriet:

> "xogħol ta' kostruzzjoni" tinkludi dawk ix-xogħlijiet kollha ta' kostruzzjoni magħmula fuq l-istruttura ta' bini jew ta' inġinerija ċivili, <u>demolizzjoni</u> jew skavar li jsiru fuq sit ta' żvilupp, toroq, wesgħat u tinkludi ukoll tħaffir ta' mini;
>
> "żviluppatur" tfisser il-persuna li f'isimha ġiet sottomessa l-applikazzjoni għal permess għall-iżvilupp skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp, jew skont id-dispożizzjonijiet ta' regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu, għax-xogħlijiet fuq is-sit jew, fil-każ ta' attivitajiet ta' kostruzzjoni li ma jeħtiġux permess għall-iżvilupp, kull entità jew kumpannija li f'isimha ssir attività ta' kostruzzjoni;
>
> "demolizzjoni" tfisser it-twaqqigħ jew tneħħija ta' xi element strutturali li jifforma parti mill-bini, bħal bejt, ħitan ta' support interni u esterni u elementi ta' support oħra;

Ir-regolament 4 jelenka ċ-ċirkostanzi fejn dawn ir-regolamenti jsibu applikabilità *inter alia* għal xogħol ta':

(a) skavar taħt, jew mal-limiti ta', jew sa distanza ta' 2.5 metri minn kull bini eżistenti, jew struttura li żżomm ħamrija jew ilma li tappartjeni lil jew okkupata minn terzi persuni; jew
(b) id-demolizzjoni jew tneħħija ta' kull bini eżistenti, jew bejt jew struttura li tmiss mal-limiti ta', jew biswit eżatt, sottostanti jew sovrastanti xi proprjetà ta' jew okkupata minn terzi persuni; jew
(ċ) il-bini ta' sulari addizzjonali jew ħitan ta' support jew strutturi fuq xi proprjetà ta' jew okkupata minn terzi persuni;

Għaldaqstant m'hemmx dubju li dawn ir-regolamenti jimpinġu fuq il-mertu tal-ewwel żewġ imputazzjonijiet li jittrattaw in-negliġenza.

F'dawn ir-regolamenti jinsabu dispożizzjonijiet li mill-atti jirriżulta manifestament li ġew segwiti mill-Perit Micallef:

9.(1)Id-dikjarazzjoni tal-metodu għandha tiġi mħejjija minn perit b'kollaborazzjoni mal-manager tas-sit u l-kuntrattur......

(3) F'każ ta' xogħlijiet ta' demolizzjoni, id-dikjarazzjoni tal-metodu għandha tqis il-kundizzjoni strutturali tal-kostruzzjoni nnifisha u ta' strutturi kontigwi, is-sekwenza tax-xogħol, it-tip ta' għodda, apparat u makkinarju li ser jintużaw, u l-prekawzjonijiet li għandhom jittieħdu f'kull stadju biex jipprovdu għal dawk is-salvagwardji li għandhom jiġu adottati:

(a) kontra instabbilità tal-istruttura;
(b) għal partijiet minnha li qed jiġu imwaqqgħin;
(ċ) għal kwalunkwe struttura kontigwa.....

10.Ir-responsabbiltà professjonali għad-dikjarazzjoni tal-metodu tibqa' tal-perit li jħejjijha, filwaqt li r-responsabbiltà aħħarija għall-konformità mad-dikjarazzjoni tal-metodu tibqa' tal-manager tas-sit u tal-kuntrattur.

Mill-atti jirriżulta li sar Method Statement u mhux talli ma ġiex pruvat li kien hemm xi devjazzjoni minnu, anzi l-provi wrew li x-xogħlijiet li twettqu saru in lineja ma' dak deskritt u dikjarat fil-Method Statement tant li **ma kien hemm ebda oġġezzjoni għal *Method Statement*** ippreżentat.

Ukoll ma jirriżultax xi ksur jew non-osservanza xort'oħra tar-***Regolamenti tal-2018 dwar il-Post tax-Xogħol (Bżonnijiet minimi ta' Saħħa u Sigurtà tax-Xogħol***

***f'Siti ta' Kostruzzjoni)***[231] liema non-osservanza potenzjalment wasslet għall-kollass tal-ħajt.

Lanqas ma rriżultat xi non-osservanza ta' ***Regolamenti tal-2007 dwar l-Immaniġġar Ambjentali tas-Siti tal-Kostruzzjoni***[232] fis-seħħ fiż-żmien tas-sinistru li ġew sostitwiti bl-Avviż Legali 340 tal-2022.

L-istess jingħad in kwantu għan-negliġenza, nuqqas ta' ħila jew non-osservanza ta' regolamenti kontemplata bit-tieni imputazzjoni, salv għal dak li ġa ġie determinat rigward l-element li l-ħajt li ġġarraf kien jikkonsisti fi proprjetà kulturali, element li kif intqal ma ġie pruvat bl-ebda mod, anzi l-provi jeskluduh mingħajr dubju jew inċertezza.

9. It-tielet imputazzjoni hi dik kontemplata bl-artikolu 103(1)(b) tal-***Att dwar Ippjanar tal-Iżvilupp***, Kapitolu 552 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi:

> **103**.(1) Kull min –
>
> (b) jaġixxi bi ksur ta' xi waħda mid-dispożizzjonijiet tal-artikoli 57[233] u 58[234] fir-rigward ta' xi proprjetà skedata jew ordni ta' emerġenza għall-konservazzjoni; ......
>
> Ikun ħati ta' reat kontra dan l-Att

Il-Qorti hi perplessa bil-**lokuzzjoni ibrida** ta' din l-imputazzjoni tenut kont li l-imputazzjoni addebitata, għalkemm tiċċita l-artikolu 103(1)(b) tal-Att, timputa għemil li ma jiffigurax f'dik id-dispożizzjoni.

Iktar minn hekk id-diċitura tal-imputazzjoni nnifisha teskludi l-*culpa "wettaqtu xogħlijiet ta' żvilupp jew ħallejtu li jwettqu xogħlijiet ta' żvilupp"* meta d-diċitura kif ukoll il-buon sens jiddettaw li kemm-il darba qed tagħmel żvilupp dan hu att volontarju u intenzjonat! Għalhekk dak li tikkontendi l-prosekuzzjoni fis-sottomissjonijiet finali tagħha, assolutament ma jagħmilx sens.

Tant hu hekk li fis-subartikolu 6 tal-istess artikolu hemm provdut:

---

[231] Avviż Legali 88 tal-2018 pubblikat f'Marzu, 2018.
[232] Avviż Legali 295 tal-2007
[233] Ordni ta' skedar u għal konservazzjoni
[234] Ordni ta' emerġenza għal konservazzjoni.

(6) Ebda xogħol ta' kull xorta m'għandu jitwettaq fi proprjetà skedata jew fuqha u ebda proprjetà skedata m'għandha tiġi demolita, mibdula jew imkabbra ħlief bil-permess tal-Bord tal-Ippjanar, mogħti wara li ssirlu applikazzjoni u li jkun fiha dawk id-dettalji li l-Bord tal-Ippjanar jeħtieġ, jew skont id-dispożizzjonijiet ta' ordni għall-konservazzjoni, u għall-għanijiet ta' dan l-artikolu, ħsara lil u distruzzjoni ta' kull parti ta' proprjetà skedata għandha titqies bħala demolizzjoni tagħha.

Fil-każ in deżamina m'hemmx dubju li x-xogħlijiet fuq il-ħajt - anke kieku ġie pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li dan kien tassew parti mill-fortifikazzjoni taċ-Ċittadella jew bini skedat, fejn kif intqal ma ġie pruvat xejn minn dan – jibqa' l-fatt li x-xogħlijiet ġew **awtorizzati mal-ħruġ tal-permess mill-Planning Authority**.

Konsegwentement l-imputat qatt ma jista' jinstab ħati kif addebitat lilu bit-tielet imputazzjoni, u ċioè li wettaq żvilupp bil-konsegwenza voluta u intenzjonata minnu li jwaqqa parti mill-fortifikazzjoni taċ-Ċittadella.

Tajjeb jingħad li fejn l-Att ried jagħmel referenza għal *culpa* dan semmieh kif hu kontemplat bl-artikolu 69 tiegħu li jinvesti l-Bord ta' Reġistrazzjoni li jevalwa l-applikazzjonijiet għal reġistrazzjoni fir-Reġistru tal-Konsulenti eliġibbli biex iwettqu evalwazzjonijiet relatati ma' ħwejjeġ kif speċifikati fl-istess Att.

*Ubi lex voluit dixit*.

Finalment anke kieku din id-dispożizzjoni kellha tingħata tifsira li tkopri l-*culpa,* il-konsiderazzjonijiet ġa magħmulha fir-rigward tal-ewwel żewġ imputazzjonijiet isibu applikazzjoni anke fir-rigward ta' din l-imputazzjoni. Tant hu hekk li Mark Cini, b'onestà, iddikjara li l-parti li waqgħet **ma ġġarrfitx għaliex kienet tmesset bl-iżvilupp**, iżda kienet konsegwenza ta' xogħlijiet li kienu qed isiru fuq *area* koperta bil-permess għall-iżvilupp. [235]

Kunsidrat li hemm nuqqas totali ta' provi li jissostanzjaw din l-imputazzjoni, l-imputat qed jiġi liberat minnha.

[235] Fol.667-668

**DEĊIDE**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed tillibera lill-imputat Perit Saviour Micallef minn kull ħtija u piena.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**